NHSS
NATIONAL HEALTH SYSTEMS STRATEGY

# STRATEĠIJA GĦAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI GĦAL MALTA

## 2014-2020

### NIŻGURAW IS-SISTEMI TAS-SAĦĦA TAGĦNA GĦALL-ĠENERAZZJONIJIET FUTURI

REPUBBLIKA TA' MALTA

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAĦĦA

Ippublikat l-ewwel darba f'Ġunju 2014

© Segretarjat Parlamentari għas- Saħħa,
Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, Malta

Segretarjat Parlamentari għas- Saħħa
Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa
Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 2000, Malta
Tel: (356) 2122 4071
Email: cmo.doh@gov.mt

Kull jedd miżmum. B'eċċezzjoni għall-kwotazzjoni ta' partijiet żgħar għall-raġunijiet ta' riċerka jew evalwazzjoni l-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tinbiegħ, tinsilef jew tingħata b'xejn, kif ukoll li ma jista' jsir l-ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika ta' din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Ministeru.

Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa fi ħdan is- Segretarjat Parlamentari għas- Saħħa
f il- Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa jixtieq jirringrazzja lill-persuni u lill-organizzazzjonijiet kollha, li b'xi mod jew ieħor, taw il-kontribut tagħhom u pparteċipaw fil-preparazzjoni ta' dan id-dokument.

Editorjat: Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa fi ħdan is- Segretarjat Parlamentari għas- Saħħa
fil- Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa



Daħla

# Naħdmu lejn sistemi tas-saħħa siguri u sostenibbli għal kulħadd

Il-Gvern ta' Malta japprezza kemm is-saħħa hija għall-qalb taċ-ċittadin Malti għalhekk iddikjara s-saħħa u l-kura tas-saħħa bħala prijorità fuq quddiem nett tal-pjan ta' ħidma tiegħu. Xhieda ta' dan hija l-investiment kontinwu fis-settur tas-saħħa sabiex is-saħħa tinġieb aktar qrib in-nies. L-isfidi li jheddu s-suċċess ta' dan l-investiment huma bosta. Sfida ewlenija hija l-piż fuq is-saħħa kkawżat minn wieħed mis-suċċessi tas-servizz tas-saħħa nnifsu – stennija ta' għomor itwal. Din, flimkien mad-domanda dejjem tiżdied għal teknoloġiji u trattamenti ġodda, sfidi marbuta mal-istil ta' ħajja moderna, kif ukoll il-ħtieġa u l-aspettattiva li minkejja dan, jingħata servizz ta' kwalità għolja wasslet għall-ħtieġa ta' strateġija komprensiva għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Din il-viżjoni hija essenzjali sabiex tinkiseb l-eċċellenza fis-saħħa li tista' tintlaħaq minn dawk kollha li jeħtiġuha, u sabiex jiġi żgurat li din tista' tinżamm għal ħafna snin oħra.

L-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali qiegħda tibni fuq is-sisien sodi tas-sistemi tas-saħħa preżenti tagħna sabiex tassigura li jinżamm u jittejjeb kontinwament servizz tas-saħħa aċċessibbli u ġust. Il-Gvern huwa impenjat sabiex ikompli jipprovdi l-kura tas-saħħa ta' kwalità u mingħajr ħlas lil kulħadd. Dan huwa marbut mal-għan tagħna li nimmassimizzaw il-benesseri fil-popolazzjoni tagħna, matul il-kors tal-ħajja tal-individwu. Wara kollox, it-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiż jiddependu għalkollox fuq is-saħħa tal-popolazzjoni tiegħu.

Għalhekk it-triq lejn il-kisba ta' sostenibbiltà fil-kura tas-saħħa ma tinsabx fir-restrizzjoni tal-aċċess għas-saħħa għall-popolazzjoni tagħna, iżda permezz ta' prevenzjoni, effiċjenza u użu aħjar tar-riżorsi disponibbli sabiex nagħtu l-benefiċċju massimu għall-investiment kontinwu tagħna fis-settur tas-saħħa.

It-tisħiħ tal-prevenzjoni huwa kruċjali għaż-żamma ta' popolazzjoni b'saħħitha – mhux biss prevenzjoni primarja sabiex jiġi evitat il-bidu tal-mard, imma anke biex jgħin lil dawk li huma morda jikkontrollaw il-marda u jimminimizzaw l-effett li l-marda jista' jkollha fuq l-attività ta' kuljum tagħhom. Sabiex jinkiseb dan, jeħtieġ li nrawmu ambjent li jappoġġja n-nies sabiex ikollhom stil ta' ħajja aktar b'saħħitha. Dan jeħtieġ l-involviment tas-soċjetà kollha tagħna.

Nemmnu b'mod qawwi li l-effiċjenza u s-sostenibbiltà jistgħu jinkisbu billi jsir aktar investiment sabiex inwasslu s-saħħa aktar fil-qrib tal-komunitajiet tagħna. It-tobba tal-familja ddedikati tagħna huma ġa f'pożizzjoni tajba biex jiksbu din il-viżjoni u dan is-settur jeħtieġ li jingħata s-setgħa permezz ta' aktar servizzi fi ħdan il-kura tas-saħħa primarja, inkluż kura u pariri speċjalizzati.

L-aħjar użu tat-teknoloġiji attwali, bħall-Internet u netwerks tal-mowbajl, huwa kruċjali wkoll għal settur tas-saħħa aktar sostenibbli. Is-servizzi tas-saħħa elettronika u m-health jikkomplementaw u jappoġġjaw il-kura eċċellenti pprovduta mill-fornituri tas-saħħa tiegħek billi jagħtu informazzjoni fejn u meta tkun meħtieġa, jagħtu s-setgħa liċ-ċittadin biex jieħu kontroll tas-saħħa tiegħu u jippermettu lil min ifassal il-politika sabiex jalloka l-investiment fejn ikun meħtieġ l-aktar.

L-użu tar-riżorsi eżistenti tagħna u l-involviment fil-governanza huma essenzjali għall-kisba tal-potenzjal massimu tal-investiment tal-individwu. Il-gvern jemmen bis-sħiħ fil-kwalità tar-riżors ewlieni f'dan is-settur – il-ħaddiema tas-saħħa tagħna. L-għoti tas-setgħa lill-fornituri tas-saħħa tagħna biex jiksbu l-potenzjal massimu tagħhom permezz tal-provvediment ta' aċċess għal aktar taħriġ u riċerka medika se jgħin lill-pajjiż jikseb l-eċċellenza prevista għall-kura tas-saħħa Maltija. Fil-fatt, sabiex riżors b'kapaċità għolja bħal din twassal l-eċċellenza, jeħtieġ ukoll infrastruttura xierqa. Dan japplika partikolarment għall-iżvilupp tal-irwol tas-servizzi tas-saħħa primarja f'Malta. Nemmnu wkoll fl-irwol ta' ċentri ta' eċċellenza speċjalizzati li se jkomplu jpoġġu lil Malta fuq il-mappa tas-saħħa reġjonali.

Għal dan l-għan, huwa bi pjaċir kbir li qed nippreżenta l-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali ta' Malta għall-perjodu 2014 sal-2020. Il-Gvern qed jikkommetti ruħu sabiex imexxi l-implimentazzjoni u jappoġġja t-twettiq tagħha bħala parti mid-determinazzjoni tiegħu li jindirizza sfidi fit-tul. Billi jikkondividi din il-viżjoni, il-Gvern qed jistieden lill-entitajiet l-oħra kollha fis-settur pubbliku biex jinvolvu ruħhom u jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tagħha. Qed nistieden lilek ukoll, bħala ċittadin Malti, sabiex tagħmel parti minn din il-viżjoni u tagħmilha tiegħek sabiex inkunu nistgħu nimxu flimkien fl-istess direzzjoni – lejn il-kisba ta' servizz tal-kura tas-saħħa li jagħti kura ta' kwalità għolja lil kulħadd.



Hon. Mr. Chris Fearne
MD, FRCS Ed, MP
Segretarju Parlamentari għas-Saħħa

# WERREJ


Daħla 3

Werrej 5

Werrej ta' kaxxi, figuri u tabelli 9

Glossarju / akronimi 10

Sommarju eżekuttiv 11

KAPITLU 1
## SFOND 15

1.1 Il-ħtieġa għal strateġija għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali (NHSS) 15

1.2 Il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin 16

1.3 L-organizzazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin 21

KAPITLU 2
## METODOLOĠIJA U PROĊESS KONSULTATTIV 25

2.1 Tim tal-proġett 25

2.2 Skeda ta' żmien u attivitajiet 25

2.3 Konsultazzjoni 27

KAPITLU 3
## ALLINJAMENT MAL-ISTRATEĠIJI GĦAS-SAĦĦA TAL-WHO U L-UE 29

3.1 Introduzzjoni 29

3.2 Il-kisba ta' riżultati pożittivi għas-saħħa 29

3.3 L-approċċ tal-kors tal-ħajja 30

3.4 Is-saħħa fil-politika kollha 30

3.5 Sistemi tas-saħħa dinamiċi 31

3.6 Is-saħħa, il-prosperità u t-tkabbir ekonomiku 31

3.7 Monitoraġġ tas-sistemi tas-saħħa 32

3.8 Riformi meħtieġa biex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa 33

3.9 Konklużjoni 34

KAPITLU 4
## IL-FORMULAZZJONI TAL-GĦANIJIET GĦALL-ISTRATEĠIJA GĦAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA 35

4.1 Introduzzjoni 35

4.2 Ir-rwol strateġiku u komprensiv tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) 37

4.3 Il-ħsieb wara l-erba' objettivi ġenerali u s-seba' direzzjonijiet strateġiċi 38

OBJETTIV ĠENERALI 1 Is-saħħa u l-benesseri matul il-ħajja 38

DIREZZJONI STRATEĠIKA 1A Il-kura xierqa fil-post xieraq fil-ħin opportun 38

DIREZZJONI STRATEĠIKA 1B Involviment u għoti tas-setgħa biex tiġi promossa s-saħħa 39

OBJETTIV ĠENERALI 2 L-iżgurar tal-ekwità fi ħdan sistemi tas-saħħa dinamiċi u l-iżgurar ta' progress sostnut 39

DIREZZJONI STRATEĠIKA 2A Isir l-aħjar użu minn riżorsi disponibbli 40

OBJETTIV ĠENERALI 3 Sforz konġunt biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura 40

DIREZZJONI STRATEĠIKA 3A Il-formulazzjoni ta' standards fi ħdan approċċ iċċentrat fuq il-pazjent 41

DIREZZJONI STRATEĠIKA 3B Servizzi siguri, ta' kwalità għolja u effiċjenti 41

OBJETTIV ĠENERALI 4 Il-ħidma lejn sistemi tas-saħħa sostenibbli 42

DIREZZJONI STRATEĠIKA 4A Ippjanar integrat bħala parti essenzjali ta' sistemi tas-saħħa sostenibbli 42

DIREZZJONI STRATEĠIKA 4B Tittejjeb it-tmexxija:governanza parteċipatorja għas-saħħa 43

KAPITLU 5
L-INDIKATURI TA' REFERENZA EWLENIN GĦALL-ILLUSTRAZZJONI TAL-OBJETTIVI ĠENERALI TAL-ISTRATEĠIJA GĦAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI 45

5.1 Introduzzjoni 45

5.2 Żieda fid-domanda u l-isfidi minħabba tibdil demografiku, xejriet epidemjoloġiċi, it-tixjiħ u gruppi vulnerabbli: 46

A. Id-demografija 46

B. Indikaturi tal-istil ta' ħajja 48

i. L-obeżità 49

ii. Pressjoni għolja u livelli ta' kolesterol għolja fid-demm 50

iii. It-tipjip 50

iv. Il-konsum tal-alkoħol 51

v. Id-Dieta 52

Ċ. Inċidenza ta' mard 53

i. Mard li jittieħed:enfasi speċjali fuq Koch (TB) u l-Epatite B 53

ii. Id-dijabete 53

iii. Ħruġ mill-isptar għall-mard iskemiku tal-qalb, il-mard ċerebrovaskulari u l-mard tal-apparat respiratorju 53

iv. Neoplażmi malinni (kanċer) 54

v. Is-Saħħa Mentali 54

vi. Utilizzazzjoni tal-Kura fit-Tul 56

5.3 Aċċess, disponibbiltà u puntwalità ta' servizzi, mediċini u teknoloġiji mediċi 56

A. Ammissjonijiet evitabbli 56

B. Teknoloġija medika 57

Ċ. Kura Sekondarja 57

D. Ħtieġa mhux sodisfatta 58

E. Servizzi komunitarji għall-anzjani 58

F. Servizzi tal-onkoloġija 58

5.4 Il-kwalità tal-kura, inkluża s-sikurezza tal-pazjent, il-kontinwità u l-konsistenza tal-kura, l-implimentazzjoni tal-protokolli u/jew linji gwida internazzjonali 59

A. Forza tax-xogħol għall-kura tas-saħħa mħarrġa 59

B. Programmi Nazzjonali tal-Iskrinjar tal-Kanċer 60

Ċ. Tilqim 60

D. Dewmien fl-Isptar u Riammissjonijiet 61

5.5 Il-ħtieġa għal viżjoni fit-tul għas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa tagħna 61

5.6 Politiki u strateġiji tas-saħħa 63

KAPITLU 6
IL-PERSUNI FIL-QALBA TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA (L-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-PERSUNI) 65

6.1 Introduzzjoni 65

6.2 Il-kunċett li qiegħed jevolvi ta' approċċ iċċentrat fuq il-persuni 67

6.3 Il-valuri, il-prinċipji u l-karatteristiċi ta' approċċ tas-sistemi tas-saħħa ċċentrati fuq il-persuni 68

A. Individwi, familji u komunitajiet 68

B. Professjonisti tas-saħħa 69

Ċ. Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 69

D. Awtoritajiet tas-Saħħa 69

KAPITLU 7
L-IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI ĊĊENTRATI FUQ IL-PERSUNI: OBJETTIVI, DIREZZJONIJIET U MIŻURI 71

7.1 OBJETTIV ĠENERALI 1 Is-saħħa u l-benesseri matul il-ħajja 71

DIREZZJONI STRATEĠIKA 1A Il-kura xierqa fil-post xieraq u fil-ħin opportun 71

Individwi, familji u komunitajiet 71

Professjonisti tas-saħħa 73

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 73

Awtoritajiet tas-Saħħa 74

DIREZZJONI STRATEĠIKA 1B L-involviment u l-għoti tas-setgħa għall-promozzjoni tas-saħħa 75

Individwi, familji u komunitajiet 76

Professjonisti tas-saħħa 76

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 77

Awtoritajiet tas-Saħħa 78

7.2 OBJETTIV ĠENERALI 2 L-iżgurar tal-ekwità fi ħdan sistemi tas-saħħa dinamiċi 79

DIREZZJONI STRATEĠIKA 2A Isir l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli u jiġi żgurat il-progress sostnut 79

Individwi, familji u komunitajiet 79

Professjonisti tas-saħħa 80

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 81

Awtoritajiet tas-Saħħa 83

7.3 OBJETTIV ĠENERALI 3 Sforz konġunt biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura 84

Azzjonijiet sabiex jiġi żviluppat ir-rwol strateġiku u komprensiv tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fisa-Saħħa (ICT tas-Saħħa) 84

DIREZZJONI STRATEĠIKA 3A Il-formulazzjoni ta' standards fi ħdan approċċ iċċentrat fuq il-pazjent 85

Individwi, familji u komunitajiet 86

Professjonisti tas-saħħa 86

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 87

Awtoritajiet tas-Saħħa 87

DIREZZJONI STRATEĠIKA 3B - Servizzi siguri, ta' kwalità għolja u effiċjenti 88

Individwi, familji u komunitajiet 88

Professjonisti tas-saħħa 89

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 89

Awtoritajiet tas-Saħħa 90

7.4 OBJETTIV ĠENERALI 4 Il-ħidma lejn sistemi tas-saħħa sostenibbli 91

DIREZZJONI STRATEĠIKA 4A Ippjanar integrat bħala parti essenzjali ta' sistemi tas-saħħa sostenibbli 91

Individwi, familji u komunitajiet 91

Professjonisti tas-saħħa 91

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 92

Awtoritajiet tas-Saħħa 92

DIREZZJONI STRATEĠIKA 4B It-titjib fit-tmexxija u l-governanza parteċipatorja għas-saħħa 93

Individwi, familji u komunitajiet 94

Professjonisti tas-saħħa 94

Organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa 94

Awtoritajiet tas-Saħħa 95

KAPITLU 8

GOVERNANZA TAL-ISTRATEĠIJA TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI 97

8.1 Introduzzjoni 97

8.2 Il-qafas baġitarju 98

8.3 L-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali 98

8.4 Il-kejl tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa 99

8.5 It-tmexxija tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali 100

Referenzi 101

# WERREJ TAL-KAXXI


KAXXA 1: Il-pilastri tal-NHSS 14

KAXXA 2: Il-pressjonijiet li qegħdin jiffaċċjaw is-sistemi tas-saħħa 15

KAXXA 3: Dokumenti użati fil-kompilazzjoni tad-direzzjonijiet u l-azzjonijiet strateġiċi tal-NHSS 26

KAXXA 4: Il-pilastri tal-NHSS 36


# WERREJ TAL-FIGURI


FIGURA 1: Piramidi tal-popolazzjoni għall-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin fl-2010, 2025 u 2060 46

FIGURA 2: Dewmien medju akut f'Malta, l-UE u pajjiżi Ewropej oħra – 1990-2010 61


# WERREJ TAL-TABELLI


TABELLA 1: Xejriet fl-indikaturi tal-popolazzjoni/demografiċi, snin magħżula 17

TABELLA 2: Indikaturi tal-mortalità u tas-saħħa, snin magħżula 18

TABELLA 3: Indikaturi tas-saħħa f'Malta matul il-perjodu 1984-2010 20

TABELLA 4: Indikaturi tas-saħħa materna, tat-tfal u tal-adoloxxenti, snin magħżula 21

TABELLA 5: Sorsi tan-nefqa bħala persentaġġ tan-nefqa totali fuq is-saħħa, 2012 22

TABELLA 6: Kawżi ewlenin ta' mewt skont in-numru, ir-rata u l-persentaġġ 47

TABELLA 7: Data demografika u epidemjoloġika għal Malta, Medja tal-UE u UE-15 għall-2010 48

TABELLA 8: Persentaġġ ta' tfal irrapportati li għandhom piż żejjed jew bi problemi ta' obeżità 49

TABELLA 9: Numru ta' klassijiet u numru ta' parteċipanti fi klassijiet tal-immaniġġjar tal-piż u tal-aerobiika organizzati mill-promozzjoni tas-saħħa 50

TABELLA 10: Bidliet fil-persentaġġi ta' pressjoni tad-demm normali u livelli tal-kolesterol fid-demm mixtieqa fl-adulti Maltin – it-tqabbil tad-data mill-1984 u l-2010 50

TABELLA 11: Numru ta' klassijiet u numru ta' parteċipanti fi kliniċi tal-waqfien mit-tipjip organizzati mill-unità tal-promozzjoni tas-saħħa 51

TABELLA 12: Data dwar it-tipjip u l-konsum tal-alkoħol 51

TABELLA 13: Tqabbil tal-konsum tal-frott u l-ħaxix fl-adulti Maltin u ewropej 52

TABELLA 14: Persentaġġ ta' tfal li jirrapportaw konsum ta' kuljum ta' frott u ħaxix skont is-sess f'Malta, 2002-2010 52

TABELLA 15: Tqabbil tal-ħruġ mill-isptar għall-mard iskemiku tal-qalb, il-mard ċerebrovaskulari u l-mard tal-apparat respiratorju fl-2009 f'Malta u l-pajjiżi tal-UE skont is-sess u UE-15 53

TABELLA 16: Ir-rati ta' inċidenza kull 100,000 u r-rati tal-imwiet kull 100,000 għall-popolazzjoni Maltija għall-2010 u l-pajjiżi UE-25 għall-2006, għall-kanċer kollu u għażla ta' tipi ta' kanċer partikolari (permezz tal-Popolazzjoni Standardizzata Ewropea) 55

TABELLA 17: Ammissjonijiet evitabbli: l-ażma u l-Chronic Obstructive Pulmonary Disease (COPD) f'Malta u pajjiżi tal-UE – 2009 56

TABELLA 18: Ammissjonijiet evitabbli: id-dijabete b'kumplikazzjonijiet u mingħajrhom – 2009 57

TABELLA 19: Unitajiet ta' teknoloġiji ta' immaġni dijanjostika li jiffunzjonaw f'Malta u pajjiżi magħżula kull 100,000 persuna għas-sena 2011 57

TABELLA 20: Ħtiġijiet mhux sodisfatti għal eżami mediku awtorapportati għal raġunijiet ta' ostakoli għall-aċċess f'Malta u pajjiżi tal-Unjoni Ewropea 58

TABELLA 21: Numru ta' studenti kull 100,000 tal-popolazzjoni Maltija li ggradwaw fil-professjonijiet tal-kura tas-saħħa f'Malta u l-pajjiżi tal-UE għas-sena 2010 59

TABELLA 22: Kopertura permezz ta' tilqim fit-tfal fl-2012 61

TABELLA 23: Xejriet fin-nefqa fuq is-saħħa f'Malta, 1995 sa 2010 62

TABELLA 24: Parteċipanti differenti fi ħdan l-4 dominji ewlenin tal-politika u l-azzjoni fl-approċċ tas-sistemi tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni 66

# GLOSSARJU / AKRONIMI

| | |
|---|---|
| **A&E** | Aċċident u Emerġenza |
| **AD** | Alternattiva Demokratika / Democratic Alternative party |
| **AGS** | Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir |
| **AIDS** | Virus tal-Immunodefiċjenza Akkwistata |
| **BMI** | L-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem |
| **CSR** | Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż |
| **CT** | Tomografija Komputerizzata |
| **DHIR** | Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa |
| **DTP** | Difterite, Tetnu u Poljo |
| **ECHI** | Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea |
| **EHES** | "European Health Examination Survey"<br>(Studju Pilota tal-Istħarriġ Eżami dwar is-Saħħa Ewropea) |
| **EHIS** | "European Health Interview Survey" (Stħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa) |
| **ESP** | Popolazzjoni Standard Ewropea |
| **ESPAD** | Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **EUROCARE** | Reġistru Ewropew għall-Kanċer |
| **FOBT** | Test tad-Demm Okkult fl-Ippurgar |
| **PDG** | Prodott Domestiku Gross |
| **HiAP** | "Health in All Policies" (Is-Saħħa f'kull Politika) |
| **HiB** | Haemophilus Influenza tat-tip B |
| **HIV** | Virus tal-Immunodefiċjenza Umana |
| **SĦS** | Snin ta' Ħajja b'Saħħitha |
| **HPDP** | Il-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |
| **HSPA** | Il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa |
| **ICCC** | Kura Innovattiva għal Kondizzjonijiet Kroniċi |
| **ICT** | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| **IHI** | "Institute for Healthcare Improvements" (Istitut għat-titjib fil-Kura tas-Saħħa, Stati Uniti) |
| **IOM** | "Institute of Medicine" (Istitut tal-Mediċina, Stati Uniti) |
| **LTC** | Il-Kura fit-Tul |
| **MEH** | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |
| **MFIN** | Ministeru għall-Finanzi |
| **MMR** | Ħosba, Gattone u Rubella |
| **MONICA** | Studju ta' Monitoraġġ Multinazzjonali ta' xejriet u determinanti fil-mard Kardjovaskulari |
| **MRI** | Immaġni bir-Reżonanza Manjetika |
| **NHA** | Kontijiet tas-Saħħa Nazzjonali |
| **NHIS** | Stħarriġ Nazzjonali dwar is-Saħħa |
| **NHSS** | Strateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali |
| **NOIS** | Sistema ta' Informazzjoni Nazzjonali dwar l-Obstetrija |
| **NRP** | Programmi Nazzjonali ta' Riforma |
| **NSO** | Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika |
| **OECD** | "Organisation for Economic Co-operation and Development"<br>(Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku) |
| **PET** | Tomografija b'Emissjoni ta' Pożitroni |
| **PL** | Partit Laburista / Labour Party |
| **PN** | Partit Nazzjonalista / Nationalist Party |
| **SDR** | Rata Standardizzata tal-Mortalità |
| **SILC** | Statistika tal-Istħarriġ dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien |
| **WHO** | "World Health Organisation" (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa) |

# Sommarju Eżekuttiv

Numru ta' raġunijiet qegħdin jikkontribbwixxu lejn il-ħtieġa li l-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa joħroġ Strateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali komprensiva. L-aħħar strateġija ġenerika għas-saħħa nazzjonali:Health Vision 2000 (Viżjoni għas-Saħħa 2000) inħarġet fl-1995. Is-sistemi tas-saħħa nazzjonali f'Malta qegħdin jipprovaw kontinwament jiġġestixxu ma' ambjent li qed jinbidel malajr. Qegħdin ukoll jaffaċċjaw diversi sfidi biex jiġu salvagwardjati u żgurati l-aċċess universali, il-kwalità għolja ta' kura u s-servizzi sostenibbli. Bi tweġiba għal dawn l-isfidi, ġew ippubblikati jew qed jiġu żviluppati numru dejjem jikber ta' strateġiji speċifiċi għal setturi magħżula. Hemm ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata strateġija orizzontali u komprensiva biex tiġi żgurata l-konsistenza u tingħata direzzjoni koerenti u kumplessivi għall-isfidi li qed jiġu ffaċċjati.

Il-popolazzjoni Maltija qiegħda tixjieħ bi tnaqqis kostanti fil-persentaġġ ta' persuni taħt l-età ta' ħmistax-il sena u żieda fin-numru ta' persuni bl-età ta' 65 sena u aktar. L-istennija tal-għomor żdiedet b'mod kostanti matul dawn l-aħħar 20 sena biex fl-2011, l-istennija tal-għomor mat-twelid kienet 83.1 sena għan-nisa u 78.8 sena għall-irġiel

Huwa meħtieġ li l-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali (NHSS) tiżgura l-aċċess universali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika. Fi ħdan ir- riżorsi baġitarji u disponibbli din l- Istrateġija nħadmet bil-għan li:

- intejbu u nżidu s-servizzi disponibbli;
- nippromwovu u nissimplifikaw interazzjonijiet bejn servizzi differenti biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura;
- intejbu u nżidu s-servizzi għaċ-ċittadini li mhumiex pazjenti inklużi il-prevenzjoni u l-iskrijnjar, u s-servizzi tal-promozzjoni tas-saħħa immirati jew lejn il-popolazzjoni inġenerali u/jew gruppi speċifiċi u vulnerabbli li jiġu identifikati.

L-NHSS iddur madwar sett ta' erba' objettivi ġenerali u seba' direzzjonijiet strateġiċi. L-objettivi jħaddnu l-politika strateġika identifikati minn reviżjoni fil-fond tal-istrateġiji tematiċi li ġew akkumulati f'dawn l-aħħar snin, minn dokumenti ta' politika maħruġa matul dawn l-aħħar għoxrin sena u d-deliberazzjonijiet tat-Task Force li nħolqot fl-2012 biex tfassal din l-istrateġija nazzjonali. L-objettivi huma ggwidati u infurmati wkoll minn letteratura internazzjonali u b'mod partikolari minn "Health 2020: A European policy framework supporting action across government and society for health and well-being" ("Saħħa 2020: Qafas ta' politika Ewropea li jappoġġja azzjoni fil-gvern u s-soċjetà għas-saħħa u l-benesseri") adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), European Region (Ir-Reġjun Ewropew) maħruġ fl-2012 u "Strateġija tal-UE dwar is-Saħħa - Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008- 2013" adottata mill-Kunsill Ewropew fl-2007. L-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi korrispondenti huma ppreżentati fil-Kaxxa numru 1 fl-aħħar ta' dan is-sommarju.

L-azzjonijiet u t-tattiċi strateġiċi identifikati għall-implimentazzjoni ta' kull direzzjoni strateġika huma ppreżentati fi struttura infurmata minn approċċ iċċentrat fuq il-persuni. Dan l-approċċ iħaddan viżjoni aktar wiesgħa tas-sistemi tas-saħħa komprensivi u jmur lil hinn milli

sempliċement jikkonċentra biss fuq is-sistemi għall-kura tas-saħħa li huma aktar familjari u viżibbli. Approċċ iċċentrat fuq il-persuni huwa distint mill-approċċ iċċentrat fuq il-pazjenti minħabba li jirrikonoxxi li qabel mal-persuni jsiru pazjenti jeħtieġ li jiġu infurmati u jingħataw is-setgħa li jippromwovu u jipproteġu s-saħħa tagħhom.

L-approċċ iċċentrat fuq il-persuni jirrikonoxxi erba' gruppi prinċipali ta' partijiet interessati. Dawn il-gruppi kollha jaħdmu u huma affetwati bis-suċċess tas-sistemi tas-saħħa. Dawn l-erba' gruppi jew dominji ta' politika u azzjoni jinkludu dawn li ġejjin:

INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

Biex tinkiseb kwalunkwe trasformazzjoni reali fi kwalunkwe parti mis-sistemi tas-saħħa dawn id-dominji għandhom jirrinfurzaw lil xulxin reċiprokament u t-tmexxija fi ħdan u matul id-dominji kollha hija rikonoxxuta bħala strument aħħari għall-bidla. Għaldaqstant, l-azzjonijiet ippreżentati għal kull direzzjoni strateġika ġew klassifikati skont kull wieħed mill-erba' gruppi prinċipali tal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

Il-punti prinċipali tal-azzjonijiet immirati lejn l-involviment ta' individwi, familji u komunitajiet jinkludu l-edukazzjoni ta' membri tal-pubbliku. Dan biex jakkwistaw ħiliet personali li jippermettu kontroll fuq is-saħħa tagħhom u involviment ma' sistemi tal-kura tas-saħħa bħal ħiliet biex tittejjeb il-komunikazzjoni, li jippermettu l-involviment fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u jżidu l-kapaċità għall-awtomonitoraġġ u l-kura personali. L-involviment se jseħħ ukoll billi jiġi rikonoxxut formalment u jiżdied l-appoġġ għal persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali fil-komunità, permezz ta' inizjattivi biex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fil-kura tas-saħħa primarja u billi tissaħħaħ l-importanza tal-irwoli tal-gvern lokali, organizzazzjonijiet volontarji u gruppi ta' pazjenti fil-provvediment tas-servizzi tas-saħħa.

Azzjonijiet immirati lejn professjonisti tas-saħħa se jiffukaw fuq l-iżgurar li dawn jappoġġjaw ir-rispett għall-pazjenti, il-ħtiġijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom fil-livell kliniku u jagħtu valur lill-komunitajiet u l-ħtiġijiet tagħhom fil-livell tas-saħħa tal-popolazzjoni permezz tar-rinfurzar ta' ħiliet u l-kompetenza professjonali fil-komunikazzjoni, l-empatija u r-rispons, il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Prattiċi li jippromwovu l-aċċess għall-iżvilupp professjonali u opportunitajiet ta' taħriġ, aderenza għal-linji gwida u protokolli bbażati fuq l-evidenza, impenn għall-kura ta' kwalità, sigura u etika, ħidma fi gruppi u kollaborazzjoni matul id-dixxiplini, il-provvista ta' kura koordinata u l-iżgurar tal-kontinwità tal-kura u l-involviment fil-governanza tal-kura tas-saħħa u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politika ġew inklużi bħala azzjonijiet għal dan il-grupp ta' partijiet interessati.

L-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa huma involuti ma' azzjonijiet meħtieġa biex jiġi garantit aċċess għall-persuni kollha li jeħtieġu l-kura tas-saħħa u biex jitwettaq l-impenn tagħhom għall-kura tal-pazjenti ta' kwalità, sigura u etika. L-azzjonijiet jinkludu wkoll il-kontinwazzjoni ta' inizjattivi għall-provvista ta' ambjent fiżiku sigur u li jilqgħek li jappoġġja stili ta' ħajja differenti, u l-ħtiġijiet ta' pazjenti u l-familja tagħhom għall-protezzjoni tal-privatezza u d-dinjità tagħhom. Ir-rikonoxximent tal-importanza tal-livelli kollha ta' persunal fil-provvista tal-kura tas-saħħa huwa appoġġjat f'din l-istrateġija. Azzjonijiet oħra jinkludu l-iżvilupp ta' mezzi aktar effettivi biex jiġu indirizzati ilmenti u l-organizzazzjoni ta' servizzi li jipprovdu konvenjenza u kontinwità ta' kura għall-pazjenti.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet tas-saħħa se jiġu obbligati li jiżguraw li l-kura tas-saħħa primarja se tkompli tevolvi bħala l-bażi għal saħħa aħjar, li jsaħħu arranġamenti ta' finanzjament li jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, li jkomplu l-investiment fl-edukazzjoni professjonali tas-saħħa li tippromwovi l-ħidma fi gruppi multidixxiplinari, ħiliet ta' komunikazzjoni tajba, u orjentazzjoni aktar b'saħħitha lejn il-prevenzjoni. Huma inklużi wkoll azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità nazzjonali biex jiġu żviluppati u mxerrda standards u protokolli, biex jiżdiedu t-teħid u l-użu tat-teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) biex jgħinu fit-tixrid ta' informazzjoni dwar pazjenti, tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u jiġi faċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet kemm mill-pazjenti kif ukoll mill-professjonisti tas-saħħa u biex jitrawmu aktar trasparenza u responsabbiltà fl-operazzjonijiet tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali.

**KAXXA 1** | IL-PILASTRI TAL-NHSS

**IT-TITJIB TAS-SAĦĦA, L-INNOVAZZJONI TAT-TRIQ 'IL QUDDIEM: OBJETTIVI ĠENERALI U DIREZZJONIJIET STRATEĠIĊI TAL-NHSS**

### OBJETTIV ĠENERALI 1

Azzjoni xierqa b'għarfien għaż-żieda fid-domanda u l-isfidi li jinħolqu mit-tibdil demografiku u x-xejriet epidemjoloġiċi permezz ta' attenzjoni fuq il-kors kollu tal-ħajja, it-tfal, l-anzjani u gruppi vulnerabbli

#### Direzzjoni Strateġika 1A

Inwieżnu persuni b'diffikultà biex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom u nindirrizaw iż-żieda fid-domanda għal kura ta' dipendenza għolja.

#### Direzzjoni Strateġika 1B

It-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa filwaqt li jiġu enfasizzati t-tibdil fl-imġiba u l-għażliet tal-istil tal-ħajja inklużi l-protezzjoni, l-iskrijnjar u d-dijanjożi bikrija, u l-kontroll tal-progressjoni tal-mard.

### OBJETTIV ĠENERALI 2

Iż-żieda fl-aċċess ekwu, id-disponibbiltà u l-puntwalità tas-servizzi tas-saħħa u soċjali, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa.

#### Direzzjoni Strateġika 2A

It-titjib fl-immaniġjar u l-effiċjenza tas-servizzi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-prijoritizzazzjoni, il-monitoraġġ, is-sħubija pubblika privata, u mudelli oħra ta' provvediment ta' servizzi.

### OBJETTIV ĠENERALI 3

It-titjib tal-kwalità tal-kura billi tiġi żgurata l-konsistenza ta' kura pprovduta minn ħaddiema tas-saħħa kompetenti appoġġjati minn sistemi ta' informazzjoni robusti.

#### Direzzjoni Strateġika 3A

Il-formulazzjoni u l-infurzar ta' standards ta' kwalità inklużi l-għoti ta' liċenzji u l-akkreditazzjoni u l-iżvilupp u l-applikazzjoni sistematika ta' protokolli ta' mmaneġġjar tal-każijiet.

#### Direzzjoni Strateġika 3B

L-iffaċilitar tal-kontinwità tal-kura permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni fi ħdan u bejn it-timijiet ta' minn jipprovdi is-servizzi u billi tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

### OBJETTIV ĠENERALI 4

L-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin.

#### Direzzjoni Strateġika 4A

It-tfassil, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politika sostenibbli għar-riżorsi umani, l-mekkaniżmi ta' finanzjament, il-kriterji ta' ntitolament għall-kura u l-organizzazzjoni tal-provvista tal-kura.

#### Direzzjoni Strateġika 4B

It-titjib fil-governanza u l-għoti tas-setgħa lit-tmexxija futura għas-saħħa u l-benesseri biex jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet nazzjonali permezz ta' approċċi bbażati fuq il-gvern kollu u fuq is-soċjetà kollha.

Kapitlu 1

# Sfond

## 1.1 IL-ĦTIEĠA GĦAL STRATEĠIJA GĦAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI (NHSS)

Il-viżjoni tal-Ministru responsabbli għas-Saħħa hija li tippromwovi b'mod attiv soċjetà li trawwem ambjent li jiffavorixxi persuni li jiksbu l-potenzjal massimu għas-saħħa u l-benesseri tagħhom. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet, il-Ministru nieda eżerċizzju biex tiġi formulata Strateġija għas- Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali għall-perjodu 2014 sa 2020 (NHSS). L-għan ta' din l-istrateġija huwa li tipprovdi lil kull individwu bl-opportunità li jgħix ħajja b'saħħitha u attiva, u li jibbenefika minn aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa ta' kwalità sostenibbli.

Is-saħħa qiegħda tidher dejjem aktar bħala riżorsa għall-ħajja ta' kuljum tal-bniedem. Qiegħda tidher dejjem anqas bħala għan fiha nnifisha iżda aktar bħala mezz għal ħajja attiva u produttiva. Il-klixè "ma hemmx ġid mingħajr saħħa" qiegħda tiġi mtennija b'mod aktar progressiv u kontinwu fil-fora tas-saħħa pubblika u politika u tapplika mhux biss fuq livell individwali iżda anke fuq livell komunitarju, nazzjonali u Ewropew.

L-ewwel Strateġija Nazzjonali għas-Saħħa "Health Vision 2000" ("Viżjoni għas-Saħħa 2000") li qatt saret, kienet ippubblikata fl-1995. Dan id-dokument ta' valur, ta deskrizzjoni tajba tal-istatus tas-saħħa tan-nazzjon f'dak il-mument, filwaqt illi ddeskriva riforma għas-servizzi tas-saħħa u stabbilixxa miri għal intervent fi ħdan oqsma ewlenin partikolari. Filwaqt illi din kienet ħidma importanti u f'waqtha li influwenzat il-politika tas-saħħa matul dawn l-aħħar 18-il sena, issa huwa l-mument li nġeddu l-viżjoni tagħha u niżviluppaw strateġija ġdida għas-saħħa, ibbażata fuq l-epidemjoloġija tal-mard u l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-lum.

Is-Sistemi tas-Saħħa Maltin f'konformità ma' diversi sistemi tas-saħħa fid-dinja kellha tlaħħaq ma' ambjent li qiegħed jinbidel b'mod mgħaġġel. Dan jinkludi tibdil epidemjoloġiku bħal f'termini ta' tibdil fl-istrutturi tal-età u l-emerġenza ta' theddid ġdid, trasformazzjonijiet politiċi f'termini ta' perċezzjonijiet li qed jinbidlu dwar ir-rwol tal-istat u r-relazzjoni tiegħu mas-settur pubbliku u s-soċjetà ċivili, pubbliku ġenerali u pazjenti li qed isiru aktar u aktar konxji u sensittivi, u rivoluzzjonijiet tekniċi li joffru għażliet ta' trattament dejjem aktar sofistikati u għaljin.

**KAXXA 2** | L-ISFIDI LI QEGĦDIN JIFFAĊĊJAW IS-SISTEMI TAS-SAĦĦA [1]

L-esiġenza għal aktar effiċjenza, produttività u kontroll tal-ispiża;

Id-domanda li qiegħda tikber għall-kura tas-saħħa bħala riżultat tat-tixjieħ tal-popolazzjonijiet u titjib fit-teknoloġija medika u l-farmaċewtiċi;

Il-ħtieġa li jiġu żviluppati tweġibiet effettivi u sostenibbli għaż-żieda fid-domandi tal-konsumatur għal aktar għażla tal-pazjent, aċċess aħjar u aktar mgħaġġel għal servizzi u n-numru li qiegħed jikber ta' movimenti tad-drittijiet tal-pazjenti;

Il-ħtieġa li jiġi ġestit mard fit-tul jew kroniku bħad-dijabete, il-mard tal-qalb u l-obeżità, preċipitati minn żieda fit-tibdil fil-lonġevità, l-istil ta' ħajja u ambjentali.

Sors: Goodwin, N.(2005) Leadership in Healthcare: A European Perspective.

Bi tweġiba għal dawn l-isfidi, ġew ippubblikati jew qed jiġu żviluppati numru dejjem jikber ta' strateġiji speċifiċi għal setturi magħżula. Madankollu, hemm ħtieġa akuta li tiġi żviluppata strateġija orizzontali komprensiva biex tiġi żgurata l-konsistenza u t-tweġiba u l-azzjoni koerenti għall-isfidi li qed jiġu ffaċċjati b'mod ħolistiku. L-NHSS inħolqot biex tipprovdi r-rwol tal-istrateġija ġenerika għall-politika u l-istrateġiji tas-saħħa settorjali kollha li tnedew mill-2000 u li se jitlestew matul is-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, il-ħtieġa li tiġi mfassla, prodotta u implimentata NHSS ġdida hija r-rekwiżit għal strateġija bħal din vis-à-vis l-isforzi nazzjonali biex issir applikazzjoni b'suċċess għal inizjattivi, biex jinkiseb finanzjament internazzjonali u tal-UE fil-futur. Dan il-finanzjament huwa meħtieġ għal aktar titjib u żvilupp tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin. Dan jeħtieġ li tkun fis-seħħ strateġija nazzjonali għas-saħħa li tiżgura aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità u sostenibbiltà ekonomika u li fi ħdan ir-riżorsi baġitarji disponibbli għall-kura tas-saħħa tipprovdi u tinkludi:

- miżuri koordinati biex jitjieb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità;
- miżuri biex tiġi stimulata l-effiċjenza fis-settur tas-saħħa, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji nnovattivi effettivi, mudelli u infrastruttura ta' provvista ta' servizz;
- sistemi ta' reviżjoni u monitoraġġ effettiva u sostenibbli*.

## 1.2 IL-POPOLAZZJONI TAL-GŻEJJER MALTIN

It-tlitt gżejjer ewlenin, Malta, Għawdex u Kemmuna, jiffurmaw arċipelagu fil-Baħar Mediterran li għandu l-ogħla densità ta' popolazzjoni medja fl-Ewropa (1,325 persuna kull km$^2$). Il-popolazzjoni totali kienet 417,432 fl-2011.[61]

It-tkabbir fil-popolazzjoni naqas minn 1.0% kull sena fl-1990 għal 0.5% kull sena fl-2010.[3] Filwaqt li r-rata grossa tal-mortalità kienet relattivament stabbli matul dawn l-aħħar 20 sena (7.9 kull 1,000 persuna fl-2011) kien hemm tnaqqis fir-rata tal-fertilità minn żewġt itfal għal kull mara fl-1991 għal 1.4 fl-2012. Ir-rata grossa tat-twelid kienet 10.1 kull 1,000 fl-2012.[5]

Il-popolazzjoni Maltija qiegħda tixjiħ bi tnaqqis fil-persentaġġ ta' persuni taħt l-età tal-15-il sena li fl-2011 kien ta' 14.8% tal-popolazzjoni, u żieda fin-numru ta' persuni bl-età ta' 65 sena u aktar li kien ta' 16.3% tal-popolazzjoni; il-persentaġġ ta' persuni bl-età ta' 80 sena u aktar qed jiżdied ukoll b'mod kostanti, u kien ta' 3.46% tal-popolazzjoni totali fl-2011. Il-proporzjon ta' dipendenza fix-xjuħija ta' 23.7% huwa aktar baxx mill-medja tal-UE (26.8%) fl-2011.[61]

Mill-2011, 91.6% tar-residenti twieldu Malta; il-maġġoranza tal-oħrajn twieldu fir-Renju Unit, fl-Awstralja jew il-Kanada.[61] Fl-2010 kien hemm immigrazzjoni netta stmata ta' 2,247 persuna, prinċipalment minn Stati Membri oħra tal-UE, kif ukoll ċittadini Maltin li kienu qegħdin jirritornaw. Filwaqt illi hemm ftit statistika affidabbli bejn l-2005 u l-2009, l-awtoritajiet irrapportaw medja ta' 1,911 immigrant irregolari kull sena li jaslu bil-baħar, għalkemm 47 biss ġew irrapportati fl-2010.[2] Il-maġġoranza huma mill-Afrika, bi proporzjon żgħir mill-Asja. Mill-perspettiva tas-saħħa, hemm tħassib li dawn l-immigranti jistgħu jsofru minn mard infettiv li mhuwiex endemiku f'Malta.

* Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonal, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006

**TABELLA 1** | XEJRIET FL-INDIKATURI TAL-POPOLAZZJONI/DEMOGRAFIĊI, SNIN MAGĦŻULA

| | 1980 | 1990 | 1995 | 2000 | 2005 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Popolazzjoni totali[a] | 325,721[b] | 361,908 | 378,404 | 391,415 | 405,006 | 417,617 |
| Popolazzjoni, nisa (% tat-total)[a] | 51.40[c] | 50.83 | 50.59 | 50.52 | 50.41 | 50.29 |
| Popolazzjoni bl-età ta' 0-14 (% tat-total)[d] | 24.21 | 23.47 | 21.76 | 20.06 | 17.39 | 15.42 |
| Popolazzjoni bl-età ta' 65 u aktar (% tat-total)[d] | 8.27 | 10.42 | 11.03 | 12.22 | 13.37 | 15.16 |
| Popolazzjoni bl-età ta' 80 u aktar (% tat-total)[e] | 0.90 | 1.96 | 2.17 | 2.44 | 2.95 | 3.44 |
| Tkabbir fil-popolazzjoni (rata medja annwali ta' tkabbir)[c] | 1.00 | 1.00 | 0.70 | 0.50 | 0.60 | 0.50 |
| Densità tal-popolazzjoni (persuni kull kilometru kwadru)[d] | 993.75 | 1106.56 | 1158.75 | 1205.65 | 1260.97 | 1299.97 |
| Rata tal-fertilità, total (tfal kull mara)[d] | 2.00[c] | 2.00 | 1.80 | 1.70 | 1.37 | 1.40 |
| Rata tat-twelid, grossa (kull 1,000 persuna)[d] | 17.62 | 15.16 | 12.44 | 11.30 | 9.56 | 9.66 |
| Rata tal-mortalità, grossa (kull 1,000 persuna)[d] | 10.38 | 7.65 | 7.30 | 7.71 | 7.76 | 7.24[a] |
| Proporzjon ta' dipendenza tal-età (popolazzjoni 0-14 u 65+; popolazzjoni 15-64 sena)[e] | 48.20[c] | 51.16 | 50.33 | 47.22 | 44.05 | 44.47 |
| Distribuzzjoni tal-popolazzjoni (rurali/urbana)[d] | 89.79 | 90.38 | 90.95 | 92.37 | 93.65 | 94.67 |
| Proporzjon ta' unitajiet domestiċi b'persuna waħda | n/a | n/a | 14.80[f] | n/a | 18.90[f] | 18.80[g] |
| Reġistrazzjoni fl-iskejjel terzjarji (% gross)[c] | 2.54 | 10.72 | 21.54 | 19.85 | 30.72 | 36.48 |

Sorss:
[a] Reviżjoni Demografika 2010, NSO
[b] Reviżjoni Demografika 1990, NSO
[c] World Development Indicators (WDI), 2013
[d] European Health of all Database, WHO
[e] Reviżjoni Demografika 2010, 2005, 2000, 1990, NSO
[f] Census 2005, NSO
[g] Statistika dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien 2010, NSO

L-istennija tal-għomor żdiedet b'mod kostanti matul dawn l-aħħar 20 sena u titqabbel tajjeb mal-medja tal-UE. Fl-2011, l-istennija tal-għomor mat-twelid kienet 78.8 sena għall-irġiel u 83.1 sena għan-nisa.[5]

Ir-rati standardizzati skont l-età tal-imwiet (SDR) għal mard taċ-ċirkolazzjoni naqqsu maż-żmien minn 426 kull 100,000 persuna fl-1990 għal 231 kull 100,000 persuna fl-2011, iżda xorta waħda huma ogħla minn dawk tal-UE-15. †[5] Il-probabbiltà tal-mewt fil-gruppi ta' età aktar baxxa (15-60) ilha tonqos b'mod kostanti b'distakk wiesa' bejn l-irġiel u n-nisa,[3] parzjalment attribwibbli għal mard iskemiku tal-qalb u kawżi esterni ta' mewt bħal inċidenti tat-traffiku u suwiċidji. Ir-rata ġenerali standardizzata tal-imwiet skont l-età ilha tonqos b'mod kostanti wkoll u kienet 660 kull 100,000 persuna fl-irġiel u 442 kull 100,000 persuna fin-nisa fl-2011.[5]

**TABELLA 2** | : INDIKATURI TAL-MORTALITÀ U TAS-SAĦĦA, SNIN MAGĦŻULA

| | | 1980 | 1990 | 1995 | 2000 | 2005 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ISTENNIJA TAL-GĦOMOR MAT-TWELID (SNIN) (5) | Total | 70.4 | 76.2 | 77.3 | 78.2 | 79.4 | 81.5 |
| | Irġiel | 67.9 | 73.8 | 75.0 | 76.0 | 77.2 | 79.3 |
| | Nisa | 72.9 | 78.4 | 79.6 | 80.3 | 81.4 | 83.6 |
| IR-RATA TOTALI TAL-MORTALITÀ (GĦAL KULL POPLAZZJONI TA' 1000 MARA JEW RAĠEL ADULTI) | Irġiel adulti* | 144.0 | 122.2 | 112.6 | 103.7 | 95.5 | 87.3 |
| | Nisa adulti* | 80.3 | 64.7 | 58.1 | 52.2 | 46.9 | 42.7 |

Sors: :European Health for All Database, WHO u World Development Indicators, World Bank
Nota: probabbiltà ta' mewt ta' persuna ta' 15-il sena qabel l-età ta' 60 sena, jekk suġġetta għal rati ta' mortalità speċifikati skont l-età attwali bejn dawn l-etajiet



Imwiet minħabba mard tas-sistemi taċ-ċirkolazzjoni huma l-kawżi ewlenin ta' mewt, li jammontaw għal 47% tal-imwiet kollha fl-2012.L-SDR minn mard iskemiku tal-qalb tidher li nbidlet minn xejra 'l isfel għal xejra 'l fuq fl-2010 u fl-2012 hija konsiderevolment ogħla mill-SDR għall-UE-15. Fil-każ tad-dijabete mellitus, kien hemm tnaqqis fir-rata standardizzata tal-mortalità skont l-età bejn l-2009 u l-2012 li jista' jkun attribwit għat-tibdil fil-prattiċi tal-kodifika fejn id-dijabete hija meqjusa bħala kundizzjoni kontributorja għall-kawża tal-mewt aktar milli l-kawża bażika tal-mewt.[6]

In-neoplażmi huma l-kawża l-aktar komuni tal-mewt wara d-dijabete mellitus u ammontaw għal 27% tal-imwiet kollha fl-2012. Filwaqt illi n-numru ġenerali ta' mwiet qed jiżdied maż-żmien, ir-rati standardizzati tal-imwiet żvelaw xejra 'l isfel li titqabbel tajjeb mal-UE-15 u mal-pajjiżi kollha tal-UE ‡. L-età medja ta' mewt minħabba n-neoplażmi hija

† Il-pajjiżi fiż-żona tal-UE-15 huma dawk li ffurmaw parti mill-UE qabel it-30 ta' April 2004:L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

ta' 71.3 sena, 8.4 snin iżgħar milli b' mard taċ-ċirkolazzjoni. Il-kanċer tal-pulmun, segwit mill-kanċer kolorettali u l-kanċer tal-frixa huma l-kawżi ewlenin ta' mewt minn neoplażmi fl-irġiel. Il-kanċer tas-sider, segwit mill-kanċer kolorettali u l-kanċer tal-frixa huma l-kawżi ewlenin ta' mewt minn neoplażmi fin-nisa.(6) Għall-parti l-kbira tal-kanċer kien hemm titjib fir-rati ta' sopravivenza, madankollu, għal xi tipi ta' kanċer ir-rati ta' sopravivenza f'Malta huma aktar baxxi milli fir-raggruppament EUROCARE (Ir-Reġistru tal-Kanċer Ewropew). §, (7) (8)

Rati ta' mortalità baxxi minn mard infettiv jistgħu jiġu attribwiti għad-disponibbiltà mifruxa tal-antibijotiċi. L-aktar infezzjonijiet komuni rrapportati fl-2012 kienu mard li jiġi trażmess mill-ikel, l-infezzjoni tal-Klamidja, il-virus tal-immunodefiċjenza umana (HIV) u l-virus tal-immunodefiċjenza akkwistata (AIDS), is-sifilide mhux attiva u t-tuberkulożi.(9) Il-programm tad-distribuzzjoni tas-siringi mingħajr ħlas għal dawk li jieħdu d-droga fil-vini, li beda f'Malta fl-aħħar tas-snin tmenin, irriżulta f'rati baxxi ta' infezzjoni tal-HIV. Programm ta' tilqim tat-tfal mingħajr ħlas għat-tfal kollha rriżulta wkoll f'morbiżità u mortalità aktar baxxi minn mard infettiv li jista' jiġi prevjenut permezz tat-tilqim.

Minkejja l-gwadanji għas-saħħa, qed jiżdiedu ħafna fatturi ta' riskju assoċjati ma' mard li ma jitteħidx f'Malta. Kundizzjonijiet kroniċi assoċjati mal-obeżità, stili ta' ħajja mhux tajbin għas-saħħa u t-tixjieħ (bħad-demenzja) huma sfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-popolazzjoni sħiħa. Skont l-istatistika tal-indiċi tal-massa tal-ġisem (BMI), il-persentaġġ tal-popolazzjoni maskili bi problemi ta' obeżità żdied minn 22.1% fl-1984 għal 24.3% fl-2008. L-istatistika li tqabbel lil Malta ma' Stati Membri oħra tal-UE fl-2008 sabet li l-proporzjon tal-irġiel bi problemi ta' obeżità f'Malta hija l-ogħla fl-UE filwaqt li l-proporzjon tan-nisa bi problemi ta' obeżità hija t-tielet l-ogħla.(17) Il-proporzjon tat-tfal bi problemi ta' obeżità jew ta' piż żejjed huwa wkoll wieħed mill-ogħla meta mqabbel ma' tfal f'41 pajjiż ieħor.(17) Fuq dawn il-linji, skont l-Istħarriġ b'intervista dwar is-Saħħa Ewropea (EHIS), 8% tal-popolazzjoni fl-età ta' 15-il sena u aktar irrapportaw li kellhom id-dijabete fl-2008.(17)

Għalkemm l-irġiel għadhom ipejpu aktar min-nisa, id-distakk qiegħed jonqos. Skont l-aħħar Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn (ESPAD) li sar fl-2011, 22% tal-istudenti Maltin bl-età bejn il-15 u s-16-il sena li qed jipparteċipaw fl-istudju kienu pejpu matul it-30 ġurnata qabel l-istħarriġ. L-istudju sab ukoll li 68% ta' dawk mistħarrġa kienu kkunsmaw l-alkoħol matul it-30 ġurnata ta' qabel meta mqabbla ma' 57% li hija l-medja tal-ESPAD.

Il-proporzjon tal-mortalità materna huwa definit bħala n-numru ta' mwiet materni kull 100,000 twelid. Matul dawn l-aħħar għaxar snin minn 2004 – 2012, ġew irreġistrati żewġt imwiet materni. Ma kien hemm l-ebda mewta materna fi 8 mill-10 snin f'dan il-perjodu ta' żmien. Il-proporzjon tal-mortalità materna matul dan il-perjodu ta' żmien kien 4.97 kull 100,000 twelid.(49) Din ir-rata titqabbel tajjeb mal-proporzjon tal-mortalità materna Ewropea medja u komprensiva kkwotata fir-Rapport tas-Saħħa Perinatal Ewropea 2010 (http://www.europeristat.com) li hija ta' 6.2/100,000 twelid.

§ L-istudju EUROCARE huwa studju bbażat fuq reġistru tal-kanċer dwar is-sopravivenza u l-kura tal-pazjenti bil-kanċer. Ir-raggruppament EUROCARE jinkludi 23 pajjiż Ewropew:L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, Malta, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, l-Olanda, ir-Renju Unit (UK) l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq (UK), l-Iskozja (UK), Wales (UK).

**TABELLA 3** | INDIKATURI TAS-SAĦĦA F'MALTA MATUL IL-PERJODU 1984-2010

| | Grupp tal-età | MONICA 1984 | | NHIS 2002 | | EHIS 2008 | | Pilot EHES 2010 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | M % | F % | M % | F % | M % | F % | M % | F % |
| BMI: 18.5-24.9 kg/m² (normali)[a] | 25-64 | 32.4 | 33.3 | 29.4 | 48.0 | 25.4 | 48.1 | 23.1 | 45.2 |
| BMI: 25.0-29.9 kg/m² (piż żejjed) | 25-64 | 45.5 | 31.4 | 42.2 | 30.6 | 46.9 | 31.0 | 47.2 | 28.9 |
| BMI: ≥30.0 kg/m² (obeżità) | 25-64 | 22.1 | 35.3 | 28.5 | 21.4 | 27.7 | 21.0 | 29.6 | 28.0 |
| Glukożju għoli fid-demm[b] | ≥18 years | N/A | N/A | 7.1 | 7.4 | 9.6 | 7.8 | 9.0 | 10.7 |
| Pressjoni tad-demm normali[c] | 25-64 | 51.5 | 52.9 | 82.5 | 83.9 | 78.4 | 80.3 | 66.9 | 68.7 |
| Pressjoni tad-demm għolja[d] | 25-64 | N/A | N/A | 17.5 | 16.1 | 21.6 | 19.7 | N/A | N/A |
| Pressjoni għolja (ipertensjoni) Stadju 1[e] | 25-64 | 32.7 | 30.9 | N/A | N/A | N/A | N/A | 30.8 | 16.3 |
| Pressjoni għolja (ipertensjoni) Stadju 2[f] | 25-64 | 15.8 | 16.3 | N/A | N/A | N/A | N/A | 2.3 | 15.1 |
| Kolesterol totali fis-serum ≤5.00 mmol/L | 25-64 | 22.9 | 21.0 | N/A | N/A | N/A | N/A | 31.3 | 44.0 |
| Għoli marġinali >5.00-6.18 mmol/L | 25-64 | 30.1 | 29.9 | N/A | N/A | N/A | N/A | 39.1 | 41.4 |
| Għoli >6.18 mmol/L | 25-64 | 47.0 | 49.1 | N/A | N/A | N/A | N/A | 29.7 | 14.7 |

Sors:
Proġett ta' Monitoraġġ Multinazzjonali ta' xejriet u determinanti fil-mard Kardjovaskulari (MONICA)
"European Health Interview Survey" (EHIS), 2008,
Stħarriġ Nazzjonali dwar is-Saħħa (NHIS), 2002,
Studju Pilota tal-"European Health Examination Survey" (EHES), 2010

Noti:
[a] tul u piż imkejjel għal MONICA u EHES; awtorapportati għal NHIS 2002 u EHIS 2008
[b] imkejjel f'mmol/L għal EHES; awtorapportat (prevalenza matul il-ħajja tad-dijabete) għal EHIS 2008
[c] imkejla (sistolika <140mmhg u dijastolika<90mmhg) għal MONICA u EHES; awtorapportata (l-ebda prevalenza tul il-ħajja għall-ipertensjoni) għal NHIS 2002 u EHIS 2008
[d] awtorapportata (prevalenza matul il-ħajja tal-ipertensjoni) għal NHIS 2002 u EHIS 2008
[e] sistolika mkejla ≥140-159 mmHg jew dijastolika mkejla ≥90-99 mmHg
[f] sistolika mkejla ≥160 mmHg jew dijastolika mkejla ≥100 mmHg

**TABELLA 4** | INDIKATURI TAS-SAĦĦA MATERNA, TAT-TFAL U TAL-ADOLOXXENTI, SNIN MAGĦŻULA [(5)]

| | 1980 | 1990 | 1995 | 2000 | 2005 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| % tat-twelid kollu lin-nisa tal-età ta'<20 sena | 3.11[a] | 2.68 | 3.08 | 5.57 | 5.94 | 6.37 |
| Ir-rata tat-terminazzjoni tat-tqala (abort)* | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Ir-rata tal-mortalità perinatali | 17.90[b] | 10.93 | 9.94 | 4.60 | 3.12 | 6.22 |
| Ir-rata tal-mortalità neonatali (imwiet kull 1,000 twelid) | 11.96 | 6.71 | 7.37 | 5.27 | 4.41 | 4.48 |
| Ir-rata tal-mortalità wara t-twelid (imwiet kull 1,000 twelid) | 3.57 | 2.79 | 1.52 | 0.69 | 1.56 | 1.00 |
| Ir-rata tal-mortalità tat-tfal (imwiet kull 1,000 twelid) | 15.53 | 9.50 | 8.89 | 5.96 | 5.96 | 5.48 |
| Il-probabbiltà tal-mewt qabel l-età tal-5 snin kull 1,000 twelid | 18.14 | 10.99 | 10.21 | 6.80 | 6.70 | 6.46 |
| Ir-rata tal-inċidenza tas-sifilide (kull 100,000 persuna) | N/A | N/A | N/A | 0.00 | 4.96 | 3.88[c] |
| Ir-rata tal-inċidenza tal-infezzjoni bil-gonococcus (kull 100,000 persuna) | N/A | N/A | N/A | 0.78 | 5.70 | 11.89[c] |

Sors: European Health for All database, 2012

Notes: [a] 1984; [b] 1985; [c] 2008; * It-terminazzjoni tat-tqala b'mod indott (l-abort) hija illegali f'Malta





## 1.3 L-ORGANIZZAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA MALTIN

F'Malta u Għawdex, is-servizzi tas-saħħa huma pprovduti prinċipalment mill-Istat u s-settur privat. Il-Knisja Kattolika u organizzazzjonijiet volontarji jikkontribwixxu wkoll b'mod speċjali fil-provvediment ta' servizzi tal-kura fit-tul u komunitarji. Is-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika tipprovdi ġabra komprensiva ta' servizzi tas-saħħa għall-persuni kollha li jgħixu Malta li huma koperti mil-leġiżlazzjoni Maltija dwar is-sigurtà soċjali u tipprovdi wkoll għall-kura meħtieġa kollha għal gruppi speċjali, bħall-immigranti irregolari jew ħaddiema barranin li għandhom permessi validi tax-xogħol. Ftit servizzi biss, inklużi s-servizzi dentali elettivi, servizzi ottiċi u l-kopertura ta' ċerti mediċini formularji huma suġġetti għal eżami tal-mezzi. Is-settur privat jipprovdi kopertura għal dawk li jixtiequ li jkollhom aċċess għal servizzi privati.

Is-sistemi nazzjonali tas-saħħa hija organizzata u rregolata minn żewġ entittajiet ewlenin:

1. Il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (MEH). Dan il-Ministeru huwa responabbli għall-finanzjament u l-provvediment tal-kura tas-saħħa għall-popolazzjoni kollha.
2. Il-Ministeru għall-Finanzi (MFIN). Dan il-Ministeru jiġbor it-taxxi u jallokahom għad-diversi setturi inkluż dak tal-kura tas-saħħa pubblika.

Entitajiet oħra jinkludu Ministeri oħra tal-Gvern, il-Fondazzjoni tas-Servizzi Mediċi, Kummissjonijiet, Aġenziji, Bordijiet u Kumitati tal-Gvern, Korpi Regolatorji Professjonali u gruppi professjonali, Kunsill Lokali, setturi privati u volontarji, il-Knisja u l-pubbliku inġenerali.

In-nefqa totali fuq is-saħħa bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) kienet 9.1% fl-2012 skont l-istatistika tal-Kontijiet tas-Saħħa Nazzjonali (NHA). Kważi żewġ terzi tan-nefqa totali tal-kura tas-saħħa huma ffinanzjati mill-Istat filwaqt li l-infiq pubbliku jammonta għat-terz li jifdal.[16]

**TABELLA 5** | SORSI TA' NEFQA BĦALA PERSENTAĠĠ TAN-NEFQA TOTALI FUQ IS-SAĦĦA, 2012 (2008) [16]

| Sorsi ta' nefqa fuq is-saħħa | % tan-nefqa totali fuq is-saħħa |
|---|---|
| Nefqa ġenerali tal-gvern | 65.6 |
| Pagamenti minn but il-pazjent | 32.3 |
| Assigurazzjoni tas-saħħa volontarja | 2.2 |

Sors: Kontijiet tas-Saħħa Nazzjonali, WHO





Is-sistemi tal-kura tas-saħħa statutorja hija ffinanzjata mid-dħul mit-taxxa. Il-forom kollha ta' tassazzjoni jidħlu fil-Fond Konsolidat, minn fejn joħorġu l-baġits pubbliċi kollha (inkluż il-baġit għas-saħħa) fuq bażi annwali. L-iskema tal-Fond tal-Assigurazzjoni Nazzjonali hija forma waħda ta' tassazzjoni li tikkontribwixxi għall-Fond Konsolidat. Din l-iskema hija akkumulata kif ġej: dawk li jħaddmu u mpjegati jikkontribwixxu 10% kull wieħed mill-pagi tagħhom, persuni impjegati għal rashom jikkontribwixxu 15% tal-introjtu tagħhom, u l-gvern jikkontribwixxi 50% tal-kontribuzzjonijiet magħquda flimkien tal-gruppi msemmija qabel.

Is-sorsi privati ewlenin tal-finanzjament tal-kura tas-saħħa huma ħlasijiet minn but il-pazjent. Proporzjon ħafna iżgħar huwa permezz ta' skemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa volontarji. Ħlasijiet minn but il-pazjent jammontaw għal parti sinifikanti tan-nefqa tal-kura tas-saħħa privata (93.8% fl-2012).[16]

Hemm ħames sptarijiet pubbliċi, li minnhom tnejn huma sptarijiet ġenerali għal mard akut u tlieta huma sptarijiet speċjalizzati. L-isptar ġenerali pubbliku għall-mard akut f'Malta huwa wkoll sptar ta' tagħlim fuq livell universitarju. Mill-aħħar tal-2012 Malta għandha wkoll tliet sptarijiet privati. Waħda mill-problemi li Malta ilha taffaċċja hija rata għolja ta' okkupazzjoni ta' sodod fi sptarijiet għal mard akut (81.5% fl-2010) li hija aktar mill-medja tal- UE (76.3% fl-2010). Barra minn hekk, in-numru ta' sodod kull 100,000 fi sptarijiet għal mard akut huwa taħt il-medja tal-UE, u naqas b'madwar 29%

matul dawn l-aħħar għaxar snin. Madankollu, it-tul medju ta' dewmien fi sptarijiet akuti baqa' aktar baxx mill-biċċa l-kbira ta' pajjiżi oħra fil- Mediterran mis-snin disgħin u huwa taħt il-medja tal-UE. [5]

In-numru ta' riżorsi umani per capita, jiġifieri tobba speċjalizzati, dentisti u infermiera huma taħtil-medja tal-UE ħlief għan-numru ta' pedjatri, farmaċisti u qwiebel. Fuq nota pożittiva, il-kwantità ta' ħaddiema tas-saħħa qiegħed jiżdied gradwalment.[5] Dan ġie ġestit b'mod effettiv permezz ta' ftehim ta' rikonoxximent reċiproku mal-Kunsill Mediku Ġenerali tar-Renju Unit (minħabba li l-parti l-kbira ta' gradwati mill-iskola medika jgħaddu minn taħriġ speċjalizzat fir-Renju Unit) u permezz tal-formulazzjoni ta' programmi ta' taħriġ għal speċjalizzazzjoni formali f'Malta.

Is-servizz tas-saħħa tal-istat u t-tobba tal-familja privati jipprovdu kura tas-saħħa primarja f'Malta. Il-kura tas-snien hija pprovduta kemm mis-servizzi pubbliċi kif ukoll privati. Il-kura sekondarja u l-kura terzjarja jiġu pprovduti permezz ta' sptarijiet ġenerali pubbliċi u privati. Il-parti l-kbira tal-kura sekondarja pprovduta fis-settur pubbliku fl-isptar ewlieni hija mingħajr ħlas. Il-maġġoranza tal-kura matul il-ġurnata u ta' emerġenza hija pprovduta wkoll mill-isptar ġenerali ewlieni għal mard akut. Fis-settur pubbliku, mediċini elenkati fil-Lista Formularja tal-Gvern jingħataw mingħajr ħlas lill-pazjenti ntitolati. Fis-settur privat, il-pazjenti jridu jħallsu l-ispiża totali tal-farmaċewtiċi.

Is-servizzi ta' riabilitazzjoni huma offruti mill-isptar pubbliku ta' riabilitazzjoni mingħajr ħlas lill-pazjenti riferuti wara ammissjoni inpatient fl-isptarijiet pubbliċi, jew li huma riferuti mill-komunità minn tabib tal-familja. Il-kura fit-tul għall-anzjani hija pprovduta mill-Istat, mill-Knisja u mis-settur privat, u anke permezz ta' sħubiji bejn l-Istat u s-settur privat. Servizzi bbażati fil-komunità qed jiġu promossi u mmirati b'mod partikolari biex jgħinu jżommu lill-popolazzjoni anzjana attiva u tgħix fid-djar tagħha għall-aktar żmien twil possibbli.

Fis-snin riċenti, sar titjib sostanzjali fl-oqsma tal-kura palljativa u l-kura tas-saħħa mentali. Fl-2011, nfetħet sala għall-kura palljativa speċjalizzata b'għaxar sodod fl-isptar tal-onkoloġija. Ġew iddedikati sforzi kbar lejn iż-żieda fil-provvediment ta' aktar servizzi tas-saħħa mentali bbażati fil-komunità. Fl-aħħar nett, biex jiġi ttrattat l-influss ta' immigranti irregolari, fl-2008 ġiet stabbilita t-Taqsima tas-Saħħa tal-Migranti biex tittratta l-ħtiġijiet speċifiċi ta' din il-popolazzjoni.

Mill-pubblikazzjoni ta' Health Vision 2000, is-saħħa nazzjonali tal-popolazzjoni ta' Malta wriet progress sinifikanti. Dan intwera permezz ta' żidiet konsistenti fl-istennija tal-għomor mat-twelid u l-istennija tal-għomor b'saħħitha u tnaqqis fil-mortalità ġenerali.Is-Sistemi tas-Saħħa Maltin kisbet u żammet livelli għoljin f'termini ta' ekwità, kopertura universali u komprensività. Pereżempju, skont l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (SILC) il-ħtieġa mhux sodisfatta awtorapportata minħabba f'restrizzjonijiet finanzjarji fl-2011 kienet baxxa ħafna meta mqabbla ma' pajjiżi Ewropej oħra.[18] Fil-fatt, l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi huma aktar evidenti fost id-determinanti tas-saħħa, bħall-obeżità u l-għarfien dwar is-saħħa, aktar milli l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-NHSS u l-istrateġija tas-saħħa settorjali huma kollha mmirati biex jiffokaw fuq it-tnaqqis fl-imwiet prematuri, jindirizzaw il-fatturi ta' riskju, inaqqsu l-morbożità, jippromwovu stili ta' ħajja b'saħħitha, itejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġjati u jtejbu l-kwalità tal-ħajja.

Kapitlu 2

# Metodoloġija u Proċess Konsultattiv

## 2.1 TIM TAL-PROĠETT

F'Ġunju 2012 bdiet ħidma dwar it-tħejjija għall-abbozzar ta' Strateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali (NHSS). Ġie stabbilit grupp ta' ħidma li ħadem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Minn Settembru 2012, dan il-grupp ibbenefika minn assistenza teknika mid-Direttorat tas-Sistemi tas-Saħħa u s-Saħħa Pubblika tad-WHO Ewropa. Minn Settembru sa' Novembru, espert minn dan id-Direttorat iltaqa' tliet darbiet mat-tim tal-proġett. Din l-assistenza teknika qed tassisti wkoll lid-Dipartiment tas-Saħħa fuq ħidma assoċjata mal-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa (HSPA). Il-ħidma fuq l-HSPA bdiet fil-bidu tal-2014.

## 2.2 SKEDA TA' ŻMIEN U ATTIVITAJIET

Matul id-diskussjonijiet preliminari, tfassal pjan direzzjonali għall-iżvilupp tal-NHSS. Kien rikonoxxut li għalkemm idealment kemm l-NHSS u l-HSPA jiġu żviluppati fl-istess ħin, l-ewwel kompitu li kellu jitwettaq kien li tingħata prijorità lin-NHSS. Dan inbeda billi ġew analizzati u aggregati l-kontenut, iddirezzjoni u l-azzjonijiet inklużi f'lista twila ta' dokumenti ta' politika, strateġija u pjani ta' azzjoni litħejjew, ġew imnedija u/jew implimentati mill-pubblikazzjoni tal-aħħar strateġija għas-saħħa nazzjonali komprensiva f'nofs is-snin disgħin mill-Ministeru u l-entitajiet responsabbli għas-saħħa. Barra minn hekk, it-tim tal-proġett evalwa wkoll numru ta' politiki u strateġiji li ġew abbozzati, ippubblikati jew imnedija għal konsultazzjoni matul dawn l-aħħar sentejn/tliet snin minn Ministeri u entitajiet tal-gvern oħra. Kaxxa 3 telenka d-dokumenti li ġew inklużi f'dan l-eżerċizzju.

*Sistema tas-saħħa tikkonsisti mill-organizzazzjonijiet, il-persuni u l-azzjonijiet kollha li l-intenzjoni primarja tagħhom hija li jippromwovu, jagħtu lura jew iżommu s-saħħa* [19]

Din l-istrateġija se tieħu viżjoni wiesgħa permezz ta' perspettiva ta' sistemi tas-saħħa** [20] u se tinkorpora strateġiji mmirati lejn:

** Sistema hija sett ta' elementi interrelatati konnessi ma' xulxin, direttament jew indirettament.Fil-kura tas-saħħa, hemm ħafna interkonnessjonijiet bħal dawn tul is-servizzi primarji, sekondarji u speċjalizzati kif ukoll mal-kura soċjali.Il-ħsieb ta' sistemi jwassal għal mod kif tiġi mifhuma l-kumplessità. B'mod speċifiku, approċċ ta' sistemi:
- Jgħin biex tiġi identifikata u mifhuma l-istampa ġenerali
- Jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' komponenti prinċipali tal-bidla fil-futur
- Jgħin biex jiġu identifikati relazzjonijiet importanti u jipprovdi perspettiva tajba
- Jevita attenzjoni eċċessiva għal parti ta' komponent uniku
- Jippermetti soluzzjoni għal kamp ta' applikazzjoni wiesgħa
- Irawwem l-integrazzjoni bejn komponenti u persuni
- Jipprovdi bażi għal tfassil mill-ġdid

## KAXXA 3 | DOKUMENTI UŻATI FIL-KOMPILAZZJONI TAD-DIREZZJONIJIET U L-AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TAL-NHSS

| Isem tad-dokument | Data ta' pubblikazzjoni |
|---|---|
| Health Vision 2000 - A National Health Policy (Viżjoni għas-Saħħa 2000 – Politika Nazzjonali tas-Saħħa) | 1995 |
| A Strategy for the Prevention and Control of Non-communicable disease in Malta (Strateġija għall-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' mard li ma Jitteħidx f'Malta) | 2010 |
| Healthy Weight for Life (Piż Tajjeb għas-Saħħa Tul il-Ħajja) | 2012 |
| Il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer 2011-2015 | 2011 |
| L-Istrateġija għall-Mard li Jittieħed | 2014 |
| Prevention, Control and Management of Tuberculosis: A National Strategy for Malta (Il-Prevenzjoni, il-Kontroll u l-Immaneġġjar tat-Tuberkulożi: Strateġija Nazzjonali għal Malta) | 2012 |
| Il-Politika Nazzjonali tas-Saħħa Sesswali għall-Gżejjer Maltin | 2010 |
| Strateġija Nazzjonali għas-Saħħa Sesswali | 2011 |
| Abbozz ta' Strateġija għad-Dimensja (2015-2023) | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |
| Abbozz ta' Pjan Nazzjonali għal Mard Rari | Abbozz |
| Proposta għal riforma tal-Kura tas-Saħħa Primarja | 2009 |
| Rapporti Nazzjonali dwar strateġiji għall-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali (Malta) | 2008 |
| Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali – Malta 2007-2013 (NSRF) | 2006 |
| Dokumenti ta' qabel il-Baġit 2011, 2012 u 2013 | 2011/ 2012/2013 |
| Sistemi tas-Saħħa fi Tranżizzjoni, Malta | 2014 |
| Rapport konsultattiv dwar l-iżvilupp ta' servizzi tal-kura tas-saħħa speċjalizzati għal persuni b'disturbi marbuta mal-ikel (eating disorders) | Abbozz |
| Abbozz ta' strateġija dwar servizzi tal-kura tas-saħħa pedjatrika komunitarja b'attenzjoni speċjali għal tfal bi bżonnijiet speċjali | Abbozz |
| Politika dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni u Pjan ta' Azzjoni 2014-2020 | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |
| Strateġija Nazzjonali għat-Tixjieħ Attiv: Malta 2014-2020 | 2013 |
| Programmi Elettorali għas-Saħħa (PL, PN, ADa) | 2013 |
| Pjan Strateġiku fuq l-Ambjent u l-iŻvilupp | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |
| MEPA dokument għal konsultazzjoni – Għal Sistema ta' Ppjannar effiċenti | 2014 |
| MEPA dokument għal konsultazzjoni – Lejn Standards Għoljien għal protezzjoni tal-Ambjent u l-iMmaneġġjar tal-iSkart | 2014 |
| Politika Nazzjonali fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |
| 'Il-Vuċi tat-Tfal fil-Kura': Rapport tal-Kummissjoni fuq il-Politika u l-iStrateġija tat-Tfal | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |
| Green Paper: Struttura Għal Tnaqqis fil-Faqar u Għal Inklużjoni Soċjali | 2014 (imnedija għal konsultazzjoni) |

Note: [a] PL = Partit Laburista; PN = Partit Nazzjonalista ; AD = Alternattiva Demokratika

- it-titjib u ż-żieda fis-servizzi li pazjent jirċievi fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;
- il-promozzjoni u s-simplifikazzjoni ta' interazzjonijiet bejn servizzi differenti biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura;
- it-titjib u ż-żieda fis-servizzi għaċ-ċittadini li mhumiex pazjenti inkluż il-prevenzjoni u l-iskrijnjar, u s-servizzi tal-promozzjoni tas-saħħa immirati jew lejn il-popolazzjoni inġenerali u/jew speċifiċi għal gruppi vulnerabbli identifikati.

L-istruttura li ġiet adottata għall-preżentazzjoni u l-kategorizzazzjoni tal-attivitajiet strateġiċi inklużi f'din l-istrateġija kienet ibbażata fuq l-approċċ iċċentrat fuq il-persuni. Dan l-approċċ jirrikonoxxi u jindirizza kemm interazzjonijiet tal-kura tas-saħħa kif ukoll interventi tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari l-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, u jimmira biex jilħaq persuni fil-komunità ġenerali ħafna qabel ma jsiru pazjenti u jidħlu f'settur jew faċilità klinika tal-kura tas-saħħa. Wieħed jista' jara deskrizzjoni aktar dettaljata u ġustifikazzjoni għall-użu ta' dan il-qafas għall-NHSS f'Taqsima 4.2.

Sal-aħħar tal-2012, it-tim tal-proġett lesta l-eżerċizzju li janalizza u jagħqad azzjonijiet mid-dokumenti disponibbli msemmija f'Kaxxa 3. Informazzjoni, direzzjoni u feedback mis-Segretarju Parlamentari u l-Uffiċjal Mediku Ewlieni ġew ikkunsidrati wkoll u nklużi fil-finalizzazzjoni ta' dan l-eżerċizzju. Matul dan il-proċess, it-tim tal-proġett lesta wkoll eżerċizzju ta' estrazzjoni u żvilupp tal-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi għal din in-NHSS.

Matul dan il-proċess, it-tim tal-proġett lesta wkoll eżerċizzju ta' estrazzjoni u żvilupp tal-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi għal din in-NHSS. B'kollox, ġew stabbiliti erba' objettivi ġenerali. Dawn l-objettivi ġew elaborati aktar b'direzzjonijiet strateġiċi. Wieħed jista' jara l-lista sħiħa ta' dawn l-objettivi ġenerali bid-direzzjonijiet strateġiċi rispettivi tagħhom fil-Kaxxa 3 (taqsima 4.2). Dawn iż-żewġ eżerċizzji ffurmaw il-bażi għall-NHSS li qiegħda tiġi ppreżentata f'dan id-dokument.

## 2.3 KONSULTAZZJONI

L-ewwel verżjoni tal-NHSS ġiet imnedija għall-konsultazzjoni fil-21 ta' Frar 2014. Il-proċess ta' konsultazzjoni tkompla sal-aħħar ta' Marzu 2014. Ġew organizzati tliet avvenimenti u proċess elettroniku ta' konsultazzjoni.

Ġie organizzat l-avveniment ta' tnedija bħala seminar b'parteċipanti mistiedna minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Il-partijiet interessati kienu jinkludu persuni u entitajiet li se jkunu qegħdin jimplimentaw objettivi u azzjonijiet partikulari f'din l-istrateġija u/jew kienu identifikati bħala sħab importanti li jgħinu sabiex ikomplu jinformaw l-iżvilupp ulterjuri fil-kontenut tal-NHSS. L-inviti żguraw ukoll li l-gruppi kollha tal-erba' setturi tal-approċċ iċċentrat fuq il-persuna kienu rappreżentati b'mod adegwat. Dawn kienu jinkludu rappreżentanti tal-pazjenti u l-familji tagħhom, gvern lokali, organizzazzjonijiet tal-volontarjat, professjonisti tas-saħħa, organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-awtoritajiet tas-saħħa. Is-seminar ospita sitt sessjonijiet ta' ħidma u r-rapporti dettaljati dwar id-diskussjonijiet f'dawn is-sessjonijiet ta' ħidma ġew inklużi u evalwati fil-proċess ta' reviżjoni li wassal għall-iżvilupp tal-verżjoni finali tal-NHSS.

Ġew organizzati wkoll żewġ avvenimenti mmirati lejn l-indirizzar u l-involviment ta' udjenza iżjed wiesgħa. L-għan prinċipali ta' dawn l-avvenimenti kien li tiġi pubbliċizzata b'mod wiesgħa l-NHSS u li s-soċjetà ċivili u l-pubbliku ġenerali jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal proċess ta' konsultazzjoni permezz tal-parteċipazzjoni fl-avvenimenti kif ukoll permezz ta' kontributi bil-miktub jew b'użu ta' mezzi elettroniċi.

Id-dokument tal-NHSS sar aċċessibbli wkoll elettronikament fuq is-sit tal-internet tal-Ministeru matul il-perjodu stabbilit tal-proċess ta' konsultazzjoni. Il-parteċipanti taż-żewġt avvenimenti msemmija hawn fuq u persuni u entitajiet oħra interessati ġew mistiedna jibagħtu l-fehma tagħhom.

Sal-aħħar tal-perjodu ta' konsultazzjoni, il-Ministeru rċieva 34 dokument b'kontribut iddettaljat minn entitajiet u assoċjazzjonijiet differenti. Dan il-kontribut kollu ġie analizzat metikolożament u ġie assimilat numru minn dawn il-proposti fil-verżjoni finali tal-NHSS.

Kapitlu 3

# Allinjament mal-istrateġiji għas-saħħa tal-WHO u l-UE

## 3.1 INTRODUZZJONI

L-evidenza u l-esperjenza minn madwar id-dinja juru b'mod ċar li jinħtieġ l-involviment tal-popolazzjoni jew is-soċjetà kollha u li l-Gvern kollu jaħdmu flimkien sabiex jinħoloq rispons pożittiv u jinkiseb gwadann fis-saħħa u l-benessri. L-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali (NHSS) hija ggwidata u infurmata minn dokumenti politiċi rilevanti ppubblikati mill-WHO u l-UE.

Żewġt oqsma strateġiċi internazzjonali prinċipali għas-saħħa fil-kuntest tagħna huma:

1. L-Istrateġija għas-Saħħa tal-UE - "Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013". Dan id-dokument kien adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2007;
2. "Health 2020: A European policy framework supporting action across government and society for health and well-being", ("Saħħa 2020: Qafas politiku Ewropew li jappoġġja azzjoni fil-gvern u s-soċjetà għas-saħħa u l-benesseri") adottat mit-62 Kumitat Reġjonali tal-Ewropa tal-WHO li sar f'Malta f'Settembru 2012.

Ħarsa mill-qrib lejn iż-żewġ dokumenti tiżvela numru ta' similaritajiet fil-valuri li jsostnu l-istrateġiji, l-isfida li jridu jaffaċċjaw u jimmaniġġjaw is-sistemi tas-saħħa kif ukoll l-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi identifikati għall-indirizzar ta' dawn il-problemi.



## 3.2 IL-KISBA TA' RIŻULTATI POŻITTIVI GĦAS-SAĦĦA



L-universalità, l-aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba, l-ekwità u s-sostenibbiltà huma valuri u għanijiet komuni għad-dokumenti strateġiċi kemm tal-UE kif ukoll tal-WHO. Il-pressjoni biex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-provvista ta' aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja u r-rispett għar-restrizzjonijiet baġitarji u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi qiegħda żżid b'mod kostanti l-impatt fuq is-sistemi tas-saħħa. Hemm kunsens fiż-żewġ strateġiji dwar il-ħtieġa għas-sistemi tas-saħħa li jiffokaw fuq iż-żieda fl-istennija tal-għomor b'saħħitha u ħielsa minn diżabbiltà u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa. Dawn ġew identifikati wkoll bħala prijoritajiet f' "Healthy Lives, Healthy People: Our strategy for public health in England" ("Ħajjiet b'Saħħithom, Persuni b'Saħħithom: L-istrateġija tagħna għas-saħħa pubblika fl-Ingilterra") maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa tar-Renju Unit fl-2012 [21] li ddikjarat li "s-sistemi kollha se tiġi ffokata mill-ġdid madwar il-kisba ta' riżultati pożittivi għas-saħħa għall-popolazzjoni kollha u t-tnaqqis fl-inugwaljanzi fis-saħħa aktar milli ffokata fuq miri ta' proċess".

## 3.3 L-APPROĊĊ TAL-KORS TAL-ĦAJJA

Iż-żewġ strateġiji għas-saħħa sovranazzjonali jitolbu viżjoni fit-tul jew "approċċ tal-kors tal-ħajja" sabiex jitrawwem it-tixjiħ b'saħħtu matul il-ħajja kollha, minħabba li l-mudelli tas-saħħa u l-mard huma influwenzati fi stadji differenti ta' ħajja ta' persuna, u dak li jiġri matul is-snin bikrija għandu effetti u konsegwenzi dejjiema u tul il-ħajja.[22] Dan il-prinċipju ġie dokumentat b'mod konċiż fil-"Healthy Ireland - A framework for improved health and well-being: 2013-2025" ("Irlanda b'Saħħitha – Qafas għal titjib fis-saħħa u l-benesseri: 2013-2025") ippubblikat fl-2013.[23] Id-dokument Irlandiż identifika li l-punti ewlenin ta' tranżizzjoni fil-ħajja bħad-dħul jew it-tluq mill-iskola, li wieħed jibda familja u l-irtirar, jippreżentaw opportunitajiet għal intervent u sħubiji bejn stituzzjonijiet tas-saħħa u, pereżempju, entitajiet u organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u l-impjiegi biex jiġu rinfurzati l-għarfien u l-ħiliet, l-attitudni u l-imġiba dwar l-iżvilupp u t-tixjiħ b'saħħtu.

## 3.4 IS-SAĦĦA FIL-POLITIKA KOLLHA

L-adozzjoni ta' "Is-Saħħa fil-Politika Kollha" (HiAP) jew approċċi tas-"soċjetà kollha u l-gvern sħiħ" li jippromwovu l-ħidma u l-pussess intersettorjali tal-għan li titjieb is-saħħa tal-popolazzjoni permezz tas-setturi ta' politika differenti, jitqiesu mill-istrateġiji tal-UE u d-WHO bħala strumentali. It-tnejn jippromwovu l-ħtieġa li s-sistemi tas-saħħa jtejbu l-governanza u t-tmexxija għas-saħħa. Health 2020 jappoġġja l-ħolqien ta' "komunitajiet reżiljenti" (persuni li jingħataw setgħa) u "ambjenti li jipprovdu appoġġ" bil-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa u jissaħħu l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard meħtieġa għal kors ta' ħajja b'saħħitha u proċess ta' tixjieħ b'saħħtu.[24]

Il-gvernijiet qed ikunu mħeġġa dejjem aktar, jevalwaw mill-ġdid ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istat u jirrikonoxxu u jappoġġjaw il-kontribuzzjoni li l-pubbliku jista' jagħmel lill-kura tas-saħħa u soċjali.[25] Il-parteċipazzjoni tgħodd għaċ-ċittadini li qed jieħdu rwol dejjem aktar attiv fis-saħħa individwali tagħhom u s-saħħa tal-komunitajiet tagħhom. Ir-rapport tal-WHO Ewropa (2002) [26] dwar approċċi tal-parteċipazzjoni komunitarja u l-iżvilupp sostenibbli jiġġustifika l-involviment taċ-ċittadini permezz ta':

1. id-dikjarazzjoni li l-parteċipazzjoni hija element essenzjali taċ-ċittadinanza f'demokrazija;
2. li hija meħtieġa biex jiġu mobilizzati riżorsi komunitarji u biex jiġu mfassla servizzi aktar effettivi;
3. li hija ta' importanza kritika biex tiġi żgurata l-involviment komunitarju, u
4. finalment tiggarantixxi s-sostenibbiltà tal-programmi.[26]

Ġustifikazzjoni oħra għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija r-realtà li l-valur ta' sistemi jiġi vvalutat l-aħjar mill-perspettiva tal-utenti aktar milli l-maniġers tas-sistemi. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq il-kisba ta' riżultati ta' kwalità għolja flimkien ma' attenzjoni aktar pubbliċizzata dwar in-numru ta' proċeduri mwettqa f'ambjenti kliniċi definiti.[27]

## 3.5 SISTEMI TAS-SAĦĦA DINAMIĊI

Il-ħtieġa li jissaħħu u jiġu appoġġjati sistemi tas-saħħa dinamiċi hija prijorità oħra identifikata internazzjonalment. B'mod aktar speċifiku, Health 2020 jidentifika l-ħtieġa ta' sistemi tas-saħħa "finanzjarjament vijabbli, adattati għall-għan, iċċentrati fuq il-persuni u bbażati fuq l-evidenza" biex tiġi pprovduta kura tas-saħħa ta' kwalità u jiġu mtejba r-riżultati tas-saħħa. Dan jinvolvi:

1. il-ħidma lejn it-titjib tal-governanza u t-tmexxija;
2. azzjonijiet immirati lejn it-trażżin ta' żidiet fl-ispejjeż immexxija mill-provvista;
3. it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tal-ħela;
4. l-użu ta' valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTAs) u mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà kif ukoll biex tiġi nkoraġġita kultura favur is-sigurtà tal-pazjent;
5. aktar iffokar fuq il-provvediment ta' kura tas-saħħa primarja innovattiva.

Health 2020 jitkellem ukoll dwar il-ħtieġa ta' riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa biex ikollhom "forza tax-xogħol aktar flessibbli, b'ħiliet differenti u orjentata lejn ħidma f'timijiet".[24] L-enfasi ta' din ir-riforma għandha tkun dwar il-provvista tal-kura bbażata fuq it-timijiet, metodi ġodda ta' provvista ta' kura tas-saħħa komunitarja u fit-tul, il-ħiliet fl-appoġġ tal-għoti tas-setgħa lill-pazjent, it-tisħiħ tal-ippjanar strateġiku, il-ħidma bejn is-setturi u l-kapaċità ta' tmexxija.

## 3.6 IS-SAĦĦA, IL-PROSPERITÀ U T-TKABBIR EKONOMIKU

Kemm il-WHO u l-Kummissjoni tal-UE jidentifikaw l-importanza tal-enfasizzar tar-rabta bejn is-saħħa u l-prosperità ekonomika u juru s-saħħa bħala riżors soċjali u ekonomiku. Dan il-kunċett huwa wżat bħala argument ċentrali biex jiġi ġustifikat l-investiment fis-saħħa tal-popolazzjoni u biex is-saħħa tingħata aktar importanza fl-aġenda politika. Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra "s-saħħa bħala valur fiha nnifsha" [28] u bħala prekondizzjoni għall-prosperità ekonomika. Is-saħħa tal-persuni tinfluwenza r-riżultati ekonomiċi f'termini ta' produttività, provvista ta' xogħol, tar-riżorsa umana u nfieq pubbliku.[29]

Iż-żoni ta' azzjoni fil-mira tal-programm "Is-Saħħa għat-Tkabbir" huma f'konformità mal-aġenda stabbilita fl-Ewropa 2020. Dan il-programm se jappoġġja inizjattivi mmirati lejn is-sejbien u l-applikazzoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, metodi ta' provvista tal-kura tas-saħħa, l-użu tar-riżorsi u l-finanzjament tas-sistemi, bil-għan li jitjiebu l-kwalità, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa. Dawn is-soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jinkludu l-użu ta' mezzi tas-saħħa elettronika (jew ehealth) li tkopri l-firxa ta' għodod li jistgħu jintużaw biex jiġu assistiti u mtejba l-prevenzjoni, d-dijanjożi, t-trattament, il-monitoraġġ u l-immaniġjar tas-saħħa u l-istil tal-ħajja. Dawn is-soluzzjonijiet ħafna drabi jitqiesu bħala li jżidu l-produttività b'mod sostanzjali, u għalhekk bħala strument li jappoġġja r-riforma tas-sistemi tas-saħħa.[29]

Il-Forum Ekonomiku Dinji (2011) irrikonoxxa li ammont kbir ta' nfieq fuq is-saħħa, nkluż b'mod partikolari fil-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa, għandu jitqies bħala investiment li jrendi rata sabiħa ta' ritorn.[30] L-iffukar dwar il-prevenzjoni tal-mard jista' jnaqqas spejjeż għoljin ta' trattament fit-tul u jtejjeb ir-riżultati tas-saħħa billi jiġu evitati għexieren ta' eluf ta' mwiet prematuri u mard kroniku.[31] Il-WHO identifikat ukoll numru ta'

"l-aħjar akkwisti" fil-prevenzjoni ta' mard kroniku li ma jitteħidx - bħal miżuri fiskali ta' nċentiv, ir-riformulazzjoni u l-iskrijnjar tal-prodotti tal-ikel, l-iskoperta bikrija u t-trattament ta' dawk b'riskju għoli ta' mard bħall-kanċer u l-mard kardjovaskulari, nklużi l-iskoperta bikrija u t-trattament tal-pressjoni għolja.[32]

Minkejja l-kompetenza limitata tal-UE fil-qasam tal-politika dwar is-saħħa, l-kriżi ekonomika u finanzjarja wasslet għal żieda fl-influwenza tal-UE fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali permezz tat-tnedija ta' riforma fit-tul tal-proċessi ta' governanza ekonomika li jinsabu għaddejjin fil-kuntest aktar wiesgħa tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-proċess ta' riforma inkluda l-introduzzjoni ta' proċessi u strutturi ġodda nkluż is-Semestru Ewropew. Is-Semestru Ewropew huwa proċess annwali f'żewġ stadji ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u r-riformi strutturali mniedi fl-2011 bħala tweġiba għall-kriżi ekonomika.

Is-Semestru jinkludi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (AGS), il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (NRP) u Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSR), li mill-2012 bdew jagħmlu referenza espliċita għas-saħħa. Wara l-inklużjoni tas-Saħħa għall-ewwel darba fl-AGS tal-2012 taħt tlieta mill-ħames oqsma ta' azzjoni, l-AGS tal-2013 ġab miegħu l-ewwel analiżi komprensiva tal-valur ta' investiment u r-ritorn (cost-effectiveness) tas-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri. Barra minn hekk, reviżjoni tal-NRPs fl-2012 sabet is-saħħa marbuta ma' erba' temi, jiġifieri l-impjieg, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-tnaqqis fil-faqar u r-riforma baġitarja. Fl-istess sena, tmien pajjiżi rċevew CSR dwar is-saħħa (inkluż Malta). Il-ħtieġa għal riformi urġenti tal-intitolamenti fit-tul, b'mod partikolari s-saħħa u l-pensjonijiet, biex tiġi sostnuta s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, hija l-ġustifikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni għal numru ta' CSRs relatati mas-saħħa maħruġa fl-2013.

## 3.7 MONITORAĠĠ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA





Ir-rapport "Health at a Glance: Europe" ("Is-Saħħa ma' Daqqa t'Għajn: L-Ewropa") ippubblikat mill-OECD fl-2012 juri r-rilevanza u l-importanza tal-istatistika tas-saħħa u relatata mas-saħħa komparabbli (bejn pajjiżi u maż-żmien) biex jiġi nfurmat it-tfassil tal-politika u biex titkejjel il-prestazzjoni.[33] Din l-analiżi ġiet ibbażata fuq il-lista ta' indikaturi ECHI[††]. Ir-rapport jindika li filwaqt li l-istat tas-saħħa tjieb b'mod sinifikanti fil-pajjiżi Ewropej, għad hemm distakk kbir bejn l-Istati Membri u bejn gruppi soċjoekonomiċi. Ġie identifikat ukoll tibdil fil-fatturi ta' riskju. Il-konsum tat-tabakk qiegħed jonqos u l-isfida tal-obeżità qiegħda ssir aktar prevalenti filwaqt li l-mard kroniku bħad-dijabeta u d-demenzja qed isiru kwistjonijiet dejjem aktar b'saħħithom għas-sistemi tas-saħħa. Ir-rapport jenfasizza wkoll it-tħassib dwar nuqqasijiet attwali u prevvisti fil-futur ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa.[34]

Il-lista ta' indikaturi ECHI ukoll tat direzzjoni lill-identifikazzjoni ta' indikaturi għall-NHSS u eventwalment se tintuża fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa (HSPA).[34]

[††] L-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (l-indikaturi ECHI) inħolqu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-UE matul dawn l-aħħar 14-il sena. L-għan ta' din l-inizjattiva kien li tinħoloq sistemi tal-informazzjoni u l-għarfien dwar is-saħħa komparabbli biex tiġi mmonitorjata s-saħħa fil-livell tal-UE. Din il-lista ECHI tinkludi lista qasira ta' 88 indikaturi li jkopru t-temi li ġejjin: Id-demografija u s-sitwazzjoni soċjoekonomika; l-Istat tas-Saħħa; d-Determinanti tas-Saħħa; s-Servizzi tas-Saħħa u l-promozzjoni tas-Saħħa.

L-istrateġija Health 2020 issemmi l-ħtieġa ta' "informazzjoni affidabbli, aġġornata dwar l-istat tas-saħħa u l-benesseri, dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa u dwar l-għanijiet u r-riżultati tas-sistemi tas-saħħa" bħala prerekwiżiti għall-"ippjannar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tas-saħħa".[24] Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet ukoll li r-relazzjoni bejn l-infiq tal-kura tas-saħħa u r-riżultati tas-saħħa mhijiex lineari. Għalhekk, mhuwiex biss kemm jintefqu l-flus, iżda kif jintefqu, li jiddetermina l-istat tas-saħħa ta' pajjiż.

Fuq livell tal-UE, l-enfasi dwar ir-riżultati tas-saħħa u b'mod partikolari l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa hija evidenti ħafna fir-rekwiżit stabbilit għall-Istati Membri li jkollhom fis-seħħ strateġija tas-saħħa li "tinkludi sistemi ta' monitoraġġ u reviżjoni" biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014-2020.[35]

## 3.8 RIFORMI MEĦTIEĠA BIEX TITTEJJEB IS-SOSTENIBBILTÀ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika identifikaw l-oqsma li ġejjin fejn ir-riformi strutturali u l-gwadann għas-saħħa jistgħu jtejbu s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa [36]:

- l-inkoraġġiment tal-provvediment u l-użu aktar effettiv u effiċjenti tas-servizzi tas-saħħa permezz ta' nċentivi adegwati;
- l-iżgurar ta' taħlita bbilanċjata ta' ħiliet tal-persunal u l-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet tal-persunal minħabba t-tixjieħ;
- it-tnaqqis fl-użu mhux meħtieġ ta' kura speċjalizzata u fl-isptarijiet filwaqt li jittejbu s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja;
- il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard aħjar fis-settur tas-saħħa u barra mis-settur tas-saħħa;
- it-titjib fil-ġbir tal-istatistika u l-użu ta' informazzjoni disponibbli biex jiġi sostnut it-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa; b'mod partikolari l-ġbir ta' statistika dwar is-saħħa permezz tal-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (ECHI) u l-iżvilupp ta' għodod biex tiġi vvalutata aħjar l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa;
- l-użu tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa b'mod aktar sistematiku għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- l-iżgurar tal-użu bbażat fuq il-vular ta' l-effetività tal-mediċini; dan jinkludi ż-żieda fl-użu ta' prodotti mediċinali (ġeneriċi) ekwivalenti li jiswew inqas.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma konsistenti mal-"għaxar sorsi ewlenin ta' ineffiċjenza tas-sistemi tas-saħħa" tal-WHO [37] u r-rakkomandazzjonijiet tal-OECD għar-riforma tas-sistemi tas-saħħa.[33]

## 3.9 KONKLUŻJONI

Hemm diversi similaritajiet u konverġenzi bejn l-isfidi li s-sistemi tas-saħħa f'Malta qed jiffaċċjaw, u li se jkunu qed jiffaċċjaw fis-snin li ġejjin u dawk identifikati fi strateġiji tas-saħħa sovranazzjonali. F'konformità ma' din l-evidenza u direzzjoni, il-kapitli li ġejjin se jistabbilixxu l-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi tal-NHSS. Dawn se jkunu segwiti mill-preżentazzjoni tal-azzjonijiet strateġiċi li se jwasslu għall-kisba ta' dawn l-għanijiet permezz ta' approċċ iċċentrat fuq il-persuni matul is-snin li ġejjin.

Kapitlu 4

# Il-formazzjoni tal-għanijiet għall-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa

## 4.1 INTRODUZZJONI

L-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali (NHSS) iddur madwar sett ta' erba' objettivi ġenerali. Dawn l-objettivi jkopru l-politika strateġika identifikata minn reviżjoni fil-fond tal-istrateġiji tematiċi akkumulati, d-dokumenti ta' politika maħruġa matul dawn l-aħħar għoxrin sena u d-deliberazzjonijiet tat-Task Force li nħolqot fl-2012 biex titfassal din l-istrateġija nazzjonali. Dawn l-objettivi ġenerali huma maħsuba biex ikopru u jwasslu għall-viżjoni tal-Ministeru responsabbli għas-Saħħa għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u s-saħħa tal-popolazzjoni tal-2020 u lil hinn.

Kull wieħed mill-erba' objettivi ġenerali ġie elaborat b'direzzjoni strateġika waħda jew tnejn. Kull direzzjoni hija maħsuba li telenka u tispjega r-rotta jew ir-rotot li permezz tagħhom se jiġu ndirizzati l-objettivi ġenerali.

Dan il-Kapitlu huwa ddedikat għall-illustrazzjoni tal-fehim tal-Ministeru dwar dawn l-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi. Se jippreżenta wkoll il-ħsieb wara kull wieħed minn dawn l-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi rispettivi. Il-Kapitlu 7 se jelabora l-azzjonijiet u t-tattiċi strateġiċi li l-Ministeru identifika bħala meħtieġa biex is-sistemi tas-saħħa nazzjonali tiġi megħjuna tikseb kull wieħed mill-objettivi ġenerali u d-direzzjonijiet strateġiċi korrispondenti tagħhom matul is-snin li ġejjin. Dawn l-azzjonijiet strateġiċi juru l-mezzi li permezz tagħhom is-sistemi tas-saħħa nazzjonali se tindirizza dawn l-isfidi. L-istrateġija qiegħda turi kif u liema investimenti ta' riżorsi umani, ntellettwali u finanzjarji jeħtieġ li jintalbu, jinkisbu u jintużaw. Se tiġi segwita minn pjan ta' azzjoni miftiehem li jinkludi perjodi ta' żmien xierqa u responsabbiltajiet stabbiliti għall-entitajiet identifikati bħala responsabbli għal kull azzjoni jew sett ta' azzjonijiet.

Kaxxa 4 tippreżenta l-erba' objettivi ġenerali u s-seba' direzzjonijiet strateġiċi korrispondenti li jiffurmaw il-pilastri tal-NHSS.

**KAXXA 4** | IL-PILASTRI TAL-NHSS

**IT-TITJIB TAS-SAĦĦA, L-INNOVAZZJONI TAT-TRIQ 'IL QUDDIEM: OBJETTIVI ĠENERALI U DIREZZJONIJIET STRATEĠIĊI TAL-NHSS**

### OBJETTIV ĠENERALI 1

Azzjoni xierqa b'għarfien għaż-żieda fid-domanda u l-isfidi li jinħolqu mit-tibdil demografiku u x-xejriet epidemjoloġiċi permezz ta' attenzjoni fuq il-kors kollu tal-ħajja, it-tfal, l-anzjani u gruppi vulnerabbli

#### Direzzjoni Strateġika 1A

Inwieżnu persuni b'diffikultà biex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom u nindirizzaw iż-żieda fid-domanda għal kura ta' dipendenza għolja.

#### Direzzjoni Strateġika 1B

It-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa filwaqt li jiġu enfasizzati t-tibdil fl-imġieba u l-għażliet tal-istil tal-ħajja nklużi l-protezzjoni, l-iskrijnjar u d-dijanjożi bikrija, u l-kontroll tal-progressjoni tal-mard.

### OBJETTIV ĠENERALI 2

Iż-żieda fl-aċċess ekwu, d-disponibbiltà u l-puntwalità tas-servizzi tas-saħħa u soċjali, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa.

#### Direzzjoni Strateġika 2A

It-titjib fl-immaniġjar u l-effiċjenza tas-servizzi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-prijoritizzazzjoni, il-monitoraġġ, is-sħubija pubblika privata, u mudelli oħra ta' provvediment ta' servizzi.

### OBJETTIV ĠENERALI 3

It-titjib tal-kwalità tal-kura billi tiġi żgurata l-konsistenza ta' kura pprovduta minn ħaddiema tas-saħħa kompetenti appoġġjati minn sistemi ta' informazzjoni robusti.

#### Direzzjoni Strateġika 3A

Il-formulazzjoni u l-infurzar ta' standards ta' kwalità inklużi l-għoti ta' liċenzji u l-akkreditazzjoni u l-iżvilupp u l-applikazzjoni sistematika ta' protokolli ta' mmaneġġjar tal-każijiet.

#### Direzzjoni Strateġika 3B

L-iffaċilitar tal-kontinwità tal-kura permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni fi ħdan u bejn it-timijiet ta' minn jipprovdi s-servizzi u billi tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

### OBJETTIV ĠENERALI 4

L-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin.

#### Direzzjoni Strateġika 4A

It-tfassil, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politika sostenibbli għar-riżorsi umani, l-mekkaniżmi ta' finanzjament, il-kriterji ta' ntitolament għall-kura u l-organizzazzjoni tal-provvista tal-kura.

#### Direzzjoni Strateġika 4B

It-titjib fil-governanza u l-għoti tas-setgħa lit-tmexxija futura għas-saħħa u l-benesseri biex jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet nazzjonali permezz ta' approċċi bbażati fuq gvern sħiħ u fuq is-soċjetà kollha.

## 4.2 IR-RWOL STRATEĠIKU U KOMPRENSIV TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT)

Hemm domanda kbira u li dejjem tikber għal applikazzjoni effiċjenti, effettiva u ekonomika tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għas-sistemi tas-saħħa ta' Malta. Din qiegħda tiġi indirizzata permezz tal-abbozzar, l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan strateġiku sabiex jiġu identifikati u prijoritizzati l-elementi essenzjali li se jiggwidaw l-investiment u l-attività fl-ICT tas-Saħħa u s-saħħa elettronika matul is-snin li ġejjin.

Ġa ġew identifikati numru ta' objettivi u direzzjonijiet strateġiċi. Dawn l-objettivi u direzzjonijiet huma konsistenti mal-filosofija komprensiva tal-NHSS u b'mod partikolari tal-Objettiv Komprensiv 3 li jispeċifika l-appoġġ meħtieġ biex jitjiebu u jiġu żgurati l-kwalità u l-konsistenza tas-servizzi mogħtija li jistgħu jiġu provduti biss permezz ta' sistemi ta' informazzjoni b'saħħithom. Konsegwentement, azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' sistemi tal-ICT fis-Saħħa ġew enfasizzati speċifikament f'Kapitlu 7 li qed jiddeskrivi l-azzjonijiet u t-tattiċi li l-Ministeru se jimplimenta biex jilħaq l-objettivi u d-direzzjonijiet strateġiċi tiegħu.

### 1. L-IŻVILUPP TAS-SISTEMI TAL-MYHEALTH U TAS-SAĦĦA ELETTRONIKA

Is-sistemi tal-myHealth u tas-saħħa elettronika se jiġu żviluppati aktar u se jkun jistgħu jintużaw b'mod aktar faċli mill-pazjenti, mit-tobba tal-familja u mill-ispiżjara fil-komunità, f'appoġġ ta' kura primarja aħjar u sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn ambjenti ta' kura akuta u kura komunitarja.

### 2. IL-KISBA TA' VALUR AĦJAR GĦALL-FLUS

L-investiment fl-ICT tas-saħħa se jkun immirat sabiex jikseb benefiċċju għas-sistema tal-kura tas-saħħa fl-intier tagħha billi jikseb riżultati tas-saħħa aħjar, iżid il-produttività u l-iffrankar tal-ispejjeż fuq xogħol u materjal.

### 3. L-GĦOTI TAS-SETGĦA LILL-PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA U LILL-PAZJENTI PERMEZZ TAL-ICT

Se jiġu żviluppati sistemi li jiffaċilitaw il-kontinwità tal-kura, it-twassil tas-servizzi mgħaġġel u effiċjenti, is-sikurezza tal-pazjent permezz ta' appoġġ tad-deċiżjonijiet, u l-involviment dirett tal-pazjent.

### 4. IL-ĦOLQIEN TA' ARKITETTURA TAL-ICT TAS-SAĦĦA KORPORATTIVA SKALABBLI

L-iżvilupp ta' sistemi tal-ICT tas-saħħa se jiġi koordinat permezz ta' arkitettura korporattiva bbażata fuq politika u standards miftiehma, sabiex tiġi faċilitata l-kondiviżjoni kkontrollata tad-dejta u tar-riżorsi, jinkiseb valur għall-flus, u tiġi stabbilita l-bażi għar-riċerka u l-iżvilupp.

### 5. ĦOLQIEN TA' INFRASTRUTTURA TAL-ICT TAS-SAĦĦA B'SAĦĦITHA U INTEROPERABBLI

Il-postijiet kollha tat-twassil tal-kura tas-saħħa tal-Gvern se jiġu provduti b'konnettività u infrastruttura desktop aġġornata skont il-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Se jiġi stabbilit repożitorju komuni ta' settijiet tad-dejta ewlenin tas-saħħa, inklużi reġistri professjonali tas-saħħa. Se tiġi segwita l-interoperabbiltà ta' sistemi u, fejn possibbli, se jiġu inkorporati servizzi komuni tal-Gvern (eż. għall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni).

### 6. L-IŻVILUPP TAL-KAPITAL UMAN TA' MALTA FL-ICT TAS-SAĦĦA

Il-qafas eżistenti ta' prattikanti tal-ICT tas-saħħa se jiġi identifikat, rikonoxxut u jingħata s-setgħa sabiex jitwassal dan il-pjan strateġiku. Din il-komunità speċjalizzata se tiġi żviluppata permezz ta' taħriġ fuq perjodu ta' żmien qasir u opportunitajiet edukattivi fuq perjodu ta' żmien itwal. Se jiġi promoss ukoll l-għarfien tal-ICT tas-saħħa fost professjonisti tas-saħħa u l-pubbliku inġenerali.

# 4.3 IL-ĦSIEB WARA L-ERBA' OBJETTIVI ĠENERALI U S-SEBA' DIREZZJONIJIET STRATEĠIĊI

Objettiv Ġenerali 1

## IS-SAĦĦA U L-BENESSERI MATUL IL-ĦAJJA

Azzjoni xierqa b'għarfien għaż-żieda fid-domanda u l-isfidi li jinħolqu mit-tibdil demografiku u x-xejriet epidemjoloġiċi permezz ta' attenzjoni fuq il-kors kollu tal-ħajja, it-tfal, l-anzjani u gruppi vulnerabbli.

L-investiment u l-appoġġ ta' saħħa tajba matul il-kors tal-ħajja jwasslu għal żieda fil-possibbiltajiet għal u fit-tul tal-istennija tal-għomor b'saħħitha u jdewmu l-bidu ta' mard relatat mal-età (dividend tal-lonġevità). It-titjib f'dawn iż-żewġ għanijiet jista' jwassal għal benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ndividwali importanti. It-trasformazzjoni demografika li seħħet u li mistennija tkompli tiżviluppa fil-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin teħtieġ strateġija effettiva tul il-kors tal-ħajja li tagħti prijorità lil approċċi ġodda għall-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni u d-dewmien tal-bidu tal-mard u t-titjib tal-kontroll tal-mard. It-titjib tas-saħħa u l-ekwità tas-saħħa jibdew minn qabel il-konċezzjoni, fit-tqala, fl-iżvilupp perinatali u l-iżvilupp bikri tat-tfal. Tfal b'saħħithom għandhom il-kapaċità li jitgħallmu aħjar, adulti b'saħħithom huma aktar produttivi, u persuni aktar anzjani b'saħħithom jistgħu jkomplu jikkontribwixxu b'mod attiv u għal aktar żmien fis-soċjetà.

Direzzjoni Strateġika 1A

## IL-KURA XIERQA FIL-POST XIERAQ FIL-ĦIN OPPORTUN

Nwiznu persuni b'diffikultà biex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom u nindirizzaw iż-żieda fid- domanda għal kura ta' dipendenza għolja.

Qiegħed isir aktar evidenti li s-sistema tas-saħħa nazzjonali teħtieġ li tinvesti fiż-żieda fil- kapaċità li jiġu sodisfatti ż-żidiet attwali u previsti fid-domanda. Investiment addizzjonali matul is-sistemi u l-orjentazzjoni mill-ġdid tas-servizzi eżistenti huma meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet b'mod aktar xieraq u biex jinkiseb valur aħjar mill-kapaċità disponibbli, b'mod partikolari fil-kura primarja, fis-servizzi ta' riabilitazzjoni u komunitarji, u fil-kura fit-tul ta' dipendenza ogħla. Il-kura tas-saħħa primarja teħtieġ li żżid l-effikaċja tagħha u tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha bħala l-pedament tas-sistemi tas-saħħa billi trawwem ambjenti favorevoli biex persuni jipparteċipaw b'modi ġodda fit-trattament tagħhom u jieħdu kura aħjar tas-saħħa tagħhom, iżżid l-użu ta' għodod innovattivi bħat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u forom ġodda ta' provvista ta' servizzi li jappoġġjaw l-għixien indipendenti fil-komunità u tippromwovi provvista ta' kura aktar flessibbli, multidixxiplinari u orjentata lejn ħidma f'timijiet.

Se tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li l-kura meħtieġa tiġi pprovduta fl-ambjent li huwa l-aktar xieraq għall-ħtiġijiet u ta' benefiċċju għas-sosteniment u t-titjib tas-saħħa u l-benesseri tal-persuna li teħtieġ il-kura. Jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet biex jitkompla l-aġġornament tal-ambjenti kollha li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa u tiżdied l-enfasi fuq l-għoti tas-setgħa u l-inkoraġġiment lill-komunitajiet biex jinvolvu ruħhom aktar fil-provvediment ta' kura nformali fil-komunità u viċin kemm jista' jkun ta' fejn jgħixu u jaħdmu n-nies.

Direzzjoni Strateġika 1B

## INVOLVIMENT U GĦOTI TAS-SETGĦA BIEX TIĠI PROMOSSA S-SAĦĦA

It-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, filwaqt li jiġu enfasizzati t-tibdil fl- imġiba u l-għażliet tal-istil tal-ħajja nklużi l-protezzjoni, l-iskrijnjar u d-dijanjożi bikrija u l-kontroll tal-progressjoni tal-mard.

L-istili ta' ħajja tal-persuni u l-kondizzjonijiet li fihom jgħixu u jaħdmu, jinfluwenzaw is-saħħa u l-potenzjal għal-lonġevità tagħhom. Madankollu, il-kisba u ż-żamma tas-saħħa u l-benesseri mhumiex l-unika responsabbiltà tal-individwu. Huwa meħtieġ il-ħolqien ta' ambjenti li jiffaċilitaw u jappoġġjaw l-għażla l-aktar b'saħħitha biex issir l-għażla l-aktar faċli. B'hekk, il-kontribut individwali u kollettiv għat-titjib fl-istatus tas-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni ssir aktar possibbli.

It-tixjieħ tal-popolazzjoni f'Malta li tirriżulta minn żieda fil-lonġevità u tnaqqis fir-rati tat-twelid huwa stabbilit sew u se jkun fenomenu kontinwu fil-futur prevedibbli. Dan it-tibdil x'aktarx ikompli jżid d-domanda għal servizzi tal-kura tas-saħħa filwaqt li jnaqqas ukoll il- grupp ta' persuni fil-popolazzjoni attiva. Madankollu, il-projezzjonijiet tal-UE juru li jekk il- persuni jirnexxielhom jibqgħu b'saħħithom minħabba li jgħixu aktar fit-tul, iż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa minħabba t-tixjieħ tista' titnaqqas sostanzjalment.[38] Se tkompli tittieħed azzjoni biex tiġi promossa s-saħħa u jiġi prevjenut il-mard matul il-ħajja kollha billi jiġu ndirizzati kwistjonijiet ewlenin inklużi n-nutrizzjoni fqira u mhux ibbilanċjata, l-livelli baxxi ta' attività fiżika, l-konsum tat-tabakk u l-konsum li jagħmel ħsara tal-alkoħol u d-droga, r-riskji ta' sigurtà u tas-saħħa ambjentali u okkupazzjonali, l-inċidenti tat- traffiku fit-toroq, u l-inċidenti fid-dar. Dan huwa konsistenti ma' Health 2020 li jirrakkomanda l-ħolqien ta' "komunitajiet reżiljenti" (persuni li jingħataw setgħa) u "ambjenti li jipprovdu appoġġ". L-għoti ta' pariri u azzjoni diretta mill-Ministeru responsabbli għas-Saħħa f'dan ir-rigward jirriżultaw fi tnaqqis fl-inugwaljanzi fis-saħħa u t-tisħiħ tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Dan finalment iwassal għal kors ta' ħajja aktar b'saħħtu u proċess ta' tixjiħ aktar b'saħħtu.

Din l-istrateġija tafferma wkoll il-kontinwazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' inizjattivi u riżorsi biex tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem u jittejbu s-sikurezza, s-sigurtà u l-protezzjoni ta' ċittadini kontra theddid tas-saħħa. Dawn jinkludu l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa, l-istat ta' tħejjija u t-tweġiba għal epidemiji u l-bijoterroriżmu, strateġiji biex jiġu ndirizzati riskji minn mard u kundizzjonijiet speċifiċi, azzjoni dwar inċidenti u korrimenti, t-titjib fis-sikurezza tal-ħaddiema, u azzjonijiet biex jiġu żgurati u mħarsa s-sikurezza tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur.

Objettiv Ġenerali 2

## L-IŻGURAR TAL-EKWITÀ FI ĦDAN SISTEMI TAS-SAĦĦA DINAMIĊI U L-IŻGURAR TA' PROGRESS SOSTNUT

Iż-żieda fl-aċċess ekwu, d-disponibbiltà u l-puntwalità tas-servizzi tas-saħħa u soċjali, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa.

F'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjoni dwar valuri u prinċipji komuni fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE, li fiha ġew elenkati l-valuri komprensivi tal-universalità, l-aċċess għal kura ta' kwalità tajba, l-ekwità u s-solidarjetà. Dikjarazzjoni ġdida dwar valuri komuni għall-politika dwar is-saħħa fis-sens aktar wiesgħa se tibni fuq dan.Valuri relatati mat-titjib fis-saħħa jridu jinkludu t-tnaqqis ta' inugwaljanzi.[39] Għalkemm ħafna Maltin igawdu ħajja itwal u aktar b'saħħitha minn ġenerazzjonijiet ta' qabilhom, għadhom jeżistu inugwaljanzi fis-saħħa bejn sottogruppi tal-popolazzjoni. Dawn is-sottogruppi jeħtieġ li jiġu identifikati sew biex jiġi żgurat

li s-servizzi ma jkunux diskriminatorji u jippermettu li dawn il-persuni jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom fil-ħajja. Programmi ġodda jridu jiġu evalwati sew, inkluż għall-effett mixtieq mill-investiment u l-ekwità u jridu jiġu kkunsidrati t-taħriġ u l-implikazzjonijiet tal-kapaċità tal-professjonisti tas-saħħa.

Direzzjoni Strateġika 2A

## ISIR L-AĦJAR UŻU MINN RIŻORSI DISPONIBBLI

It-titjib fil-immaniġjar u l-effiċjenza tas-servizzi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-prijoritizzazzjoni, il-monitoraġġ, is-sħubija pubblika privata, u mudelli oħra ta' provvediment ta' servizzi.

Filwaqt li s-sistema tas-saħħa teħtieġ li terġa' torganizza lilha nnifisha biex issir aktar reattiva għall-ħtiġijiet ta' individwi u familji, hija kkonċernata wkoll bl-iżgurar li d-diversi partijiet u l-parteċipanti differenti fis-sistemi jiġu utilizzati għall-effikaċja u l-effiċjenza massima tagħhom. Fil-livell tal-Gvern, jeħtieġ li tinkiseb l-effiċjenza meta jiġu allokati u distribwiti r-riżorsi. Filwaqt li fil-livell tal-provvediment tas-servizz, l-effiċjenza teknika hija essenzjali. Kunċetti emerġenti ġodda jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u utilizzati fejn meħtieġ, bħall-possibbiltà ta' sħubiji pubbliċi privati, oqsma komunitarji u soluzzjonijiet ta' saħħa elettronika. Dawn il-kunċetti ta' makro-maneġġjar u mikro-maneġġjar ta' servizzi se jiżguraw il-kontinwità tal-provvediment tas-servizzi attwali u futuri fi ħdan sistemi tas-saħħa dinamika u jevitaw li jitqiegħed piż finanzjarju miżjud fuq ġenerazzjonijiet futuri. Qiegħed isir dejjem aktar rikonoxxut li s-servizzi jeħtieġ li jiġu ppjanati b'viżjoni tal-futur. Id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu jeħtieġ li jkunu bbażati fuq l-evidenza u inizjattivi ġodda li jitniedu jridu jkunu ekonomikament u klinikament effiċjenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-etika u l-ekwitabbiltà.

Is-sistema tas-saħħa nazzjonali hija taħt pressjoni kostanti u li dejjem tiżdied biex taġixxi bi tweġiba għall-isfidi ppreżentati minn popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, żieda fl-aspettattivi taċ- ċittadini, ir-rikjesti għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji u mediċini ġodda, aktar għaljin u sofistikati, il-migrazzjoni, u l-mobiltà ta' pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa. L-azzjoni se tikkonċentra fuq il-kisba u ż-żamma ta' servizzi li jiżguraw livelli għoljin ta' standards ta' sikurezza, kwalità u effiċjenza permezz ta' sistemi tas-saħħa li jsiru dejjem aktar finanzjarjament vijabbli, adattata għall-għan, iċċentrata fuq il-persuni u bbażata fuq l-evidenza.





Objettiv Ġenerali 3

## SFORZ KONĠUNT BIEX TIĠI ŻGURATA L-KONTINWITÀ TAL-KURA

It-titjib tal-kwalità tal-kura billi tiġi żgurata l-konsistenza ta' kura pprovduta minn ħaddiema tas-saħħa kompetenti appoġġjati minn sistemi ta' informazzjoni robusti

Il-kisba ta' kura ta' kwalità għolja u riżultati tas-saħħa mtejba teħtieġ sistemi tas-saħħa sostenibbli li huma adattati għall-għan, iċċentrati fuq il-persuni u bbażati fuq l-evidenza. Il-kura primarja u komunitarja huma żewġ pedamenti importanti tas-sistemi tas-saħħa. Il-kura tas-saħħa mentali hija settur importanti ieħor li jeħtieġ żvilupp prinċipali biex jinġieb f'konformità mal-istandards internazzjonali preżenti, għal prattika tajba f'dan il-qasam. Jistgħu jwieġbu għal ħtiġijiet emerġenti tas-sistemi tas-saħħa billi jrawmu ambjent favorevoli biex jiffjorixxu s-sħubiji, u jinkoraġġixxu lill-persuni jipparteċipaw fit-trattament tagħhom u jieħdu kura aħjar ta' saħħithom. L-użu sħiħ ta' għodod tas-seklu 21, innovazzjonijiet u possibbiltajiet għat-taħriġ ta' professjonisti bi kwalifiki għolja, jistgħu jgħinu fil-kisba ta' standard ogħla ta' kura li hija kosteffikaċi.

Direzzjoni Strateġika 3A

## IL-FORMULAZZJONI TA' STANDARDS FI ĦDAN APPROĊĊ IĊĊENTRAT FUQ IL-PAZJENT

Il-formulazzjoni u l-infurzar ta' standards ta' kwalità inklużi l-għoti ta' liċenzji u l-akkreditazzjoni u l-iżvilupp u l-applikazzjoni sistematika ta' protokolli ta' mmaneġġjar tal-każijiet.

Is-sikurezza tal-pazjent hija fil-qalba ta' kull sistema tal-kura tas-saħħa. It-teknoloġiji fil-qasam mediku qed javvanzaw b'rata mgħaġġla. Filwaqt li hija inkoraġġita l-introduzzjoni ta' dawn it-tekoloġiji ġodda biex tiġi pprovduta kwalità ta' kura aħjar għall-pazjenti, dan irid isir filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sikurezza tal-pazjent. Il-kura tas-saħħa qiegħda ssir dejjem aktar iċċentrata fuq il-pazjent u individwalizzata, u permezz t'hekk il-pazjent isir suġġett attiv aktar milli sempliċi oġġett tas-sistemi tas-saħħa. Il-politika u l-istrateġiji għas-saħħa jridu jieħdu d-drittijiet taċ-ċittadini u l-pazjenti bħala punt ta' tluq ewlieni. Dan jinkludi l-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u influwenza fuq dan, kif ukoll kompetenzi meħtieġa għall-benesseri, inkluż "l-għarfien dwar is-saħħa".[39] L-għoti tas-setgħa lil persuni, ċittadini, konsumaturi u pazjenti hija kritika għat-titjib tar-riżultati tas-saħħa, il-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u s-sodisfazzjon tal-pazjent.

L-iżgurar u t-tisħiħ ta' kultura favur is-sikurezza tal-pazjent huma parti ntegrali mis-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità huma importanti b'mod speċjali għat-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi tas-saħħa u għat-trawwim tal-fiduċja tal-persuni fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Din l-istrateġija qed tippromwovi l-konsolidazzjoni u qed tkompli l-iżvilupp tal-funzjonijiet u l-istrutturi regolatorji u ta' tmexxija tas-saħħa b'mod partikolari fis-settur għall-applikazzjoni tal-istandards ta' kwalità. Dawn se jinkludu l-infurzar tal-istandards xierqa abbinati ma żidiet ta' faċilitajiet u tagħmir tal-kura tas-saħħa, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' professjonisti kwalifikati u mħarrġa li jirrispettaw u joperaw fi ħdan il-kodiċi tal-kondotta professjonali stabbiliti u l-linji gwida ta' kura tal-aħjar prattika, u l-implimentazzjoni ta' politika u leġiżlazzjoni ta' sostenn dwar is-sikurezza tal-pazjent matul is-sistemi tas-saħħa kollha. L-għan huwa li titrawwem kultura ta' tagħlim fis- sistemi tas-saħħa kollha kemm fil-livell tal-operatur individwali, kif ukoll fil-livell tas- sistemi b'tali mod li fatturi li jwasslu għal aċċidenti jiġu kkoreġuti u repetizzjonijiet ta' avvenimenti avversi jiġu evitati.

Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' pazjenti bħala riżors u bħala msieħba, u r-responsabbiltà għal riżultati tal-pazjenti huma prinċipji importanti. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-pazjenti se jiġu definiti u rikonoxxuti fuq livell nazzjonali u ċ-ċittadini se jiġu inkoraġġiti u appoġġjati biex jinvolvu ruħhom aktar fir-rwol ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kemm fil-livell tal-kura ndividwali tagħhom kif ukoll fl-arena tas-saħħa pubblika kollettiva.

Direzzjoni Strateġika 3B

## SERVIZZI SIGURI, TA' KWALITÀ GĦOLJA U EFFIĊJENTI

L-iffaċilitar tal-kontinwità tal-kura permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni fi ħdan u bejn it-timijiet ta' minn jipprovdi s-servizzi u billi tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Biex tittejjeb il-kwalità tal-kura, jiġu minimizzati l-inugwaljanzi u jsir l-aħjar użu mir- riżorsi tal-kura tas-saħħa, rridu nippromwovu mudelli tas-sistemi tas-saħħa li jsaħħu l-kontinwità tal-kura permezz ta' azzjoni kooperattiva sinerġitika bejn l-isptarijiet u l-kura komunitarja. Madankollu, biex tali sistemi jaħdmu b'mod effiċjenti fi ħdan qafas li għadu sigur għall-pazjent, sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni ntegrati u komprensivi huma indispensabbli. Din l-istrateġija tistabbilixxi mekkaniżmi ta' implimentazzjoni għall- kooperazzjoni bejn l-imsieħba, li jirrinfurzaw is-Saħħa fil-Politika Kollha (HiAP), u jżidu l-viżibbiltà u l-fehim dwar is-saħħa mal-partijiet interessati kollha.

It-tkomplija tal-iżvilupp tal-kwalità u t-tisħiħ tal-prestazzjoni tas-servizzi tas-saħħa jistgħu jinkisbu biss jekk l-attivitajiet tal-parteċipanti differenti fil-mogħdijiet tal-provvista tal-kura jiġu ntegrati b'tali mod li tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u l-pazjenti ma "jintilfux" fi kwalunkwe parti tas-sistemi. L-għan aħħari huwa li jiġi ntrodott proċess ta' kura mingħajr xkiel għal kwalunkwe pazjent partikolari bejn il-kura komunitarja, primarja, sekondarja u istituzzjonali, bejn is-setturi tal-kura tas-saħħa privati u pubbliċi u fejn meħtieġ, bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-kura soċjali. Din l-istrateġija se tirrinforza b'mod qawwi r-rwol tal-kura tas-saħħa primarja bħala l-pedament tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Il-provvista tas-servizz se tiġi rilokata viċin tad-dar kemm jista' jkun, sakemm dan ikun sigur u l-investiment ikun ta' benefiċċju u effettiv, il-pazjenti se jkomplu jingħataw aktar setgħa biex iwettqu prattiċi biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom u se jiġi promoss il-potenzjal tal-mediċina personalizzata.

Objettiv Ġenerali 4

## IL-ĦIDMA LEJN SISTEMI TAS-SAĦĦA SOSTENIBBLI

L-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin.

It-tkabbir mgħaġġel ta' mard kroniku u disturbi mentali, n-nuqqas ta' koeżjoni soċjali, t-theddid ambjentali u l-inċertezzi finanzjarji jagħmlu t-titjib tas-saħħa ħafna aktar diffiċli u jheddu s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-benesseri.[24] Ir-riżorsi kollha huma limitati, inkluż dawk umani. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ u tnaqqis fis-suq tal-forza tax-xogħol, qed isir dejjem aktar importanti li jiġi żgurat li s-sistemi tas-saħħa jistgħu jlaħqu maż-żieda fid-domanda għas-servizzi tas-saħħa filwaqt li jibqgħu sostenibbli permezz ta' tweġibiet kreattivi u innovattivi li għalihom hemm impenn reali.

Direzzjoni Strateġika 4A

## IPPJANAR INTEGRAT BĦALA PARTI ESSENZJALI TA' SISTEMI TAS-SAĦĦA SOSTENIBBLI

It-tfassil, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politika sostenibbli għar-riżorsi umani, il-mekkaniżmi ta' finanzjament, il-kriterji ta' intitolament għall-kura u l-organizzazzjoni tal-provvista tal-kura.

Hemm ħtieġa, li qiegħda tiżdied, li tiġi applikata evidenza għall-politika u l-prattika, jiġu osservati limiti etiċi, tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ ir-responsabbiltà. L-użu ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi tas-saħħa fi ħdan is-sistemi tas-saħħa se jikseb żieda fl-importanza fil-futur, biex jiġi żgurat li qabel ma jitniedu inizjattivi ġodda, jkun assigurat li r-riżorsi umani, l-infrastruttura u l-investiment finanzjarju meħtieġa jistgħu jiġu sostnuti fil-futur. Dan il-kunċett irid jiġi nkorporat fil-politika kollha, flimkien ma' riżultati li jitkejlu biex tiġi permessa l-evalwazzjoni xierqa tal-politika ħalli tiġi analizzata l-effikaċja tagħha u jiġi ġustifikat kwalunkwe tibdil li jeħtieġ li jsir fi ħdan l-istrutturi u l-proċeduri eżistenti.

Il-ftuħ tal-Isptar ġdid Mater Dei, sptar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, rriżulta f'ċaqliq mhux mistenni ta' numru sinifikanti ta' persuni u talba għal servizzi mis-sistema tal-kura tas-saħħa privata għal dik pubblika. Dan, flimkien mal-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, qiegħed ipoġġi piż li qiegħed jiżdied fuq is-sistema tas-saħħa pubblika li tipprovdi s-servizzi tagħha mingħajr ħlas fil-punt tal-użu. Biex tiġi ndirizzata din l-isfida, se jiġu mfassla politika biex jgħinu fil-provvista kontinwa ta' servizzi tal-kura tas-saħħa sostenibbli li jistgħu jilħqu standards ta' eċċellenza. Se titpoġġa enfasi fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi u tal-kosteffikaċja ta' kwalunkwe inizjattiva ġdida. Is-servizzi eżistenti se jiġu evalwati aktar ukoll biex jiġi żgurat li qed jitwasslu b'mod effiċjenti. Il-ħsieb wara din

l-attività jiċċentra fuq l-intenzjoni li l-popolazzjoni attwali tkun tista' tkompli tgawdi l-benefiċċji offruti mis-sistemi tas-saħħa tagħna u l-konsegwenzi possibbli bħal piżijiet finanzjarji mhux meħtieġa ma jkollhomx għalfejn jiġu mposti fuq ġenerazzjonijiet futuri.

Direzzjoni Strateġika 4B

## TITTEJJEB IT-TMEXXIJA: GOVERNANZA PARTEĊIPATORJA GĦAS-SAĦĦA

It-tijieb fil-governanza u governanza parteċipatorja għas-saħħa huma kruċjali għall-gvernijiet li qed jimmiraw lejn il-kisba b'suċċess ta' titjib reali fis-saħħa. Dan jeħtieġ li jiġi appoġġjat permezz tal-għoti tas-setgħa lit-tmexxija futura għas-saħħa u l-benesseri biex jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet nazzjonali permezz ta' approċċi bbażati fuq gvern sħiħ u fuq is-soċjetà kollha.

It-tmexxija fil-livell Ministerjali u minn aġenziji tas-saħħa hija ta' importanza kbira biex jiġi ndirizzat il-piż tal-mard fuq is-socjetà. Dan diġà qiegħed iseħħ lokalment, madankollu jeħtieġ li jissaħħaħ. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti strutturi u proċessi formali li jappoġġjaw il-koerenza u s-soluzzjoni tal-problemi intersettorjali u jeħtieġ li jiġu inkoraġġiti, msaħħa u faċilitati l-gruppi ta' pazjenti. Is-settur tas-saħħa huwa responsabbli għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji tas-saħħa nazzjonali u jrid jikkunsidra wkoll kif id-deċiżjonijiet dwar il-politika tas-saħħa tiegħu jaffettwaw setturi u partijiet interessati oħra u viċi versa. Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa flimkien ma' gruppi ta' pazjenti u aġenziji tas-saħħa pubblika qegħdin jinvolvu ruħhom dejjem aktar fit-tnedija ta' approċċi intersettorjali għas-saħħa u qed jaġixxu bħala intermedjarji u sostenituri tas-saħħa.

Se jittieħdu azzjonijiet biex jittejbu t-tmexxija u l-governanza parteċipatorja lejn is- saħħa. Se jitniedu attivitajiet tal-gvern sħiħ li huma azzjonijiet tal-gvern fuq diversi livelli (minn lokali għal globali) li jinvolvu wkoll dejjem aktar gruppi barra mill-gvern. Dan l-approċċ jeħtieġ il-bini ta' fiduċja, etika komuni, kultura koeżiva u ħiliet ġodda. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni u integrazzjoni aħjar, iċċentrati fuq l-għanijiet soċjali globali li qed jirrappreżenta l-gvern. Se jiġi involut aktar sostenn biex jiġi enfasizzat il-kunċett tas-saħħa fil-politika kollha biex is-setturi kollha jifhmu u jaġixxu fuq ir-responsabbiltà tagħhom għas-saħħa filwaqt li jirrikonoxxu kif is-saħħa taffettwa wkoll setturi oħra.

Il-governanza u t-tmexxija se jiddeċentralizzaw 'lil hinn mil-livell tal-Ministeru. Se jiġu nfurzati wkoll f'livell soċjali permezz ta' approċċi tas-soċjetà kollha li se jikkumplimentaw il-politika pubblika. Se jittieħdu diversi tattiċi u azzjonijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni permezz ta' valuri normattivi u l-bini ta' fiduċja fost varjetà wiesgħa ta' partijiet interessati. Ir-responsabbiltà, u l-kontabbiltà se jibqgħu prinċipji b'saħħithom fi ħdan dan il-pjan ta' maneġġjar strateġiku li se jitlob li jiġu implimentati diversi bidliet. Se jkun meħtieġ korp mgħammar sew bi professjonisti mħarrġa se jkun meħtieġ biex jkun jista' jindirizza dawn l-isfidi.

Kapitlu 5

# L-indikaturi ta' referenza ewlenija għall-illustrazzjoni tal-objettivi ġenerali tal-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali

## 5.1 INTRODUZZJONI

Jistgħu jiġu utilizzati diversi ndikaturi biex jiġu llustrati u mifhuma aħjar il-fatturi li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni preżenti ta' aspetti differenti tas-sistemi tas-saħħa f'Malta. L-identifikazzjoni tal-indikaturi hija influwenzata mill-ħtieġa ta' informazzjoni kontinwa li tista' tintuża biex jiġu mmonitorjati, fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni u r-riżultati mistennija ta' din l-istrateġija maż-żmien. L-indikaturi li huma ppreżentati f'dan il-Kapitlu mhumiex esklussivi u jista' jkun meħtieġ li jintużaw aktar indikaturi jew indikaturi differenti fil-proċess ta' monitoraġġ ta' din l-istrateġija.

Se jiġu ppreżentati ndikaturi u informazzjoni relatata skont il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fl-erba' objettivi ġenerali ta' din l-istrateġija. Dawn jinkludu:

1. Żieda fit-talba u l-isfidi minħabba fit-tibdil demografiku, xejriet epidemjoloġiċi, t-tixjieħ u gruppi vulnerabbli.
2. Aċċess, disponibbiltà u puntwalità ta' servizzi, mediċini u teknoloġiji mediċi.
3. Il-kwalità tal-kura, nkluża s-sikurezza tal-pazjent, il-kontinwità u l-konsistenza tal-kura, l-implimentazzjoni tal-protokolli u/jew linji gwida internazzjonali.
4. Il-ħtieġa għal viżjoni fit-tul għas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa tagħna.

L-eżerċizzju li twettaq biex tinkiseb din l-informazzjoni identifika wkoll diversi distakki li għalihom l-informazzjoni disponibbli rilevanti kienet nieqsa, insuffiċjenti jew mhux kompluta. Wieħed mir-riżultati tal-NHSS se jinvolvi l-iżvilupp ta' indikaturi u metodi ta' informazzjoni li se jgħinu fit-titjib tal-monitoraġġ tal-oqsma tas-sistemi tas-saħħa li sal-lum huwa kkunsidrat bħala mhux adegwat. Din il-ħidma se tkun parti mill-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas- Sistemi tas-Saħħa (HSPA) li kienet qiegħda tipproċedi b'mod parallel mal-iżvilupp tal-NHSS.

# 5.2 ŻIEDA FID-DOMANDA U L-ISFIDI MINĦABBA TIBDIL DEMOGRAFIKU, XEJRIET EPIDEMJOLOĠIĊI, IT-TIXJIEĦ U GRUPPI VULNERABBLI:

## A. ID-DEMOGRAFIJA

It-tibdil demografiku u epidemjoloġiku fil-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin kellu mpatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. B'mod ġenerali, dawn ix-xejriet qed jirriżultaw fiż-żieda fid-domandi u l-isfidi li jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti u ndirizzati.

Il-popolazzjoni totali f'Malta, miċ-ċensiment l-aktar riċenti mwettaq fl-2011, hija ta' 417,432. Il-popolazzjoni totali ta' tfal u żgħażagħ taħt l-età ta' 18-il sena tammonta għal 18.4% tal-popolazzjoni totali. Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, 16% tal-popolazzjoni totali huma ndividwi bl-età ta' 65 sena u aktar u ftit aktar min-nofs il-popolazzjoni (50.26%) huma nisa.[61]

Ir-rata tal-qgħad armonizzata* f'Malta għall-2012 kienet 6.9%. Dan jaqbel b'mod favorevoli mar-rata medja tal-UE ta' 10.7% għall-istess perjodu.Il-proporzjon tad-distribuzzjoni tal-inugwaljanza fl-introjtu** kien 4.1% filwaqt li l-medja tal-UE hija 5.1% għall-2011.[40]

Ir-rata grossa tat-twelid għall-2012 kienet 10.1 twelid kull popolazzjoni ta' 1,000 u r-rata totali tal-fertilità kienet 1.4 twelid kull mara. Din hija aktar baxxa mir-rata medja tal-UE ta' 1.54 twelid kull popolazzjoni ta' 1,000.[5] Il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni ppubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jindikaw li l-popolazzjoni ta' Malta hija mistennija tilħaq l-429,000 persuna sal-2025 u tinżel għal ftit aktar minn 350,000 persuna sal-2060. Il-popolazzjoni ta' persuni bl-età ta' 65 sena u aktar hija projettata li tiżdied għal madwar 111,700 – żieda ta' 72% meta mqabbla ma' dan is-segment tal-popolazzjoni matul l-2010. Sal-2060, tfal u żgħażagħ taħt l-età ta' 20 sena se jonqsu minn 90,705 għal madwar 59,300 - tnaqqis ta' 35%. Dawn il-projezzjonijiet jiżvelaw xejra prevista kontinwa ta' żieda fit-tixjieħ tal-popolazzjoni.[2]

**FIGURA 1** | PIRAMIDI TAL-POPOLAZZJONI GĦALL-POPOLAZZJONI TAL-GŻEJJER MALTIN FL-2010, 2025 U 2060 [2]




Sors: Demographic Review 2010

* Rata armonizzata ta' qgħad: Din tirrappreżenta persuni qiegħda bħala persentaġġ tal-forza tax-xogħol abbażi tad-definizzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Il-forza tax-xogħol hija n-numru totali ta' persuni impjegati u qiegħda. Persuni qiegħda jinkludu persuni bl-età ta' 15 sa 74 sena li:huma mingħajr impjieg matul il-ġimgħa ta' referenza; ma jistgħux jibdew jaħdmu fil-ġimagħtejn ta' wara; u kienu qed ifittxu xogħol b'mod attiv matul l-aħħar erba' ġimgħat jew diġà sabu impjieg u se jibdewh fit-tliet xhur li jmiss.Id-data qed tiġi ppreżentata f'forma staġjonalment aġġustata.[40]

**Il-proporzjon tad-distribuzzjoni tal-inugwaljanza fl-introjtu:Il-proporzjon tal-introjtu totali rċevut minn 20 % tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu (il-kwintil ta' fuq) ma' dak li rċeviet 20% tal-popolazzjoni bl-inqas introjtu (il-kwintil t'isfel).L-introjtu irid jiġi mifhum bħala introjtu disponibbli ekwivalizzat.[40]

L-istennija tal-għomor rat żieda notevoli matul dawn l-aħħar 30 sena. Fl-2011, l-istennija tal-għomor mat-twelid għall-irġiel kienet 78.8 sena filwaqt li għan-nisa kienet 83.1 sena.[5] Din kienet akkumpanjata wkoll minn żieda fis-snin ta' ħajja b'saħħitha (SĦS): 70.7 sena mat-twelid għan-nisa u 70.3 sena mat-twelid għall-irġiel fl-2011 - li hija ogħla minn dik għall-UE li hija 62.2 sena għan-nisa u 61.7 sena għall-irġiel. Fil-fatt, in-nisa f'Malta huma fil-quċċata tal-lista għal SĦS mat-twelid għall-pajjiżi fl-UE.[40]

Matul dawn l-aħħar 10 snin, ir-rata tal-mortalità f'Malta rat xejra 'l isfel. Fl-2010, ir-rata grossa tal-mewt kienet 7.86 imwiet kull popolazzjoni ta' 1,000 bil-kawża ewlenija tal-mewt kienet mard tas-sistema taċ-ċirkolazzjoni (ma nbidlitx mis-snin preċedenti). Ir-Rata Standardizzata tal-Mortalità (SDR) għall-Mard Iskemiku tal-Qalb kienet 106.7 imwiet kull popolazzjoni ta' 100,000, li hija ogħla mir-rata ta' UE-27 ta' 80.83 imwiet kull popolazzjoni ta' 100,000. Madankollu, l-SDR għall-puplesija u l-kanċer kollu kienet aktar baxxa; 42.48 imwiet meta mqabbla ma' 52.57 mewt għall-puplesija u 151.7 imwiet meta mqabbla ma' 169.7 imwiet għall-kanċer kollu.[5] [6]

**TABELLA 6** | KAWŻI EWLENIN TA' MEWT SKONT IN-NUMRU, IR-RATA U L-PERSENTAĠĠ [6]

| | Numru ta' mwiet | | | SDR kull 100,000 persuna (ESP)* | | | % ta' imwiet totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawża tal-mewt (Kodiċi ICD-10) | M | F | T | M | F | T | |
| Mard iskemiku tal-qalb (I20-I25) | 319 | 328 | 647 | 132 | 85 | 107 | 21.5 |
| Mard ċerebrovaskulari (I60-I69) | 103 | 160 | 263 | 43 | 41 | 42 | 8.7 |
| Neoplażma malinna tat-trakea, il-bronku u l-pulmun (C33-C34) | 122 | 37 | 159 | 49 | 13 | 29 | 5.3 |
| Mard ieħor tal-qalb (I26-I51) inkluż insuffiċjenza kardijaka (I50) | 60 | 92 | 152 | 26 | 25 | 25 | 5.0 |
| Infezzjonijiet akuti fil-parti t'isfel tal-apparat respiratorju (J12-J22) | 53 | 72 | 125 | 23 | 18 | 20 | 4.2 |
| Id-dimenzja (F01-F03) | 45 | 75 | 120 | 18 | 18 | 18 | 4.0 |
| Neoplażma malinna tal-kolon, tar-rektum u tal-anus (C18-C21) | 60 | 51 | 111 | 24 | 16 | 19 | 3.7 |
| Id-dijabete mellitus (E10-E14) | 47 | 56 | 103 | 19 | 15 | 17 | 3.4 |
| Mard kroniku tal-parti t'isfel tal-apparat respiratorju (J40-J47) | 72 | 18 | 90 | 29 | 5 | 14 | 3.0 |
| Neoplażma malinna tas-sider (C50) | 0 | 79 | 79 | 0 | 26 | 14 | 2.6 |
| Il-kawżi l-oħra kollha | 608 | 553 | 1161 | 261 | 169 | 211 | 38.6 |
| Total | 1489 | 1521 | 3010 | 626 | 429 | 517 | 100 |

Sors: Annual Mortality Report – 2010
Nota: * ESP = Popolazzjoni Standard Ewropea

Ir-rata medja tal-mortalità tat-trabi għall-perjodu 2010 sa 2012 kienet 5.1 imwiet kull 1,000 twelid, li hija aktar mill-medja tal-UE ta' 4 imwiet kull 1,000 twelid fl-2011.[5] Huwa importanti li jiġi nnotat li t-terminazzjoni tat-tqala f'Malta hija illegali. Fetu ddijanjostikat b'anomaliji konġenitali potenzjalment fatali ħafna drabi jitwieled ħaj iżda jmut wara t-twelid. Dan jinfluwenza ħafna r-rati tal-mortalità tat-trabi u t-tfal f'Malta b'mod speċjali meta mqabbla ma' pajjiżi oħra fejn l-iskrijnjar għal anomaliji konġenitali hija pprattikata bħala rutina u hija offruta t-terminazzjoni tat-tqala.

**TABELLA 7** | DATA DEMOGRAFIKA U EPIDEMJOLOĠIKA GĦAL MALTA, UE U UE-15 GĦALL-2010 [40]

| Indikaturi | | Malta 1980 | Malta 2010 | EU 2010 | EU-15 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata grossa tat-twelid: (kull popolazzjoni ta' 1,000) | | 17.6 | 9.6 | 10.7 | 10.8 |
| Rata totali ta' fertilità: (twelid kull mara) | | 2.0 | 1.4 | 1.6 | 1.6 (2009) |
| Rata grossa ta' mwiet: (kull popolazzjoni ta' 1,000) | | 9.1 | 7.2 | 9.7 | 9.3 |
| L-istennija tal-għomor mat-twelid fi snin | Irġiel | 67.9 | 79.3 | 77.2 | 78.6 |
| | Nisa | 72.8 | 83.6 | 83.1 | 84.0 |
| L-istennija tal-għomor: SĦS fi snin | Irġiel | N/A | 70.2 | 61.7 | N/A |
| | Nisa | N/A | 71.6 | 62.6 | N/A |
| Mortalità speċifika għall-mard: (SDR)* | Mard Iskemiku tal-Qalb | 413.1 | 106.4 | 80.1 | 60.3 |
| | Puplesija | 151.4 | 42.5 | 51.6 | 33.7 |
| | Il-Kanċer kollu | 202.2 | 151.7 | 167.7 | 160.7 |
| | Rata - mortalità tat-trabi | 15.5 | 5.5 | 4.1 | 3.6 |

Sorss:
European Health for All database, WHO
Data Statistika tal-Eurostat - L-istennija tal-għomor b'saħħitha. Rata tal-fertilità Malta 1980

Nota:
SDR = Rata Standardizzata tal-Mortalità (permezz tal-Popolazzjoni Standard Ewropea)

## B. INDIKATURI TAL-ISTIL TA' ĦAJJA

L-indikaturi tal-istil ta' ħajja huma importanti minħabba li jagħtu stampa ċara tal-fatturi relatati mal-imġiba relatata mas-saħħa li jinfluwenzaw is-saħħa ta' popolazzjoni. Jgħinuna nanalizzaw u nqabblu l-prestazzjoni matul gruppi ta' popolazzjoni jew oqsma ġeografiċi, u jistgħu jkunu utli għad-determinazzjoni ta' prijoritajiet politiċi, għall-projezzjoni tad-domanda fuq is-sistemi tas-saħħa nazzjonali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' strateġiji.

### i. L-obeżità

L-irġiel Maltin huma l-aktar irġiel bi problemi ta' obeżità fl-Ewropa filwaqt li n-nisa Maltin huma t-tielet l-aktar bi problemi ta' obeżità.[10] Skont l-istħarriġ dwar l-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal-Iskola (HBSC) imwettaq fit-tfal tal-iskola fl-2010, madwar 26% tal-bniet u 35% tas-subien għandhom problemi ta' obeżità jew ta' piż żejjed Il-persentaġġ tal-bniet bi problemi ta' obeżità jew ta' piż żejjed naqas mill-2006 fl-etajiet kollha ħlief fl-età ta' 11-il sena fejn kien hemm żieda żgħira. Il-persentaġġ ta' subien bi problemi ta' obeżità jew ta' piż żejjed żdied fl-etajiet ta' 11 u 13-il sena iżda naqas fl-età ta' 15-il sena. Malta hija 'l fuq mill-medja tal-HBSC fl-2010 fl-etajiet kollha kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Fil-livell tal-UE, l-persentaġġ ta' subien bi problemi ta' obeżità jew ta' piż żejjed huwa ogħla wkoll minn dak tal-bniet kemm f'Malta kif ukoll fil-medja tal-HBSC.[41]

**TABELLA 8** | PERSENTAĠĠ TA' TFAL IRRAPPORTATI LI GĦANDHOM PIŻ ŻEJJED JEW BI PROBLEMI TA' OBEŻITÀ SKONT IL-BMI, ETAJIET 11-15 [41] [42]

| | | 2002 | 2006 | 2010 | Medja tal-HBSC 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11-il sena | Subien | N/A | 30 | 41 | 17 |
| | Bniet | N/A | 25 | 26 | 13 |
| 13-il sena | Subien | 34 | 31 | 37 | 17 |
| | Bniet | 24 | 31 | 29 | 11 |
| 15-il sena | Subien | 28 | 32 | 28 | 18 |
| | Bniet | 20 | 28 | 23 | 10 |

Sors: l-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal-Iskola 2010

L-obeżità, u b'mod speċjali, l-obeżità fit-tfal, hija tħassib nazzjonali importanti. Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard (HPDPD) qiegħed jindirizza din il-problema permezz ta' numru ta' inizjattivi. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' servizz pilota ta' kliniċi għall-obeżità tat-tfal, l-edukazzjoni tal-ġenituri tat-tfal minn 0 sa 3 snin, dwar l-importanza ta' ikel tal-ftim xieraq u kif jiġu mħejjija ikliet u wkoll ikliet ħfief tajbin għas-saħħa adegwati għall-età.

Il-ħtieġa għal aktar attività fiżika qed tiġi promossa wkoll speċjalment għat-tfal. L-introduzzjoni tal-inizjattiva "Walking Bus" mill-HPDPD għandha l-għan li tinkoraġġixxi lit-tfal tal-iskola jmorru l-iskola bil-mixi fejn l-iskejjel jinstabu fl-istess lokalità, filwaqt li proġett pilota mwettaq fis-sajf tal-2012 involva l-introduzzjoni taż-żgħażagħ għal sports differenti biex ikunu jistgħu jidħlu għal attività waħda jew aktar li verament jieħdu pjaċir jagħmlu.

Programmi tal-Kontroll tal-Piż jiġu organizzati f'diversi ambjenti u wrew li qed jiżdiedu fil-popolarità. Servizz ta' konsulenza ndividwali għall-kontroll tal-piż jingħata wkoll lill-klijenti fejn kien meqjus li l-programm tal-kontroll tal-piż mhuwiex xieraq. Id-Direttorat joffri wkoll servizzi tal-aerobika fil-komunità billi joffri klassijiet tal-aerobika mingħajr ħlas li jsiru b'kollaborazzjoni ma' kunsilli lokali f'diversi lokalitajiet madwar Malta.

**TABELLA 9** | NUMRU TA' KLASSIJIET U NUMRU TA' PARTEĊIPANTI FI KLASSIJIET TAL-KONTROLL TAL-PIŻ U TAL-AEROBIIKA ORGANIZZATI MILL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA [43]

| Sena | 2010 | | 2011 | | 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Servizz | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti |
| Aerobika | 14 | 263 | 32 | 839 | 38 | 972 |
| Kontroll tal-piż | 14 | 234 | 28 | 521 | 42 | 802 |

Sors: Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, 2013

### ii. Pressjoni għolja u livelli ta' kolesterol għolja fid-demm

Il-pressjoni għolja (ipertensjoni) fil-popolazzjoni Maltija tjiebet b'mod ġenerali mill-istudju MONICA [44] (Monitoraġġ Multinazzjonali ta' xejriet u determinanti fil-mard Kardjovaskulari) fl-1984 li kejjel il-livell tal-pressjoni tad-demm tal-parteċipanti. F'dak iż-żmien, 51.5% tal-irġiel u 52.9% tan-nisa nstab li għandhom livelli normali tal-pressjoni tad-demm. Dawn iċ-ċifri żdiedu għal 66.9% fl-irġiel u 68.7% fin-nisa fl-Istħarriġ pilota Eżami dwar is-Saħħa Ewropea (EHES) li sar fl-2010. Bl-istess mod, il-livelli tal-kolesterol fid-demm naqsu wkoll b'mod sinifikanti matul dan il-perjodu.[12]

**TABELLA 10** | BIDLIET FIL-PERSENTAĠĠI TA' PRESSJONI TAD-DEMM NORMALI U LIVELLI TAL-KOLESTEROL FID-DEMM MIXTIEQA FL-ADULTI MALTIN (BL-ETÀ TA' BEJN IL-25 U S-64 SENA) – IT-TQABBIL TAD-DATA MILL-1984 U L-2010 [12] [44]

| | | Persentaġġ ta' adulti Maltin (bl-età ta' bejn il-25 u l-64 sena) | |
|---|---|---|---|
| | | 1984 | 2010 |
| Pressjoni tad-Demm Normali | Irġiel | 51.5 | 66.9 |
| | Nisa | 52.9 | 68.7 |
| Kolesterol fid-Demm Mixtieq | Irġiel | 22.9 | 31.3 |
| | Nisa | 21 | 44 |

Sors: Studju MONICA 1984 u EHES

### iii. It-tipjip

Għalkemm l-irġiel għadhom ipejpu aktar min-nisa, id-distakk qiegħed jonqos b'mod mgħaġġel. Skont il-"European Health Interview Survey" (EHIS) tal-2008, l-akbar persentaġġ ta' dawk li jpejpu kuljum kien ta' dawk li ilhom ipejpu għal 10 snin jew inqas. [17] Il-persentaġġ totali ta' persuni Maltin bl-età ta' 15-il sena u aktar li jpejpu b'mod regolari kien 20.4% fl-2008 – inqas mill-23.92% li jpejpu b'mod regolari fl-UE.[5]

Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa jipprovdi Servizzi ta' Appoġġ għad-Dipendenza fuq it-Tabakk li jinkludu l-inizjattivi li ġejjin:

- Il-Quitline hija disponibbli għall-pubbliku ġenerali li jixtieq ifittex appoġġ relatat mal-waqfien mit-tipjip jew japplika għal klassijiet tal-waqfien mit-tipjip. Bħala medja, l-Quitline twieġeb għal madwar tliet telefonati kuljum, li bħala medja jammontaw għal madwar 750 telefonata fis-sena.
- Klassijiet tal-Waqfien mit-Tipjip huma pprovduti f'diversi ambjenti. Konsulenza individwali dwar il-waqfien mit-tipjip tiġi pprovduta wkoll. Dan huwa wieħed mill-modi l-aktar effettivi biex persuni jiġu megħjuna biex jieqfu u normalment dan isir permezz ta' appuntament meta dawk li jpejpu ma jkunux jistgħu jużaw servizzi oħra tal-komunità.[43]

**TABELLA 11** | NUMRU TA' KLASSIJIET U NUMRU TA' PARTEĊIPANTI FI KLINIĊI TAL-WAQFIEN MIT-TIPJIP ORGANIZZATI MID-DIRETTORAT GĦALL- PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA [43]

| Sena | 2010 | | 2011 | | 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti | Nru ta' klassijiet | Nru ta' parteċipanti |
| Waqfien mit-tipjip | 25 | 223 | 16 | 538 | 24 | 537 |

Sors: Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, 2013

### iv. Il-konsum tal-alkoħol

Il-"European Health Interview Survey" (EHIS) 2008 sab li madwar 33 % tal-parteċipanti ma xorbux l-alkoħol matul it-12-il xahar li kienu għaddew qabel l-intervista filwaqt li 5 % xorbu l-alkoħol kuljum.[17] L-istudju tal-Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn sab li 68 % ta' studenti Ewropej bl-età ta' ħmistax u sittax-il sena mis-36 pajjiż mistħarrġa, kienu kkunsmaw l-alkoħol matul it-30 ġurnata preċedenti, meta mqabbla ma' 57 % li hija l-medja tal-ESPAD. Il-proporzjon ta' studenti f'Malta li rrapportaw fl-2011 li kienu involvew ruħhom f'xorb eċċessiv f'perjodu ta' ftit sigħat matul it-30 ġurnata ta' qabel l-intervista kien ta' 56 %. Kien osservat li ċ-ċifra medja għal xorb eċċessiv f'perjodu ta' ftit sigħat kienet 39 % għall-popolazzjoni kollha tal-istudju ESPAD.[14]

**TABELLA 12** | STATISTIKA DWAR IT-TIPJIP U L-KONSUM TAL-ALKOĦOL [5]

| Indikaturi | | Malta | EU | EU-15 |
|---|---|---|---|---|
| Dawk li jpejpu regolari (2008) % bl-età ta' 15+ | Total | 20.4 | 23.92 | 23.35 |
| | Irġiel | 25.6 | N/A | N/A |
| | Nisa | 15.8 | N/A | N/A |
| Konsum (bejgħ) tal-alkolħol (pur) totali (Litri per capita bl-età ta' 15+), 2010 | | 7.62 | 10.04 | 9.80 |

Sors: European Health for All database, WHO

v. Id-Dieta

Skont il-"European Health Interview Survey" (EHIS) għall-2008, il-persentaġġ tal-adulti Maltin li jikkunsmaw il-frott kuljum kien ta' 74 % filwaqt li l-konsum ta' kuljum tal-ħaxix kien ta' 51 %.[17] Il-pubblikazzjoni tal-OECD Health at a Glance, Europe 2012 (Is-Saħħa ma' Daqqa t'Għajn, l-Ewropa, 2012), turi li l-adulti Maltin jieklu aktar frott kuljum mill-medja ta' pajjiżi parteċipanti tal-UE, iżda ma marrux daqshekk tajjeb f'dak li huwa konsum ta' kuljum tal-ħaxix.[33]

**TABELLA 13** | TQABBIL TAL-KONSUM TAL-FROTT U L-ĦAXIX FL-ADULTI MALTIN U EWROPEJ [33]

| | | Malta | EU-27 |
|---|---|---|---|
| Konsum ta' kuljum tal-frott (2008) | Irġiel | 78% | 69% |
| | Nisa | 69% | 57% |
| Konsum ta' kuljum tal-ħaxix (2008) | Irġiel | 57% | 67% |
| | Nisa | 43% | 59% |

Sors: Health at a Glance, Europe 2012

It-tabella li ġejja turi x-xejriet osservati għal Malta mill-istudju HBSC dwar konsum ta' kuljum tal-frott u l-ħaxix mill-bniet u s-subien bl-età ta' 11, 13 u 15-il sena.[41]

**TABELLA 14** | PERSENTAĠĠ TA' TFAL LI JIRRAPPORTAW KONSUM TA' KULJUM TA' FROTT U ĦAXIX SKONT IS-SESS F'MALTA, 2002-2010

| | | Frott | | | Ħaxix | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2002 | 2006 | 2010 | 2002 | 2006 | 2010 |
| 11-il sena | Subien | 48 | 42 | 41 | 19 | 12 | 16 |
| | Bniet | 59 | 46 | 42 | 25 | 19 | 18 |
| 13-il sena | Subien | 44 | 33 | 40 | 10 | 7 | 16 |
| | Bniet | 50 | 47 | 43 | 15 | 14 | 21 |
| 15-il sena | Subiet | 38 | 35 | 25 | 12 | 8 | 15 |
| | Bniet | 44 | 34 | 41 | 15 | 14 | 23 |

Sors: Ll-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal- Iskola 2010

Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa jifforma parti minn Kumitat InterMinisterjali li jmexxi l-Iskema Frott fl-Iskejjel, li tnediet f'Malta fl-2010. Dan huwa proġett kofinanzjat mill-UE li joffri lit-tfal eliġibbli kollha, bejn l-etajiet ta' 3 sa 10 snin, porzjon ta' frott jew ħaxix fl-iskola darba f'ġimgħa u jagħmel sforz biex joħloq għarfien fost it-tfal dwar x'tip ta' frott u ħaxix huwa disponibbli, x'togħma fihom, u għaliex huma daqshekk ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-ġisem b'saħħtu.

## Ċ. INĊIDENZA TA' MARD

L-ispiża tal-kontroll u t-trattament tal-mard tpoġġi piż sinifikanti fuq is-sistemi tas-saħħa. Barra minn hekk, l-assenzi mix-xogħol li jirriżultaw għandhom impatt sinifikanti fuq il-pajjiż kollu f'termini kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali.

### i. Mard li jittieħed: enfasi speċjali fuq Koch (TB) u l-Epatite B

L-inċidenza tat-TB f'Malta kienet ta' 9.8 każijiet ġodda kull popolazzjoni ta' 100,000 fl-2012. Din hija aktar baxxa mill-inċidenza tal-UE ta' 11.51 każ ġdid kull popolazzjoni ta' 100,000, għalkemm hija kemm kemm ogħla minn dik tal-pajjiżi tal-UE-15 li hija ta' 6.8 każijiet ġodda kull popolazzjoni ta' 100,000 persuna.(5)

Dwar l-inċidenza tal-Epatite B, iċ-ċifra lokali ta' 0.48 każ ġdid kull popolazzjoni ta' 100,000 (2011) hija aktar baxxa mill-inċidenzi kemm fil-pajjiżi tal-UE (1.13 każ ġdid kull popolazzjoni ta' 100,000) kif ukoll tal-pajjiżi tal-UE-15 (1.06 każ ġdid kull popolazzjoni ta' 100,000).(5)

### ii. Id-dijabete

L-istudju pilota tal-"European Health Examination Survey" (EHES) imwettaq fl-2010 żvela li meta wieħed iħares lejn l-ammont ta' glukożju fid-demm, il-prevalenza tad-dijabete fost il-popolazzjoni bl-età ta' bejn l-20 u 79 sena li hija l-firxa tal-età użata mill-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete (IDF), kienet 10.1%.(12)

Dan huwa daqs il-prevalenza nazzjonali stmata mill-IDF għall-istess sena (9.8%). Meta titqabbel l-istima nazzjonali tal-IDF għal Malta ma' dik tas-27 Stat Membru tal-UE, Malta tikklassifika bħala l-pajjiż bit-tmien l-ogħla prevalenza.(46)

### iii. Ħruġ mill-isptar għall-mard iskemiku tal-qalb, il-mard ċerebrovaskulari u l-mard tal-apparat respiratorju

L-istatistika dwar il-ħruġ mill-isptar għall-mard iskemiku tal-qalb u l-mard ċerebrovaskulari turi li Malta għandha rati ta' ħruġ mill-isptar aktar baxxi kull popolazzjoni ta' 100,000 meta mqabbla mal-pajjiżi tal-UE u l-UE-15, kif jidher f'Tabella 15 hawn taħt. Bl-istess mod, fejn huwa kkonċernat il-mard tal-apparat respiratorju, n-numru ta' ħruġ mill-isptar kull popolazzjoni ta' 100,000 f'Malta għall-2009 kien 984.56 filwaqt li n-numru fil-pajjiżi UE-27 kien 1409.61 u fil-pajjiżi UE-15 kien 1263.(5)

**TABELLA 15** | TQABBIL TAL-ĦRUĠ MILL-ISPTAR GĦALL-MARD ISKEMIKU TAL-QALB, IL-MARD ĊEREBROVASKULARI U L-MARD TAL-APPARAT RESPIRATORJU FL-2009 F'MALTA U L-PAJJIŻI UE-27 U UE-15 (KULL 100,000 PERSUNA) (5)

| | Malta | EU | EU-15 |
|---|---|---|---|
| Mard iskemiku tal-qalb | 350.25 | 610.49 | 572.09 |
| Mard ċerebrovaskulari | 106.52 | 386.74 | 349.39 |
| Mard tal-apparat respiratorju | 984.56 | 1409.61 | 1263.64 |

Sors: European Health for All database WHO

Il-prevalenza tal-istil ta' ħajja awtorapportata fil-"European Health Interview Survey" tal-2008 uriet li 3% tal-kampjun tal-popolazzjoni mistħarreġ soffrew minn Infart Kardijaku, 3% minn mard koronarju tal-qalb u 1% minn mard ċerebrovaskulari.[17]

Ir-Rapport Annwali tal-Mortalità għall-2012 josserva li l-imwiet minħabba mard tas-sistema ta' ċirkolazzjoni, jiġifieri l-mard iskemiku tal-qalb, il-puplesija u l-insuffiċjenza kardijaka huma l-kawżi ewlenin tal-mewt li jammontaw għal 46.8% tal-imwiet kollha. Imwiet minħabba f'mard tal-apparat respiratorju ammontaw għal 8.4% tal-imwiet kollha reġistrati fl-2012.[6]

### iv. Neoplażmi malinni (kanċer)

Ir-rata tal-inċidenza standardizzata skont l-età (Popolazzjoni Standardizzata Ewropea) għall-każijiet ġodda tal-kanċer kollu (minbarra l-kanċer tal-ġilda non-melanoma) fl-irġiel, fl-2010, kienet 395.39 100,000 għall-popolazzjoni Maltija. Dan kien ftit aktar baxx mir-rata għall-UE-25 għall-2006 ta' 463.00 każ ġdid kull 100,000 persuna. Mill-banda l-oħra, ir-rata tal-inċidenza standardizzata skont l-età għan-nisa Maltin fl-2010 kienet ftit ogħla mir-rata tal-UE-25 għall-2006 - 334.36 każ ġdid kull 100,000 persuna (Malta) meta mqabbla ma' 325.50 każ ġdid kull 100,000 persuna (UE-25).[47]

It-tabella hawn taħt turi ftit iktar informazzjoni dwar il-kanċer kollu kif ukoll il-kanċer tas-sider, tal-għonq tal-utru, tal-pulmun, kolorettali u tal-prostata fil-popolazzjoni Maltija għall-2010.

L-inċidenza tal-kanċer tiżdied bl-età. Matul il-perjodu ta' ħames snin 2007-2011, ġew ddijanjostikati 71% ta' każijiet ġodda tal-kanċer f'persuni bl-età ta' 60 sena u aktar. Il-proporzjon ta' każijiet ġodda f'persuni bl-età ta' 65 sena u aktar kien 57% għall-istess perjodu ta' żmien.

### v. Is-Saħħa Mentali

Minn informazzjoni miġbura matul il-"European Health Interview Survey" fl-2008, 15% tal-popolazzjoni tal-istħarriġ irrapportaw li kienu sofrew minn disturb mentali [17] – jiġifieri disturb mentali f'xi punt f'ħajjithom. Dan in-numru jinkludi dawk li wieġbu li setgħu esperjenzaw aktar minn kondizzjoni waħda elenkata, pereżempju d-depressjoni u l-ansjetà f'punt matul ħajjithom.Meta mqabbla ma' pajjiżi membri tal-OECD kif irrapportat fil-pubblikazzjoni tal-OECD tal-2009, "Society at a glance" (is-Soċjetà ma' Daqqa t'għajn),[48] Malta għandha waħda mill-aktar rati ta' matul il-ħajja u ta' prevalenza ta' 12-il xahar baxxi awtorapportati ta' disturbi tas-saħħa mentali totali.

Fejn hija kkonċernata l-ansjetà kronika, n-numru ta' dawk li wieġbu li rrapportaw li kienu sofrew minn ansjetà kronika f'xi punt matul ħajjithom kien 7.8% fl-2008. Dan il-persentaġġ naqas minn 10.2% fl-2002. Għal darb'oħra, meta mqabbla mal-11-il pajjiż membru tal-OECD li rrapportaw fil-pubblikazzjoni tal-OECD Society at a Glance, Malta tidher li ġiet fil-ħames post għar-rata ta' prevalenza awtorapportata ta' 12-il xahar ta' ansjetà kronika.

L-ansjetà kronika hija b'mod sinifikanti aktar probabbli li taffettwa lin-nisa milli l-irġiel, fi ħdan il-gruppi tal-età kollha (12.2% imqabbla ma' 9.7%) u tiżdied mal-età, u hija l-aktar frekwenti f'dawk bl-età ta' aktar minn 75 sena (14.1%).

Mill-popolazzjoni kollha li tipparteċipa fl-istudju, 6.6% irrapportaw esperjenza matul il-ħajja ta' depressjoni kronika. Għal darb'oħra, n-nisa esperjenzaw rata ogħla mill-irġiel (7.7% u 5.4% rispettivament). Il-prevalenza matul il-ħajja tad-depressjoni rrapportata hija baxxa fil-gruppi ta' età aktar baxxa, u togħla għal 7.2% fin-nisa bl-età ta' aktar minn 35 sena u tiżdied għal massimu ta' 13% fil-grupp ta' età ta' bejn il-65 u l-74 sena.

**TABELLA 16** | IR-RATI TA' INĊIDENZA KULL 100,000 U R-RATI TAL-IMWIET KULL 100,000 GĦALL-POPOLAZZJONI MALTIJA GĦALL-2010 U L-PAJJIŻI UE-25 GĦALL-2006 GĦALL-KANĊER KOLLU U GĦAŻLA TA' TIPI TA' KANĊER PARTIKOLARI (PERMEZZ TAL-POPOLAZZJONI STANDARDIZZATA EWROPEA) [(47)]

| | | | Malta (2010) | EU-25 (2006) |
|---|---|---|---|---|
| RATA TA' INĊIDENZA (STANDARDIZZATA SKONT L-ETÀ) | | | Każijiet ġodda kull 100,000 persuna | |
| | Il-kanċer kollu | Irġiel | 395.39 | 463.00 |
| | | Nisa | 334.36 | 325.50 |
| | Il-kanċer tal-pulmun | Irġiel | 61.86 | 17.80 |
| | | Nisa | 17.60 | 21.70 |
| | Il-kanċer kolorettali | Irġiel | 49.49 | 59.00 |
| | | Nisa | 28.49 | 35.60 |
| | Il-kanċer tas-sider fin-nisa | Nisa | 118.64 | 110.30 |
| | Il-kanċer tal-prostata | Irġiel | 83.11 | 106.2 |
| | Il-kanċer tal-għonq tal-utru | Nisa Popolazzjoni Standard Dinjija | 4.98 | 10.50[a] |
| RATA TAL-IMWIET (STANDARDIZZATA SKONT L-ETÀ) | | | Imwiet kull 100,000 persuna | |
| | Il-kanċer kollu | Irġiel | 184.21 | 236.40 |
| | | Nisa | 127.66 | 136.20 |
| | Il-kanċer tal-pulmun | Irġiel | 49.26 | 62.40 |
| | | Nisa | 12.63 | 18.40 |
| | Il-kanċer kolorettali | Irġiel | 24.31 | 26.50 |
| | | Nisa | 15.59 | 15.60 |
| | Il-kanċer tas-sider fin-nisa | Nisa | 25.82 | 25.00 |
| | Il-kanċer tal-prostata | Irġiel | 11.96 | 23.20 |
| | Il-kanċer tal-għonq tal-utru | Nisa Popolazzjoni Standard Dinjija | 0.66 | 3.70[a] |

Sors: Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Kanċer ta' Malta, Dipartiment tas-Saħħa, Ministeru għas-Saħħa, 2012
Nota: [a] tirreferi għal rati għall-UE-25[‡‡] fl-2002

[‡‡] Pajjiżi taż-żona UE-25 jinkludu dawk li ffurmaw parti mill-UE bejn Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006:Pajjiżi tal-UE-15 + Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja

vi. Utilizzazzjoni tal-Kura fit-Tul

Indikaturi li jikkonċernaw il-kura fit-tul (LTC) huma validi ħafna wkoll biex jiġi mmonitorjat it-tibdil fid-domanda. F'Malta, n-numru totali ta' sodod LTC disponibbli fl-2012 kien 4588 (1093.7 sodda kull popolazzjoni ta' 100,000). Hemm okkupanza sħiħa persistenti tas-sodod għal kura fit-tul fis-settur pubbliku. Fil-preżent, m'hemm l-ebda statistika disponibbli dwar id-disponibbiltà u l-funzjonijiet ta' persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali. Madankollu, iċ-ċiklu li jmiss tal-"European Health Interview Survey" li se jitwettaq fl-2014 se jinkludi għall-ewwel darba tliet mistoqsijiet dwar il-provvista tal-kura jew l-assistenza informali.

## 5.3 AĊĊESS, DISPONIBBILTÀ U PUNTWALITÀ TA' SERVIZZI, MEDIĊINI U TEKNOLOĠIJI MEDIĊI

Matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, sar progress sostanzjali fis-settur tas-saħħa f'Malta dwar id-disponibbiltà u l-aċċess għal firxa li qiegħda tiżdied ta' servizzi, mediċini u teknoloġiji mediċi differenti. Konsegwentement, il-pakkett tal-kura tas-saħħa nazzjonali kompla jespandi konsistentement u sostanzjalment maż-żmien. It-titjib qiegħed jitwettaq kontinwament b'mod partikolari f'dik li hija puntwalità. Dan qiegħed iseħħ f'ambjent li fih l-oqsma tas-sistemi u s-servizzi tas-saħħa huma dinamiċi ħafna u qegħdin jevolvu kontinwament. L-indikaturi murija f'din it-taqsima jimmiraw biex juru l-firxa ta' servizzi disponibbli u aċċessati mill-popolazzjoni Maltija matul dawn l-aħħar ftit snin u biex tiġi analizzata s-sitwazzjoni meta mqabbla mas-sitwazzjoni fl-Istati Membri l-oħra tal-UE.

### A. AMMISSJONIJIET EVITABBLI

L-ammissjonijiet evitabbli jittieħdu bħala ndikaturi għall-kwalità tal-kura fl-ambjent tal-kura tas-saħħa primarja kif ukoll l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi. Ir-rati ta' ammissjoni kull 100,000 għall-ażma huma ogħla f'Malta minn dawk għall-pajjiżi tal-UE-20 [§§], [(33)] filwaqt li dawk għall-mard pulmonari ostruttiv kroniku (COPD) huma aktar baxxi f'Malta. Fil-każ tad-dijabete, l-ammissjonijiet b'kumplikazzjonijiet kienu ogħla iżda dawk mingħajr kumplikazzjonijiet kienu aktar baxxi milli fl-Istati Membri parteċipanti tal-UE-15.[(33)]

**TABELLA 17** | AMMISSJONIJIET EVITABBLI:L-AŻMA U L-COPD F'MALTA U PAJJIŻI TAL-UE – 2009 [(33)]

| Ammissjonijiet Evitabbli | Malta | EU-20 |
|---|---|---|
| Ażma - kull 100,000 persuna ta' età minn 15-il sena 'l fuq | 79 | 53 |
| COPD - kull 100,000 persuna ta' età minn 15-il sena 'l fuq | 135 | 184 |

Sors: OECD, Health at a Glance, Europe 2012

§§ Il-pajjiżi taż-żona UE-20 huma:il-Portugall, l-Italja, l-Isvezja, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Ungerija, id-Danimarka, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Franza, l-Irlanda, Spanja, il-Belġju, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Renju Unit, il-Finlandja, Malta, il-Latvja, ir-Repubblika Slovakka

**TABELLA 18** | AMMISSJONIJIET EVITABBLI: ID-DIJABETE B'KUMPLIKAZZJONIJIET U MINGĦAJR KUMPLIKAZZJONIJIET – 2009 (33)

| Ammissjonijiet Evitabbli | Malta | EU-15 |
|---|---|---|
| Id-dijabete – kull 100,000 persuna ta' età minn 15-il sena 'l fuq | - | - |
| B'kumplikazzjonijiet | 119 | 109 |
| Mingħajr kumplikazzjonijiet | 41 | 50 |

Sors: OECD, Health at a Glance, Europe 2012

## B. TEKNOLOĠIJA MEDIKA

Malta kellha waħda mill-ogħla numri ta' skeners tat-Tomografija Komputerizzata (CT) u t-Tomografija b'Emissjoni ta' Pożitroni (PET) kull popolazzjoni ta' 1,000 għas-sena 2011 meta mqabbla ma' pajjiżi magħżula (fir-Reġjun Ewropew tan-nofsinhar u r-Renju Unit). Dan ma jgħoddx għall-unitajiet ta' Immaġni bir-Reżonanza Manjetika (MRI). It-tabella hawn taħt tqabbel is-sitwazzjoni f'diversi pajjiżi:

**TABELLA 19** | UNITAJIET TA' TEKNOLOĠIJI TA' IMMAĠNI DIJANJOSTIKA LI JIFFUNZJONAW (UNITAJIET MRI, CT SCANNERS, PET, TAGĦMIR GĦAL TERAPIJA PERMEZZ TA' RADJAZZJONI) F'MALTA U PAJJIŻI MAGĦŻULA KULL 100,000 PERSUNA GĦAS-SENA 2011 (40)

| Pajjiż | CT Scanners | Unitajiet MRI | PET scanners | Tagħmir ta' Terapija permezz ta' Radjazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Ċipru | 3.2 | 2.0 | 0.0 | 0.5 |
| Il-Greċja* | 3.4 | 2.3 | 0.0 | 0.6 |
| L-Italja | 3.2 | 2.4 | 0.2 | 0.7 |
| Is-Slovenja | 1.4 | 0.0 | 0.1 | 0.6 |
| Ir-Renju Unit** | 0.9 | 0.6 | 0.0 | 0.5 |
| Malta | 2.9 | 0.5 | 0.2 | 1.0 |

Sors: Data Statistika EUROSTAT
Note: * ċifri tal-2010; ** ċifri stmati

## Ċ. KURA SEKONDARJA

In-numru totali ta' proċeduri mwettqa fl-isptarijiet pubbliċi għall-mard akut fl-2011, ammonta għal 47,902.[49] Dawn jinkludu kategoriji ta' proċeduri/operazzjonijiet prinċipali varjanti, intermedji u minuri.In-numru ta' pazjenti referuti għat-trattament barra mill-pajjiż (permezz tas-sistemi ta' trattament barra mill-pajjiż) fl-2012 ammonta għal 415 (u 608 episodji). Ir-riferimenti ntbagħtu minn varjetà wiesgħa ta' dipartimenti kliniċi u għal firxa wiesgħa ta' patoloġiji u kienu jinkludu pazjenti tal-etajiet kollha.[50]

## D. ĦTIEĠA MHUX SODISFATTA

L-inabilità ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa għal raġunijiet ġeografiċi mhijiex perċepita bħala kwistjoni prinċipali għal Malta minħabba d-daqs tagħha u l-prossimità tal-provvediment tas-servizz tagħha. Madankollu, biex jiġi żgurat li r-residenti ta' Għawdex għandhom aċċess aħjar għall-kura aktar viċin tad-dar tagħhom, il-Gvern, bl-għajnuna tal-Fondi Strutturali tal-UE, qiegħed jinvesti biex jixtri tagħmir ġdid għas-swali tal-operazzjonijiet u d-dipartiment tar-radjoloġija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u huwa fil-proċess li jintroduċi diversi servizzi kliniċi ġodda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

M'hemm l-ebda stħarriġ nazzjonali li jistaqsi lin-nies speċifikament dwar jekk tilfux il-kura għal raġunijiet finanzjarji. Madankollu, l-istudji tal-Istatistika dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (SILC) juru ħtiġijiet mhux sodisfatti għal eżami mediku awtorapportati li huma aktar baxxi mill-medja tal-UE għal raġunijiet ta' ostakoli għall-aċċess (għali wisq jew 'il bogħod wisq biex jivvjaġġjaw jew lista ta' stennija) għal persuni li jgħixu f'Malta (2008-2011).[18]

**TABELLA 20** | ĦTIĠIJIET MHUX SODISFATTI GĦAL EŻAMI MEDIKU AWTORAPPORTATI GĦAL RAĠUNIJIET TA' OSTAKOLI GĦALL-AĊĊESS F'MALTA U PAJJIŻI TAL-UNJONI EWROPEA: RAĠUNI LI GĦALI WISQ, 'IL BOGĦOD WISQ BIEX WIEĦED JIVVJAĠĠA JEW LISTA TA' STENNIJA (%) [18]

| | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Pajjiżi tal-UE–27 | 3.1 | 3.0 | 3.1 | 3.4 |
| Malta | 0.7 | 1.3 | 1.6 | 1.0 |

Sors: EUROSTAT (Strument tal-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien [EU-SILC])

## E. SERVIZZI KOMUNITARJI GĦALL-ANZJANI

Hemm ukoll numru ta' servizzi biex l-anzjani jiġu appoġġjati fil-komunità bħal Home Care Help, Telecare, Meals on Wheels, Handyman Service u Incontinence Service. Madankollu, il-"European Health Interview Survey" rrapporta li l-użu ta' dawn is-servizzi kien pjuttost baxx fi ħdan il-popolazzjoni anzjana. Ħdax fil-mija biss tal-popolazzjoni anzjana jiftakru li għamlu użu minn tal-anqas wieħed mis-servizzi tal-kura komunitarja msemmija hawn fuq matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel l-intervista. Kien osservat li r-rata tal-użu tas-servizzi ta' kura tiżdied bl-età. L-użu ġenerali ta' dawn is-servizzi kien 7.4% fil-grupp ta' età ta' bejn is-60 u s-74 sena, żdied għal 20.7% fil-grupp tal-età ta' bejn il-75 u l-84 sena u laħaq l-24% fil-persuni bl-età ta' 85 sena u aktar. Is-servizz li ntuża l-aktar kien il-home help (7 % mill-grupp kollu u 24% minn dawk bl-età ta' aktar minn 85 sena).

## F. SERVIZZI TAL-ONKOLOĠIJA

Attwalment qiegħed jinbena ċentru ġdid tal-onkoloġija li se jwassal għall-migrazzjoni eventwali tas-servizzi tal-onkoloġija mill-Isptar Sir Paul Boffa*** għall-Isptar Mater Dei.Diġà saret ħidma estensiva u huwa previst li din il-faċilità l-ġdida se tibda topera sal-aħħar tal-2014. Iċ-ċentru se jkollu 74 sodda għall-inpatients, inklużi 16-il sodda għall-kura paljattiva u 10 sodod għat-tfal u l-adoloxxenti.Hospice Malta hija l-organizzazzjoni volontarja lokali li tipprovdi servizzi ta' kura paljattiva ta' kuljum u komunitarja lill-pazjenti li jsofru mill-kanċer, il-mard tal-motor neurone u mard terminali ieħor.L-organizzazzjoni tiddependi fuq voluntiera kif ukoll persuni professjonali b'salarju bħall-infermiera, il-ħaddiema soċjali u t-tobba u tirċievi għotja annwali fissa mill-gvern.

*** L-Isptar Sir Paul Boffa huwa sptar żgħir viċin tal-Belt Valletta li għal ħafna snin kien qed jipprovdi l-onkoloġija, il-kura paljattiva speċjalizzata u l-kura dermatoloġika

## 5.4 IL-KWALITÀ TAL-KURA, INKLUŻA S-SIKUREZZA TAL-PAZJENT, IL-KONTINWITÀ U L-KONSISTENZA TAL-KURA, L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROTOKOLLI U/JEW LINJI GWIDA INTERNAZZJONALI

Is-sistemi tas-saħħa f'Malta qiegħdin jaħdmu kontinwament għall-provvista u t-titjib tal-kwalità tal-kura mogħtija mis-servizzi tas-saħħa. It-taqsimiet li ġejjin se juru l-prestazzjoni u l-attività f'xi wħud tal-aspetti li jikkontribwixxu għal dan is-settur.

### A. FORZA TAX-XOGĦOL GĦALL-KURA TAS-SAĦĦA MĦARRĠA

Din tinkludi r-reklutaġġ ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa mħarrġa sew u kwalifikati li huma inkoraġġiti u pprovduti b'opportunitajiet biex itejbu l-kompetenza tagħhom fil-qasam magħżul minnhom kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż. Il-maġġoranza tal-ispeċjalitajiet mediċi u kirurġiċi għandhom programmi ta' taħriġ strutturati għall-apprentisti tagħhom li huma akkoppjati u supplimentati wkoll b'opportunitajiet biex tinkiseb aktar esperjenza ta' taħriġ barra mill-pajjiż. Programmi tal-iżvilupp professjonali kontinwu huma għaddejjin bħalissa u huma disponibbli faċilment għall-professjonisti kollha.

Huwa pertinenti li wieħed jinnota li l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa tinkludi diversi gruppi professjonisti u tekniċi. Il-firxa ta' professjonisti alleati fil-qasam tas-saħħa disponibbli hija wiesgħa ħafna u qed tespandi kontinwament. Barra minn hekk, il-firxa ta' speċjalizzazzjonijiet u subspeċjalizzazzjonijiet qiegħda tiżdied b'mod kostanti wkoll. Ħafna drabi ħaddiema tas-saħħa jaħdmu f'timijiet multidixxiplinari li jinkludu rappreżentanti mill-gruppi professjonisti tal-kura tas-saħħa rilevanti u frekwentement jinteraġixxu mill-qrib ma' professjonisti minn setturi oħra bħal psikologi, ħaddiema soċjali u professjonisti oħra involuti fil-kura soċjali.

It-tabella li ġejja tqabbel in-numru ta' studenti kull popolazzjoni ta' 100,000 li ggradwaw f'numru ta' professjonijiet tal-kura tas-saħħa f'Malta u l-pajjiżi tal-UE għas-sena 2011.

**TABELLA 21** | NUMRU TA' STUDENTI KULL 100,000 TAL-POPOLAZZJONI MALTIJA LI GGRADWAW FIL-PROFESSJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA F'MALTA U L-PAJJIŻI TAL-UE GĦAS-SENA 2011 (5)

| Gradwati | Malta | EU |
|---|---|---|
| Tobba | 17.08 | 10.64 |
| Infermiera | 22.61 | 36.18 |
| Farmaċisti | 8.90 | 3.93 |
| Dentisti | 1.68 | 2.67 |

Sors: European Health for All database, WHO

Fl-2011 kien hemm 324.31 tabib prattikant kull popolazzjoni ta' 100,000 f'Malta. Dan huwa aktar baxx mir-rata medja fl-UE li kienet 345.80 tabib prattikant kull popolazzjoni ta' 100,000 u l-UE-15 ta' 368.19 tabib kull popolazzjoni ta' 100,000 għall-2011. Meta wieħed iħares lejn infermiera prattikanti, n-numri lokali għadhom sostanzjalment aktar baxxi mill-medja tal-UE. F'Malta kien hemm 709.97 infermiera prattikanti kull popolaz il-medja tal-UE kienet 835.91 infermiera prattikanti kull popolazzjoni ta' 100,000 u 868.35 infermiera prattikanti kull popolazzjoni ta' 100,000 fl-UE-15 fl-2011.[5]

## B. PROGRAMMI NAZZJONALI TAL-ISKRIJNJAR TAL-KANĊER

Programmi nazzjonali tal-iskrijnjar organizzati għal kanċer magħżul inbdew mill-2009 bl-introduzzjoni tal-programm nazzjonali tal-iskrijnjar tas-sider tal-kanċer. Dan il-programm huwa mmirat lejn nisa bl-età ta' bejn il-50 u s-60 sena u qed jistieden lin-nisa kull 3 snin. Matul l-2012, mill-10,851 mara mistiedna li jattendu, 6,610 aċċettaw l-istedina li rriżulta f'rata ta' rispons ta' 60.9%.[51]

Fi tmiem l-2012 tnieda programm ta' skrijnjar nazzjonali tal-kanċer kolorettali. Dan il-programm se jistieden persuni bejn l-età ta' 60 u 64 sena kull sentejn għall-ittestjar tad-demm okkult fil-feċi (FOBT). L-Istħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropea tal-2008 wera li 4.7% biss ta' dawk li wieġbu sarilhom test tal-FOB mill-inqas darba matul ħajjithom. Dan il-proporzjon żdied bil-mod bl-età u laħaq it-8.5% fil-grupp ta' età ta' bejn is-60 u d-69 sena. Dan juri li l-attività ta' skrijnjar opportunistiku għall-iskrijnjar tal-kanċer kolorettali hija baxxa ħafna fil-popolazzjoni Maltija.[17]

Programm ta' skrijnjar għall-kanċer tal-għonq tal-utru huwa ppjanat li jibda fl-2015. Madankollu, l-istatistika awtorapportata mill-Istħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropea tal-2008 uriet li 63.4% ta' nisa rrapportaw li għamlu smear test tal-għonq tal-utru mill-inqas darba matul ħajjithom. Dan jirrifletti livell pjuttost għoli ta' attività ta' skrijnjar opportunistiku.Fil-grupp tal-età ta' bejn l-25 u l-34 sena, 61% rrapportaw li għamlu smear test tal-għonq tal-utru fis-sena preċedenti. Ġie osservat li kien hemm tendenza ta' żieda fl-ismear tests tal-għonq tal-utru maż-żieda fil-livell tal-edukazzjoni.[17]

## Ċ. TILQIM

It-tfal kollha li jitwieldu f'Malta huma ntitolati għal tilqim b'xejn sakemm jagħlqu s-16-il sena. Din l-iskeda tinkludi tilqim għad-difterite, t-tetnu u l-poljo (DTP) u poljomelite, l-Haemophilus influenza (HiB), l-Epatite B, u l-Ħosba, il-Gattone u r-Rubella (MMR). It-tuberkulożi (BCG) tingħata biss lit-tfal b'riskju għoli. Fl-2013, beda jiġi mplimentat programm nazzjonali għat-tilqim kontra l-Vajrus tal-Papilloma Uman. Dan il-programmqed jistieden lill-bniet ta' tnax il-sena.

Il-kopertura permezz ta' tilqim għad-DTP, il-poljomelite u l-Hib f'Malta fl-2011 laħqet is-98.7% tal-popolazzjoni eliġibbli. Ir-rata tat-tilqim għall-Epatite B kienet 92.7% f'Malta għall-2012 filwaqt li fl-UE l-medja laħqet il-85.9% fl-2011.[5] Jista' jkun hemm grad ta' nuqqas ta' rapportar fl-istatistika għal Malta minħabba li xi tfal jitlaqqmu fis-settur privat u mhux l-istatistika kollha minn dan is-settur tista' tinġabar.

**TABELLA 22** | KOPERTURA PERMEZZ TA' TILQIM FIT-TFAL FL-2011 (5)

| Tilqima | Malta | EU-27 |
|---|---|---|
| Id-Difterite, it-Tetnu u l-Poljo (DTP) | 98.7 | 96.7 |
| L-Epatite B | 92.7 | 85.9 |
| Il-Gattone | 92.7 | 93.9 |
| Il-Haemophilus Influenza B (HiB) | 98.7 | 96.0 |
| Il-Poljomelite | 98.7 | 96.1 |

Sors: European Health for All database WHO

### D. DEWMIEN FL-ISPTAR U RIAMMISSJONIJIET

Id-dewmien medju akut f'Malta għal sptarijiet għal kura akuta fl-2011 kien ta' 6.3 ġranet li huwa aktar baxx mill-medja tal-UE ta' 6.4 ġranet u l-medja tal-UE-15 ta' 6.5 ġurnata fl-2011.(5)

Ir-rati ta' riammissjoni ħafna drabi jintużaw bħala indikaturi tal-prestazzjoni tal-kura fl-isptar għalkemm wieħed għandu jkun konxju mid-definizzjoni użata meta mqabbla ma' speċjalizzazzjonijiet jew sptarijiet oħra.Rapport intern dwar Riammissjonijiet ta' Emerġenza fl-Isptar Mater Dei analizza l-ħruġ mill-isptar fl-2011. Id-definizzjoni adottata biex tiġi kkalkolata r-rata ta' riammissjoni ġiet stabbilita b'tali mod li tinkludi riammissjonijiet ta' emerġenza/mhux ippjanati fi żmien 28 ġurnata ta' ħruġ mill-isptar fl-istess speċjalizzazzjoni bħal fl-ammissjoni preċedenti.Is-sejbiet urew li r-rata ta' riammissjoni ta' emerġenza kienet l-ogħla fl-ispeċjalizzazzjoni tal-mediċina li kienet ta' 9.4%.

## 5.5 IL-ĦTIEĠA GĦAL VIŻJONI FIT-TUL GĦAS-SOSTENIBBILTÀ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA TAGĦNA





**FIGURA 2** | DEWMIEN MEDJU AKUT F'MALTA, L-UE U PAJJIŻI EWROPEJ OĦRA – 1990-2010 (5)




Sors: European Health for All database, WHO

Is-sistema tas-saħħa nazzjonali Maltija toffri servizz mingħajr ħlas għall-persuni kollha li jgħixu Malta. Kif imsemmi f'taqsijiet preċedenti, fatturi bħal popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, żieda fis-servizzi u nvestiment kontiwu f'mediċini, proċeduri u teknoloġiji ġodda tfisser li n-nefqa fuq is-saħħa hija enormi u qiegħda tiżdied b'mod konsistenti minn sena għal sena. Huwa għalhekk importanti li, biex jiġi żgurat li s-sistemi tas-saħħa mingħajr ħlas tibqa' sostenibbli, jiġu mmonitorjati b'mod regolari ċerti indikaturi.

Fl-aħħar tal-2012 kien hemm ħames sptarijiet pubbliċi **** (2 akuti u 3 speċjalizzati) u tliet sptarijiet privati. In-numru totali ta' sodod fl-isptarijiet f'Malta, fl-2012, kien 478.42 sodda kull 100,000 persuna. Dan huwa xorta waħda aktar baxx miċ-ċifra medja tal-UE għall-2011, ta' 542.05 sodda kull 100,000 persuna.[5]

In-nefqa totali fuq is-saħħa f'Malta, bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) għall-2012, kienet 9.1%.[16] Din hija ftit aktar baxxa mill-medja tal-UE tal-2011 li kienet ta' 9.6%.[5]

It-tabella li ġejja turi xejriet fuq in-nefqa fuq is-saħħa matul 15-il sena u tinkludi n-nefqa pubblika kif ukoll privata kif ukoll l-assigurazzjoni tas-saħħa volontarja.

**TABELLA 23** | XEJRIET FIN-NEFQA FUQ IS-SAĦĦA F'MALTA, 1995 SA 2010 [16]

| Nefqa | 1995 | 2000 | 2005 | 2010 |
|---|---|---|---|---|
| Nefqa totali fuq is-saħħa (€) Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist per capita (prezzijiet tal-1995) | 875.5 | 1248.1 | 1964.8 | 2319.8 |
| Nefqa totali fuq is-saħħa bħala % tal-PDG | 5.6 | 6.6 | 9.1 | 8.5 |
| Nefqa pubblika fuq is-saħħa bħala % tan-nefqa totali fuq is-saħħa | 67.5 | 72.5 | 68.7* | 64.3 |
| Nefqa privata fuq is-saħħa bħala % tan-nefqa totali fuq is-saħħa | 32.5 | 27.5 | 31.3 | 35.7 |
| Infiq tal-gvern fuq is-saħħa bħala % tal-infiq totali tal-gvern | 9.9 | 12.1 | 14.4 | 13.0 |
| Ħlasijiet minn but il-pazjent bħala % tal-infiq privat fuq is-saħħa | 95.8 | 96.9 | 91.8 | 93.3 |
| Assigurazzjoni tas-saħħa volontarja bħala % tan-nefqa totali fuq is-saħħa | 1.43 | 0.8 | 1.7 | 2.43 |
| Assigurazzjoni tas-saħħa volontarja bħala % tan-nefqa privata fuq is-saħħa | 4.1 | 3.1 | 5.5 | 6.3 |

Sors: Kontijiet tas-Saħħa Nazzjonali, WHO
Note: Iż-żieda fin-nefqa fuq is-saħħa kif tidher fl-2005 tikkoinċidi mal-bini tal-Isptar il-ġdid Mater Dei





**** L-isptarijiet jinkludu stabbilimenti liċenzjati involuti primarjament fil-provvista ta' servizzi mediċi, dijanjostiċi u ta' trattament li jinkludu tobba, infermiera u servizzi tas-saħħa oħra għal inpatients u s-servizzi ta' akkomodazzjoni speċjalizzati meħtieġa minn inpatients. L-isptarijiet jipprovdu servizzi tas-saħħa inpatient, li ħafna minnhom jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta' faċilitajiet speċjalizzati u għarfien professjonali kif ukoll teknoloġija u tagħmir mediku avvanzat, li jiffurmaw parti sinifikanti u integrali mill-proċess ta' provvediment.Għalkemm l-attività prinċipali hija l-provvediment ta' kura medika inpatient jistgħu jipprovdu wkoll kura matul il-ġurnata, servizzi tal-kura tas-saħħa outpatient u d-dar bħala attivitajiet sekondarji.[60]

Fis-sistema privata, il-pazjenti jridu jħallsu l-prezz sħiħ għall-farmaċewtiċi filwaqt li fis-settur pubbliku l-mediċini elenkati fil-Lista Formularja tal-Gvern jingħataw mingħajr ħlas lill-pazjenti ntitolati u ma jsir l-ebda kopagament.

In-nefqa totali fuq il-prodotti farmaċewtiċi fl-2012 kienet €173.9 miljun. Minn dawn €102.2 miljuni kienu nefqa privata fuq prodotti farmaċewtiċi filwaqt li €71.7 miljun kienu nefqa pubblika fuq prodotti farmaċewtiċi. Kien hemm żieda fin-nefqa totali fuq prodotti farmaċewtiċi minn €162.5 miljun fl-2011, fejn €99.2 miljun kienu nefqa privata fuq prodotti farmaċewtiċi u €63.3 miljun kienu nefqa pubblika fuq prodotti farmaċewtiċi fl-2011.

## 5.6 POLITIKA U STRATEĠIJI TAS-SAĦĦA

Matul dawn l-aħħar snin, ġew finalizzata u implimentata politiki u numru ta' strateġiji relatati mas-Saħħa. Din li ġejja hija lista tal-istrateġiji li qegħdin jintużaw attwalment u punti ewlenin sinifikanti oħra:

2007
- Ristrutturar għas-separazzjoni tal-Funzjonijiet Regolatorji u tal-Fornituri tas-Servizzi;
- Ftehimiet kollettivi mal-unions tal-kura tas-saħħa;
- L-ikkummissjonar tal-isptar il-ġdid Mater Dei u l-migrazzjoni għall-isptar il-ġdid;
- L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT;

2008
- L-introduzzjoni tal-Iskema l-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (Pharmacy of Your Choice Scheme) (POYC)
- Ir-riforma farmaċewtika
- L-ikkummissjonar ta' kura istituzzjonali għall-anzjani minn fornituri privati
- It-twaqqif tal-Programm ta' Fondazzjoni u taċ-ċentru ta' taħriġ Mediku ta' wara l-Lawrja

2009
- It-tnedija tal-programm tal-iskrijnjar nazzjonali tal-kanċer tas-sider
- Konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-kura tas-saħħa primarja

2010
- It-Twaqqif ta' Fakultà għax-Xjenzi tas-Saħħa fi ħdan l-Università ta' Malta
- L-Istrateġija għall-Mard li ma Jitteħidx
- Il-Politika dwar is-Saħħa Sesswali

2011
- Il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer 2011-2015
- L-Istrateġija Favur is-Saħħa Sesswali
- Ir-ristrutturar għad-deċentralizzazzjoni tal-provvediment tas-servizzi
- L-esternalizzazzjoni tas-servizzi kliniċi
- It-Twaqqif tal-Kummissarji għas-Saħħa, għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani

2012
- Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni, 2012
- L-Att dwar is-Saħħa Mentali, 2012
- It-tnedija tal-programm tal-iskrijnjar nazzjonali tal-kanċer kolorettali.

2013

- It-tnedija tal-programm ta' tilqim kontra l-Vajrus tal-Papilloma Uman (HPV)
- L-Att dwar is-Saħħa, 2013
- L-istabbiliment tal-istrutturi (inkluż il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali) għal kura tas-saħħa transfruntiera

2014

- It-tnedija tal-Politika dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni 2014-2020
- It-tnedija tal-Istrateġija għas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali għal Malta 2014-2020

Madankollu, hemm numru ta' strateġiji li għadhom pendenti. Dawn jinkludu politika dwar il- finanzjament tas-sistemi tas-saħħa, politika dwar il-ħinijiet ta' stennija - din tindirizza l-użu ta' listi ta' stennija ċentralizzati, l-iżgurar tar-riferiment xieraq ta' pazjenti, mmaneġġjar aħjar ta' ħinijiet ta' appuntamenti u t-titjib fis-sigħat tas-servizz fl-Isptar Mater Dei (per eżempju li jkun hemm kliniċi u listi wara nofsinhar).

Ġiet imnedija strateġija għad-dimenzja għal konsultazzjoni mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS). Barra minn hekk, l-MFSS ippubblika u beda jimplimenta strateġija nazzjonali għat-tixjiħ attiv, u huwa responsabbli wkoll għal politiki u strateġiji li jindirizzaw it-tnaqqis fil-faqar u l-inklużjoni soċjali, l-abbuż tad-droga u l-alkoħol u politika nazzjonali għat-tfal.

Qed jiġu żviluppati wkoll pjan nazzjonali għal mard rari u strateġija għad-dijabete nazzjonali. Fis-settur ikkonċernat bil-kura ta' pazjenti anzjani, qed jiġi żviluppat pjan li jsaħħaħ u jiżviluppa aktar il-firxa ta' servizzi komunitarji għall-anzjani. Kif issemma qabel, diġà hemm ħafna servizzi fis-seħħ għall-anzjani, madankollu, minħabba f'żieda fil-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ u żieda fit-talba, jeħtieġ li dawn is-servizzi jiġu riveduti u kkumplimentati kontinwament.

Kapitlu 6

# Il-persuni fil-qalba tas-sistemi tas-saħħa (L-approċċ ibbażat fuq il-persuni)

## 6.1 INTRODUZZJONI

Is-saħħa hija influwenzata minn relazzjoni kumplessa ta' fatturi fiżiċi, soċjali, ekonomiċi, kulturali u ambjentali. L-aċċess, is-sikurezza tal-pazjent, il-kwalità u r-rispons tal-kura, u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas- saħħa huma kwistjonijiet importanti u urġenti. L-iżvilupp tal-politika fis-saħħa nazzjonali huwa bbażat fuq il-valur ewlieni tal-protezzjoni u l-iżvilupp tas-saħħa u l-benesseri tal-membri kollha tal-popolazzjoni, u jrid iħaddan il-kuntest aktar wiesgħa, bil-partijiet interessati kollha involuti. Dan jinvolvi approċċ aktar ħolistiku għas-sistemi tas-saħħa u għall-kura tas-saħħa, u kunsiderazzjoni bbilanċjata tad-drittijiet u l-ħtiġijiet, kif ukoll ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tal-kostitwenti tas-saħħa u l-partijiet interessati kollha.

Il-perspettiva tal-pazjent tal-kura tas-saħħa u kif is-sistemi tas-saħħa jistgħu jwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati u s-setturi kollha tal-kura tas-saħħa ilha tiggwadanja interess matul dawn l-aħħar ftit snin. F'pajjiżi bħal Malta, fejn jeżistu l-infrastruttura bażika tas-saħħa u s-servizzi essenzjali tas-saħħa, il-poplu jista' jaspira għal aspettattivi ogħla mis-sistemi tas-saħħa. Issa jistenna li s-sistemi tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, u l-professjonisti tas-saħħa jimxu lejn livell ogħla ta' prestazzjoni u jadottaw approċċ aktar umanistiku u ħolistiku għall-kura tas-saħħa, u b'hekk l-individwu li jeħtieġ kura jiġi meqjus u rispettat bħala persuna sħiħa bi ħtiġijiet multidimensjonali.

L-approċċ iċċentrat fuq il-persuni jinvolvi kunsiderazzjoni bilanċjata tal-valuri, il-ħtiġijiet, l-aspettattivi, il-preferenzi, il-kapaċitajiet, u s-saħħa u l-benesseri tal-kostitwenti u l-partijiet interessati kollha tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. Jirrikonoxxi u jindirizza kemm l-interazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, kif ukoll l-interventi tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari l-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, u jimmira biex jilħaq persuni fil-komunità ġenerali, ħafna qabel ma jsiru pazjenti u jidħlu f'settur jew faċilità klinika tal-kura tas-saħħa.

Approċċ iċċentrat fuq il-persuni jissodisfa dawn l-isfidi aktar wiesgħa. Approċċ iċċentrat fuq il-persuni huwa distint mill-approċċ iċċentrat fuq il-pazjenti li jintwera aktar komunement minħabba li jirrikonoxxi li qabel mal-persuni jsiru pazjenti, jeħtieġ li jiġu nfurmati u jingħataw is-setgħa li jippromwovu u jipproteġu s-saħħa tagħhom.[52] Minħabba li din l-istrateġija qed tħaddan viżjoni aktar wiesgħa ta' sistemi tas-saħħa komprensiva milli sempliċement tikkonċentra biss fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa aktar familjari u viżibbli, nħass li l-approċċ iċċentrat fuq il-persuni huwa struttura aktar xierqa u rilevanti u li għalhekk huwa aktar adattat għall-kompitu tal-ippjanar u l-implimentazjoni tal-azzjonijiet strateġiċi li huma dokumentati fl-NHSS.

Barra minn hekk, il-kunċett iċċentrat fuq il-persuni għandu utilità addizzjonali minħabba li jħaddan mhux biss dawk li jitolbu u jeħtieġu appoġġ biex jiksbu saħħa tajba, iżda anke lil dawk li jipprovdu s-servizzi u li jmexxu l-organizzazzjonijiet u s-sistemi li fi ħdanhom jiġu pprovduti s-servizzi tas-saħħa. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, l-maniġers tas-servizzi tas-saħħa u dawk li jfasslu l-politika

dwar is-saħħa huma persuni wkoll u għandhom ħtiġijiet u aspettattivi mis-sistemi tas-saħħa bħall-membri l-oħra kollha tal-popolazzjoni ġenerali. Jistgħu jsiru pazjenti u jiffurmaw parti mill-familji u l-komunitajiet li s-sistemi tas-saħħa hija mfassla li sservi. Il-ħtiġijiet tagħhom iridu jiġu kkunsidrati wkoll u għandhom jingħataw is-setgħa wkoll biex ikunu jistgħu jittrasformaw u jmexxu titjib fil-kwalità u r-rispons tas-sistemi tas-saħħa.

L-approċċ iċċentrat fuq il-persuni jirrikonoxxi erba' gruppi prinċipali ta' partijiet interessati. Dawn il-gruppi kollha jaħdmu u huma kkonċernati bis-suċċess tas-sistemi tas-saħħa. Dawn l-erba' gruppi jew dominji ta' politika u azzjoni jinkludu dan li ġej:

INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

Biex tinkiseb kwalunkwe trasformazzjoni reali fi kwalunkwe parti mis-sistemi tas-saħħa, dawn id-dominji għandhom jirrinfurzaw reċiprokament lil xulxin u t-tmexxija fi ħdan, u matul id-dominji kollha hija akkreditata bħala l-istrument aħħari għall-bidla.

**TABELLA 24** | PARTEĊIPANTI DIFFERENTI FI ĦDAN L-4 DOMINJI EWLENIN TAL-POLITIKA U L-AZZJONI FL-APPROĊĊ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA ĊĊENTRATA FUQ IL-PERSUNI [52]

| Dominju | Ambjent Kliniku | Ambjent tas-Saħħa Pubblika |
|---|---|---|
| Individwi, Familji u Komunitajiet | Pazjenti u familji, gruppi ta' sostenn għall-pazjent, assoċjazzjonijiet tal-pazjenti | Komunitajiet u popolazzjonijiet Organizzazzjonijiet volontarji Gvern lokali |
| Professjonisti tas-Saħħa | Kliniċisti u persuni kliniki ta' sostenn | Ħaddiema tas-saħħa pubblika Ħaddiema ta' prevenzjoni |
| Organizzazzjonijiet tas-Saħħa | Kliniki, organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, sptarijiet | Faċilitajiet tas-saħħa pubblika Ċentri tas-saħħa komunitarja |
| Awtoritajiet tas-Saħħa | Ivarja skont il-mudell tal-kura tas-saħħa | Ministeru għas-saħħa Settur pubbliku tas-saħħa |

Sors: Adattata minn People at the centre of health care:harmonizing mind and body, people and systems (Il-persuni fiċ-ċentru tal-kura tas-saħħa: l-armonizzazzjoni tal-moħħ u l-ġisem, persuni u sistemi), 2007 (paġna 28; Tabella 2)

## 6.2 IL-KUNĊETT LI QIEGĦED JEVOLVI TA' APPROĊĊ IĊĊENTRAT FUQ IL-PERSUNI

L-idea ta' kura ċċentrata fuq il-persuni hija kunċett pjuttost ġdid u għadha qed tiżviluppa. Jeżistu diversi mudelli fil-letteratura u xi wħud minnhom jippruvaw jiddelinjaw il-karatteristiċi predominanti tagħha. Il-maġġoranza ta' dawn il-mudelli għadhom jiffokaw primarjament fuq l-esperjenza klinika tal-kura tas-saħħa u huma essenzjalment varjazzjonijiet tal-kura ċċentrata fuq il-pazjenti. Madankollu, huwa importanti li jkun rikonoxxut li diversi elementi identifikati bħala integrali għall-approċċ ibbażat fuq il-pazjenti huma validi wkoll għall-kunċett aktar wiesgħa ta' konċentrazzjoni fuq il-persuni.

It-terminu mediċina "ċċentrata fuq il-pazjenti" ssemma għall-ewwel darba fl-1970 mit-tabib Michael Balint u l-kollegi tiegħu bħala approċċ alternattiv għall-prattika medika tradizzjonali, u rrappreżentawha bħala "mediċina ċċentrata fuq il-mard". Fl-opinjoni tagħhom, proporzjon konsiderevoli tal-ilmenti tal-pazjenti jinħoloq minn stress emozzjonali u mhux kawżi fiżiċi u rrakkomandaw li fehim bir-reqqa tal-ilmenti tal-pazjenti, bbażat fuq tħassib iċċentrat fuq il-pazjenti, kien importanti fil-promozzjoni tal-fejqan.[53]

Awturi u stituzzjonijiet akkademiċi u professjonali oħra bħal Levenstein, the Picker Institute u l-Istitut tat-Titjib tal-Kura tas-Saħħa (IHI) komplew jiżviluppaw il-kunċett tal-konċentrazzjoni fuq il-pazjent u estendewh biex jinvolvi l-familji tal-pazjenti.

Fl-2001, l-Istitut tal-Mediċina (IOM) ippubblika Crossing the Quality Chasm: A New Health System for the 21st Century. Din il-ħidma mxiet 'l quddiem mill-mudelli ta' qabel li ffokaw fuq il-pazjenti u l-qraba tagħhom, u ntroduċiet il-kunċett ta' kura ċċentrata fuq il-pazjenti mil-lat tas-sistemi tas-saħħa. Fil-mudell IOM, is-sistemi ta' kura tinkludi timijiet u organizzazzjonijiet iċċentrati fuq il-pazjent ta' prestazzjoni għolja li jiffaċilitaw il-ħidma ta' timijiet oħra ċċentrati fuq il-pazjent li joperaw fi ħdan ambjent ta' ħlas, u regolatorju ta' sostenn biex jipproduċu kura tas-saħħa li hija sigura, effettiva, ċċentrata fuq il-pazjent, f'waqtha, effiċjenti u ekwitabbli.[54]

Il-WHO ħarġet diversi studji u rapporti li jindirizzaw il-kwistjonijiet u l-isfidi ffaċċjati mis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-lum, b'mod partikolari dwar it-tqegħid ta' persuni fiċ-ċentru tal-kura tas-saħħa. Permezz tal-iżvilupp tal-qafas Kura Innovattiva għal Kundizzjonijiet Kroniċi (ICCC), il-pazjenti u l-qraba tagħhom tqegħdu fiċ-ċentru tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, u l-komunitajiet huma inkoraġġiti jagħmlu kuntatt ma' organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa fil-provvediment ta' kura għal kundizzjonijiet kroniċi. Barra minn hekk, il-qafas jirrikonoxxi l-importanza ta' ambjent politiku ta' sostenn li jorganizza l-valuri, il-prinċipji u l-istrateġiji ġenerali ta' gvernijiet li qed jaħdmu biex inaqqsu l-piż ta' kundizzjonijiet kroniċi.[55]

It-terminu "sistema tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni" għamel l-ewwel dehra tiegħu fi ktieb ippubblikat mit-tabib Vaughan Glover fl-2005. F'din il-pubblikazzjoni jipproponi riforma tal-kura tas-saħħa għall-Kanada filwaqt li jsostni li s-sistemi tas-saħħa Kanadiża attwali kienet diġà ssodisfat iż-żewġ għanijiet inizjali tagħha, jiġifieri, li tipprovdi liċ-ċittadini tagħha b'aċċess għal livell universali tal-kura tas-saħħa u li tipprovdi l-kopertura finanzjarja għal din il-kura tas-saħħa. Huwa ddikjara li n-natura li qiegħda tinbidel tas-saħħa u l-kura tas-saħħa teħtieġ li s-sistemi tas-saħħa timxi lejn livell ogħla ta' funzjonament u enfasizza l-interrelazzjonijiet dinamiċi bejn id-diversi partijiet interessati fil-kura tas-saħħa.[56]

Fil-pubblikazzjoni tagħha tal-2005, l-Alleanza Internazzjonali ta' Organizzazzjonijiet tal-Pazjenti rrikonoxxiet il-limitazzjonijiet interenti tal-frażi "ċċentrata fuq il-pazjent", u rrikonoxxiet ir-rwol kritiku għall-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa komunitarja fil-kura tas-saħħa.[57] Fl-aħħar nett, it-tranżizzjoni sħiħa minn kura tas-saħħa "ċċentrata fuq il-pazjent" għal waħda "iċċentrata fuq il-persuni" ġiet artikulata l-ewwel mill-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO tar-Reġjuni tal-Paċifiku tal-Punent u tax-Xlokk tal-Asja fil-pubblikazzjoni bit-titlu People at the Centre of Care Initiative

(L-inizjattiva ta' Persuni fiċ-Ċentru tal-Kura).[58] Din l-inizjattiva introduċiet il-kunċett li l-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni tikkonċerna kemm il-mediċina klinika kif ukoll is-saħħa pubblika u tinkorpora l-ispettru kollu tal-kura tas-saħħa: individwi, komunitajiet, professjonisti, organizzazzjonijiet u dawk li jfasslu l-politika.

## 6.3 IL-VALURI, IL-PRINĊIPJI U L-KARATTERISTIĊI TA' APPROĊĊ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA ĊĊENTRATI FUQ IL-PERSUNI†††

Il-kura ċċentrata fuq il-pazjenti u dik fuq il-persuni jikkondividu diversi valuri u prinċipji ta' gwida ewlenin. Il-valuri ewlenin ġew espressi f'diversi dokumenti tad-WHO u dokumenti internazzjonali oħra u jinkludu:

1. Ir-rispett għad-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem.
2. Ir-rwol ċentrali tas-saħħa fi kwalunkwe proċess ta' żvilupp u tkabbir ekonomiku.
3. Għodda effettiva biex tintemm kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni.
4. L-importanza tal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ta' individwi u komunitajiet fis-saħħa u l-iżvilupp.

Dawn il-valuri ewlenin ġew żviluppati f'numru ta' prinċipji essenzjali.Il-kura ċċentrata fuq il-persuni hija:

- ekwitabbli
- ikkonċernata bl-involviment tal-partijiet interessati kollha
- dwar li jsir aktar faċli għall-partijiet interessati li jagħmlu l-għażliet xierqa
- effettiva, u twassal għal riżultati tas-saħħa aħjar
- ibbażata fuq l-evidenza u kompassjonali
- effiċjenti, koordinata u pprovduta f'waqtha
- etika u trawwem it-trasparenza u r-responsabbiltà.

Evidenza mir-riċerka, il-prattika u l-evalwazzjoni tas-sistemi tas-saħħa wasslet għall-iżvilupp tal-karatteristiċi ewlenin li ġejjin minn dominji tal-politika u tal-azzjoni.

### A. INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

- Aċċess ekwu għas-sistemi tas-saħħa, trattamenti effettivi u appoġġ psikosoċjali.
- Aċċess għal informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa ċara, konċiża u intelliġibbli li jżid il-litteriżmu dwar is-saħħa u jippermetti t-teħid tad-deċiżjonijiet infurmat.
- Ħiliet personali li jippermettu l-kontroll fuq is-saħħa u l-involviment mas-sistemi tal-kura tas-saħħa — il-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u r-rispett reċiproku, l-istabbiliment tal-għanijiet, it-teħid tad-deċiżjonijiet, is-soluzzjoni ta' problemi u l-kura personali.
- L-involviment appoġġjat fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kura tas-saħħa, inkluża l-politika dwar is-saħħa, l-iżvilupp tal-programmi, l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-finanzjament tas-saħħa.

††† It-test ta' din is-sottotaqsima ġie adattat mill-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għax-Xlokk tal-Asja u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Paċifiku tal-Punent. People at the centre of health care harmonizing mind and body, people and systems (Il-persuni fiċ-ċentru tal-kura tas-saħħa: l-armonizzazzjoni tal-moħħ u l-ġisem, persuni u sistemi), 2007 (paġni 35-39)

## B. PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

- Approċċ ħolistiku għall-provvista tal-kura tas-saħħa.
- Ir-rispett għall-pazjenti, il-ħtiġijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom fil-livell kliniku u r-rispett għall-komunitajiet u l-ħtiġijiet tagħhom fil-livell tas-saħħa tal-popolazzjoni.
- Ħiliet professjonali biex jiġu sodisfatti dawn il-ħtiġijiet — il-kompetenza, il-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u r-rispett reċiproku, l-empatija, il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, ir-rispons u s-sensittività.
- Il-provvediment ta' kura individwalizzata fl-ambjent kliniku.
- Aċċess għall-iżvilupp professjonali u opportunitajiet ta' stħarriġ.
- Osservanza ta' linji gwida u protokolli bbażati fuq l-evidenza.
- Impenn għal kura ta' kwalità, sigura u etika.
- Ħidma fi gruppi u kollaborazzjoni matul dixxiplini, il-provvista ta' kura koordinata u l-iżgurar tal-kontinwità tal-kura.
- L-involviment fil-governanza tal-kura tas-saħħa u t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-politika.

## Ċ. ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

- Aċċessibbli għall-persuni kollha li jeħtieġu l-kura tas-saħħa.
- Impenn għal kura ta' kwalità, sigura u etika.
- Ambjent fiżiku sigur u li jilqa' li jappoġġa stili ta' ħajja differenti, l-familja, l-privatezza u d-dinjità.
- Aċċess għal appoġġ psikoloġiku u spiritwali matul l-esperjenza tal-kura.
- Rikonoxximent tal-importanza ta' l-impjegati kollha; maniġerjali, mediku, alleat fil-qasam tas-saħħa, anċillari (fil-provvista tal-kura tas-saħħa).
- Kundizzjonijiet ta' mpjieg u rimunerazzjoni li jappoġġjaw il-ħidma fi gruppi lejn kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni.
- Mezzi għall-ilmenti li jridu jiġu ndirizzati.
- Organizzazzjoni ta' servizzi li jipprovdu l-konvenjenza u l-kontinwità tal-kura għall-pazjenti.
- Mudelli ta' servizzi li jirrikonoxxu d-dimensjonijiet psikosoċjali u jappoġġaw sħubiji bejn individwi, il-familji tagħhom u l-professjonisti tas-saħħa.

## D. AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

- Il-kura primarja bħala l-pedament għal saħħa aħjar.
- Arranġamenti ta' finanzjament li jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa.
- Investiment f'edukazzjoni professjonali tas-saħħa li tippromwovi l-ħidma fi gruppi multidixxiplinari, ħiliet ta' komunikazzjoni tajba, orjentazzjoni lejn il-prevenzjoni, u tintegra l-evidenza dwar id-dimensjonijiet psikosoċjali tal-kura tas-saħħa.
- Il-kapaċità li jiġu żviluppati standards u protokolli, u li jixxerrdu linji gwida u standards għal prattika tajba.
- Il-kollaborazzjoni ma' gvernijiet lokali u komunitajiet u organizzazzjonijiet volontarji.
- Impenn lejn proċess ta' evalwazzjoni u titjib kontinwu.

- L-involviment ta' komunitajiet u partijiet interessati oħra fil-governanza tas-saħħa u l-iżvilupp tal-politika.
- It-trasparenza.
- Ir-responsabbiltà.

Il-valuri, l-prinċipji u l-karatteristiċi msemmija hawn fuq huma kollha rilevanti ħafna u responsabbli għall-istruttura u l-kontenut tal-NHSS. Huma konformi mal-viżjoni li għandu l-Ministeru għas-Saħħa għall-iżvilupp fil-futur tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u dawn il-kunċetti se jkunu evidenti ripetutament fid-diversi azzjonijiet strateġiċi li huma dokumentati fis-sottokapitoli li ġejjin li jindirizzaw l-objettivi ġenerali ndividwali u d-direzzjonijiet strateġiċi ta' din l-istrateġija.

Kapitlu 7

# L-implimentazzjoni ta' Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali ċċentrati fuq il-persuni: Objettivi, Direzzjonijiet u Miżuri

## 7.1 OBJETTIV ĠENERALI 1 – IS-SAĦĦA U L-BENESSERI MATUL IL-ĦAJJA

Azzjoni xierqa b'għarfien għaż-żieda fid-domanda u l-isfidi li jinħolqu mit-tibdil demografiku u x-xejriet epidemjoloġiċi permezz ta' attenzjoni fuq il-kors kollu tal-ħajja, t-tfal, l-anzjani u gruppi vulnerabbli.

### Direzzjoni Strateġika 1A
### IL-KURA XIERQA FIL-POST XIERAQ U FIL-ĦIN OPPORTUN

Inwieżnu persuni b'diffikultà biex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom u nindirrizzaw iż-żieda fid-domanda għal kura ta' dipendenza għolja.

Se tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li l-kura meħtieġa titwassal fl-ambjent li huwa l-aktar xieraq għall-ħtiġijiet u ta' benefiċċju, biex jiġu sostnuti u mtejba s-saħħa u l-benesseri tal-persuna fi stadji differenti tal-kors tal-ħajja. Jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet biex jitkompla l-aġġornament tal-ambjenti kollha li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa u tiżdied l-enfasi fuq l-għoti tas-setgħa u l-inkoraġġiment lill-komunitajiet biex jinvolvu ruħhom aktar fil-provvediment ta' kura nformali fil-komunità u viċin kemm jista' jkun ta' fejn jgħixu u jaħdmu n-nies.

#### INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

Il-punti prinċipali se jinkludu:

1. It-tixrid ta' nformazzjoni u edukazzjoni konsistenti biex titqajjem il-kuxjenza ta' ndividwi, familji u komunitajiet dwar id-drittijiet tagħhom u r-responsabbiltajiet lejn is-sistemi tas-saħħa. L-azzjonijiet se jinkorporaw attivitajiet sabiex:
   a. Tkompli s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-użu u l-konsum responsabbli tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-mediċini u l-apparat mediku.

b. jiġu appoġġjati u inkoraġġiti l-individwi u l-familji li se jkunu involuti fl-immaniġġjar tas-saħħa tagħhom stess u s-saħħa tad-dipendenti nklużi l-qraba anzjani. L-għan aħħari ta' dawn il-miżuri se jkun li tiġi evitata u mdewwma kemm jista' jkun il-ħtieġa għal kura istituzzjonali fit-tul.

ċ. jiġu inkoraġġiti, edukati u appoġġjati ndividwi li jagħżlu u jwettqu r-rwol ta' persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali jew jingħaqdu ma' netwerks ta' persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali.

d. jiġi faċilitat it-tibdil meħtieġ u jiġu introdotti strutturi, servizzi u d-disponibbiltà ta' apparati li se jgħinu lill-individwi fil-kapaċità tagħhom sabiex isiru aktar responsabbli għaż-żamma tal-benesseri u s-saħħa tagħhom stess.

e. jiġu appoġġjati l-bidliet fil-membri tal-pubbliku biex isiru aktar responsabbli b'mod kollettiv għas-sosteniment ta' standards tajbin fis-saħħa pubblika.

f. jiġi stabbilit pjan għat-twaqqif ta' servizz ta' informazzjoni ċentralizzat li se jkun jista' jinforma lill-utenti u l-fornituri ta' servizz b'informazzjoni ta' kwalità għolja u f'waqtha, li se tgħinhom sabiex jinnavigaw fil-firxa wiesgħa ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali disponibbli u li huma l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom.

2. It-tisħiħ tal-importanza tar-rwoli tal-gvern lokali, l-organizzazzjonijiet volontarji u gruppi ta' pazjenti u residenti fil-provvediment ta' servizzi tas-saħħa. Dan se jinkiseb permezz ta':

a. Aktar rikonoxximent tal-kontribuzzjonijiet u l-funzjonijiet tagħhom;

b. Aktar inkoraġġiment u appoġġ biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali;

ċ. Iż-żieda fir-rwol ta' organizzazzjonijiet volontarji u gruppi ta' pazjenti bħala sostenituri mhux biss għall-pazjenti iżda anke għall-persuni li jieħdu ħsiebhom, u voluntiera li jieħdu ħsiebhom u li huma membri tagħhom. B'dan il-mod, il-ħtiġijiet ta' dan il-grupp importanti ta' msieħba fil-provvediment tas-servizz tal-kura tas-saħħa se jinġiebu aktar għall-attenzjoni ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

3. Il-politika u l-istrateġiji se jkomplu jidentifikaw gruppi vulnerabbli u jfasslu u jimplimentaw azzjonijiet immirati apposta lejn l-identifikazzjoni f'aktar dettall u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi u distintivi tagħhom. Gruppi vulnerabbli li ġew identifikati bħala li jeħtieġu attenzjoni speċjali fil-maġġoranza tal-istrateġiji relatati mas-saħħa jinkludu:

a. persuni f'riskju għoli ta' faqar bħal dawk fil-klassijiet soċjoekonomiċi aktar baxxi u familji b'ġenitur wieħed,

b. Migranti, dawk li jfittxu l-ażil u ħaddiema barranin,

c. persuni b'diffikultajiet ta' imġiba ta' dipendenza,

d. persuni b'diżabilitajiet fiżiċi u intellettwali,

e. persuni b'kundizzjonijiet u mard rari,

f. persuni anzjani dgħajfa u persuni li jbatu mid-dimenzja,

g. persuni f'riskju ogħla ta' mard tas-saħħa mentali, jew b'mard tas-saħħa mentali,

h. persuni f'riskju għoli ta' mard u sikurezza okkupazzjonali.

Se tiġi tingħata attenzjoni speċjali lil Għawdex. B'mod partikolari, se jiġu mfassla miżuri sabiex tiżdied ir-reazzjoni tas-sistemi tas-saħħa għad-diffikultajiet u l-ħtiġijiet speċjali tal-pazjenti u l-familji tagħhom u l-popolazzjoni li qiegħda tgħix f'Għawdex b'mod speċjali dawk li huma aċċentwati mill-insularità tal-gżira Għawdxija.

## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

L-isforz ewlieni se jkun permezz ta' inizjattivi biex tiżdied il-kuxjenza u s-sensibilizzazzjoni ta' professjonisti tas-saħħa għall-ħtiġijiet tas-saħħa u tal-kura fil-komunità. Dan se jinkiseb permezz ta':

1. L-aġġornament kontinwu tal-professjonijist tas-saħħa biex jibqgħu nfurmati sew dwar il-firxa ta' servizzi pprovduti u kif jista' jinkiseb aċċess għalihom. Oqsma li ġew identifikati bħala li ħaqqhom attenzjoni speċjali jinkludu kwistjonijiet tas-saħħa mentali fl-anzjani, kwistjonijiet ta' aċċess għas-saħħa sesswali u l-kwistjonijiet tas-saħħa multipli u kumplessi ta' persuni f'riskju għoli ta' faqar b'mod speċjali t-tfal li jgħixu f'dawn l-istrata soċjali.
2. L-edukazzjoni u l-appoġġ għal tobba tal-familja biex isiru aktar profiċjenti fil-provvista ta' assistenza u informazzjoni lil persuni li jieħdu ħsieb jew jgħixu ma' qraba anzjani u persuni dipendenti b'diżabilitajiet fiżiċi u intellettwali kif ukoll gwida jekk tkun tinħtieġ ammissjoni għal djar residenzjali. Dawn se jinkludu wkoll żvilupp professjonali kontinwu sabiex jiġu aġġornati l-ħiliet biex jiġu evitati preskrizzjonijiet subottimali, il-polifarmaċija u l-użu ta' mediċini mhux xierqa.
3. Il-promozzjoni ta' approċċ multidixxiplinari għall-kura tas-saħħa u t-tisħiħ tar-rwol ta' professjonisti tas-saħħa li qed jaħdmu fil-komunità. Ikun hemm enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tar-rwol tat-tabib tal-familja b'mod partikolari f'oqsma fejn jinħass li jkun meħtieġ l-aktar. Oqsma identifikati li jeħtieġu attenzjoni partikolari jinkludu l-kura ta' pazjenti b'multimorbożità/mard kroniku u b'diżabilità, l-kura psikjatrika komunitarja u l-kura paljattiva u fi tmiem il-ħajja.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

L-isforzi prinċipali se jinkludu:

1. It-tisħiħ tal-approċċ multidixxiplinari għall-kura tal-pazjenti. Dan se jinkiseb permezz ta':
   a. L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni minn u ma', ambjenti tal-isptar u tal-kura komunitarja.
   b. Il-provvediment ta' servizzi speċjalizzati multisettorjali kumplimentari u diversifikati, kemm fil-livelli ta' inpatient kif ukoll ta' outpatient, biex jiġu ndirizzati l-ħtiġijiet differenti tal-komunità b'enfasi fuq il-promozzjoni, l-prevenzjoni, l-intervent bikri u l-appoġġ komunitarju.
   ċ. It-taħriġ u l-għoti tas-setgħa lill-fornituri tal-kura tas-saħħa u tas-servizz komunitarju f'kura ta' riabilitazzjoni.
2. Il-provvediment ta' servizzi komunitarji ta' riabilitazzjoni sostenibbli għal pazjenti xierqa li attwalment qed jgħixu f'kura stituzzjonali (b'mod partikolari f'faċilitajiet ta' saħħa mentali) biex dawn il-pazjenti jiġu ntegrati mill-ġdid lura fis-soċjetà u tiġi evitata r-riammissjoni fl-isptar. Biex jinkiseb dan l-għan, l-infrastruttura tas-saħħa mentali fis-settur tal-kura tas-saħħa primarja u tal-kura komunitarja se tiġi estiża. Se jiġi pprovdut aktar taħriġ għal professjonisti tal-kura tas-saħħa f'dan is-settur biex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jindirizzaw il-prevalenza li dejjem tiżdied ta' disturbi tas-saħħa mentali. Dawn l-azzjonijiet se jirriżultaw ukoll f'titjib fir-rikonoxximent bikri ta' mard mentali, fir-rwol ta' kontroll tal-aċċess u r-rwoli ta' koordinazzjoni u l-kapaċità għal servizzi ta' outreach tal-kura tas-saħħa primarja u se jnaqqsu l-ħtieġa għal ammissjonijiet u ospitalizzazzjoni fit-tul fil-faċilitajiet tas-saħħa mentali.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

Għandhom jittieħdu diversi azzjonijiet. Dawn jinkludu:

1. Il-formalizzazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-leġiżlazzjoni Maltija. Se jiġu mplimentati kampanji ta' informazzjoni biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi legali tal-pazjenti. Il-provvista ta' informazzjoni dwar il-kundizzjoni u l-kura tal-pazjenti u d-dritt tal-pazjent għall-għażla u l-involviment f'deċiżjonijiet kliniċi se tingħata attenzjoni speċjali.
2. Ir-rikonoxximent formali u ż-żieda fl-appoġġ għall-kura informali fil-komunità. L-involviment tal-qarib magħżul mill-pazjent jew il-persuna li l-pazjent ikun għażel biex tieħu ħsiebu huwa importanti, b'mod speċjali fil-mumenti ta' kriżi. Se jiġu ppjanati u implimentati miżuri li se jkollhom l-għan li jipprovdu appoġġ għal persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn, sabiex tiġi minimizzata l-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal servizzi tal-emerġenza jew tal-isptar.
3. It-tfassil ta' politika u strateġiji nazzjonali mmirati lejn l-espansjoni tar-riżorsi u l-aġġornament tal-istrutturi ddedikati għall-promozzjoni tal-benesseri fit-tfal u ż-żgħażagħ. Dawn l-istrateġiji se jipprovdu u jiffokaw fuq l-oqsma identifikati li ġejjin:
    a. Il-gruppi tal-età tat-tfal u l-adoloxxenti se jirċievu enfasi speċjali f'dik li hija promozzjoni tas-saħħa, l-prevenzjoni tal-mard u l-iskrijnjar għal diffikultajiet fl-iżvilupp fiżiku u psikoloġiku.
    b. Il-ħolqien ta' taqsima xierqa ġdida fil-komunità li se tkun iddedikata għall-promozzjoni tal-kura psikoloġika, psikjatrika u tal-imġiba ta' tfal u adoloxxenti b'imġiba sfidanti u bżonnijiet speċjali. L-iżvilupp ta' din it-taqsima hija appoġġata minn evidenza xjentifika li turi aktar benefiċċju kemm għall-iżvilupp fit-tul u l-inklużjoni soċjali ta' dawn iż-żgħażagħ, kif ukoll għall-ħtiġijiet tagħhom ta' kura immedjata u prevenzjoni minn ħsara fuq perjodu ta' żmien qasir mill-kura li jirċievu jekk minflok jiġu ospitalizzati.
    ċ. It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni mas-servizzi edukattivi u soċjali li qed jaħdmu ma' dawn is-saffi tas-soċjetà.
4. Il-konsolidazzjoni tal-istrutturi li jwettqu valutazzjonijiet dwar proposti għal servizzi ġodda. Dan se jinkiseb permezz tal-istabbiliment u l-appoġġ miżjud ta' aktar professjonisti u entitajiet li jistgħu jevalwaw il-prestazzjoni u l-effikaċja ta' servizzi eżistenti.
5. It-twettiq ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal gruppi oħra għajr l-anzjani, li jeħtieġu kura fit-tul u servizzi speċjalizzati tal-kura komunitarja, bħal persuni b'diżabilitajiet fiżiċi u intellettwali severi. L-intitolament, il-faċilitajiet u s-servizzi se jiġu aġġornati u adattati kif xieraq.
6. Iż-żieda fil-kapaċità tas-servizzi kif u fejn meħtieġa. Din se tinvolvi attivitajiet biex jiġu ndirizzati ż-żidiet jew il-bidliet konsegwenti fl-ikkompletar ta' l-impjegati tas-saħħa u l-kompetenza meħtieġa biex jiġu aġġornati u ntrodotti servizzi ġodda. Oqsma li jeħtieġu attenzjoni speċjali jinkludu żidiet fil-kapaċità u d-disponibbiltà għal:
    a. faċilitajiet ta' kura fit-tul b'mod partikolari biex jiġu ndirizzati persuni bi bżonnijiet ta' dipendenza għolja;
    b. servizzi ta' riabilitazzjoni ġerjatrika;
    ċ. servizzi ta' kura temporanja ta' mistrieħ;
    d. assistenza għax-xiri jew is-self ta' teknoloġiji ta' għajnuna li jappoġġaw jew jistgħu jipprolongaw għixien indipendenti;
    e. ċentri komunitarji mgħaqqdin ma' djar għal kura li minnhom jistgħu jiġu pprovduti servizzi komunitarji ta' appoġġ tas-saħħa;

f. l-indirizzar tal-ħtieġa għal servizzi ta' kura paljattiva li jindirizzaw pazjenti oħra għajr pazjenti bil-marda tal-kanċer. Kull pazjent li jkollu bżonn kura fl-aħħar tal-ħajja jeħtieġ appoġġ ta' kura paljattiva li tgħinu/ha biex imut/tmut bid-dinjità u f'konformità mat-talbiet tagħha/tiegħu f'dik li hija l-għażla għall-post tal-mewt.

Dawn is-servizzi kollha għandhom jimmiraw b'mod partikolari lejn is-sosteniment u r-restawr tal-livell massimu ta' indipendenza ta' persuni aktar anzjani.

7. Se jiġi ppjanat programm ġdid li se jimmira lejn it-twassil ta' mediċini fir-residenzi ta' persuni anzjani b'diversi problemi ta' mobilità u persuni b'diżabilità.

8. L-investiment fis-settur tas-saħħa jeħtieġ l-investiment fit-taħriġ, ir-reklutaġġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu ta' diversi gruppi ta' professjonijiet tas-saħħa b'livell għoli ta' ħiliet. Xi wħud minn dawn il-gruppi jeħtieġu attenzjoni speċjali minħabba li minkejja li t-tip ta' professjoni hija essenzjali għas-servizz, in-numru ta' professjonisti meħtieġa huwa żgħir wisq biex jiġġustifika korsijiet ta' taħriġ lokali. L-eżempji jinkludu professjonisti li jispeċjalizzaw f'diversi oqsma fis-settur tal-patoloġija u professjonisti alleati fil-qasam tal-kura tas-saħħa fil-prostetika u l-ortotika, l-ortoptika, l-optometrija u l-fiżjoloġija klinika. Se tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li numru xieraq ta' persuni adattati jintbagħtu barra mill-pajjiż b'mod regolari għal taħriġ biex jiġu ndirizzati b'mod effettiv dawn id-distakki importanti fil-ħiliet.

9. Il-kontinwazzjoni tal-espansjoni f'fażijiet tal-formularju tal-Gvern. Se tingħata attenzjoni speċjali fl-oqsma tal-kanċer u mard rari.

10. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi sabiex jiżdied il-litteriżmu relatat mas-saħħa fil-popolazzjoni sabiex il-membri tal-pubbliku jitgħallmu l-ħiliet meħtieġa li se jagħtuhom is-setgħa li jiksbu, jaqraw, jifhmu u jużaw l-informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa sabiex jagħmlu deċiżjonijiet tas-saħħa xierqa u jsegwu l-istruzzjonijiet għat-trattament.

Direzzjoni Strateġika 1B

## L-INVOLVIMENT U L-GĦOTI TAS-SETGĦA GĦALL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA

It-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa filwaqt li jiġu enfasizzati t-tibdil fl-imġiba u l-għażliet tal-istil tal-ħajja inklużi l-protezzjoni, l-iskrijnjar u d-dijanjożi bikrija ta' riskji għas-saħħa u l-mard matul il-kors tal-ħajja u l-kontroll tal-progressjoni tal-mard.

Il-projezzjonijiet tal-UE juru li jekk persuni jirnexxielhom jibqgħu b'saħħithom minħabba li jgħixu aktar fit-tul, iż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa minħabba t-tixjieħ tista' titnaqqas sostanzjalment.(38) Se tkompli tittieħed azzjoni biex tiġi promossa s-saħħa u jiġi prevjenut il-mard matul il-kors tal-ħajja billi jiġu indirizzati kwistjonijiet ewlenin inklużi n-nutrizzjoni fqira u mhux bilanċjata, livelli baxxi ta' attività fiżika, l-konsum tat-tabakk u l-konsum ta' ħsara tal-alkoħol u d-droga, r-riskji ta' sigurtà u tas-saħħa ambjentali u okkupazzjonali, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, u l-inċidenti fid-dar.

Ir-rabta bejn is-saħħa u l-prosperità ekonomika u t-turija tas-saħħa bħala riżors soċjali u ekonomiku qed issir dejjem aktar prominenti madwar id-dinja. Il-kunċett tas-"saħħa bħala valur fiha nnifisha" (28) u bħala prekondizzjoni għall-prosperità ekonomika jippromwovi wkoll iż-żieda fl-għarfien li s-saħħa tal-persuni tinfluwenza r-riżultati ekonomiċi f'termini ta' produttività, provvista ta' xogħol, riżorsi umani u nfiq pubbliku.(29)

Din l-istrateġija tafferma wkoll il-kontinwazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' inizjattivi u riżorsi biex titħares is-saħħa tal-bniedem u jittejbu s-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni ta' ċittadini kontra theddid tas-saħħa. Dawn jinkludu l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa biex tiġi artikolata r-relazzjoni bejn miżuri tal-politika, ir-riżultati tas-saħħa, l-ispejjeż u l-benefiċċji, l-istat ta' tħejjija u t-tweġiba għal emerġenzi, epidemiji u l-bijoterroriżmu, strateġiji biex jiġu ndirizzati riskji minn

mard u kondizzjonijiet speċifiċi, azzjoni dwar inċidenti u korrimenti, t-titjib fis-sikurezza tal-ħaddiema, u azzjonijiet biex jiġu żgurati u mħarsa s-sikurezza tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur.

## INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

1. L-edukazzjoni tal-pubbliku dwar fatturi ta' riskju għall-iżvilupp, u l-għażliet tal-istil ta' ħajja li jgħinu l-prevenzjoni tal-bidu ta' mard li ma jitteħidx. L-inizjattivi se jikkonċentraw fuq:
    a. l-indirizzar tal-problemi nazzjonali tal-obeżità u n-nuqqas ta' eżerċizzju fiżiku;
    b. l-importanza ta' preżentazzjoni bikrija, konformità mat-trattament u monitoraġġ regolari;
    ċ. it-tnaqqis ta' kwalunkwe stigma eżistenti assoċjata ma' ċerti kondizzjonijiet mediċi b'tali mod li persuni b'suspett li se jiġu affettwati ma jħossuhomx mhedda li javviċinaw is-sistemi fi stadju bikri għal investigazzjoni dijanjostika u kontroll tal-mard. Dan jinħass li huwa partikolarment importanti għal kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u ta' saħħa sesswali.

Il-programmi se jitfasslu u jkunu mmirati lejn l-identifikazzjoni ta' sottogruppi tal-popolazzjoni u se jagħtu attenzjoni speċjali lit-tfal, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ.

2. L-edukazzjoni tal-pubbliku dwar fatturi ta' riskju għal mard li jittieħed tiżgura li tittieħed azzjoni xierqa, filwaqt li jiġu evitati r-reazzjoni żejda u azzjonijiet mhux xierqa minħabba f'biża mhux meħtieġa u inġustifikabbli ta' infezzjonijiet. Il-programmi se jitfasslu u jkunu mmirati lejn l-identifikazzjoni ta' sottogruppi tal-popolazzjoni li huma kkunsidrati f'riskju ogħla li jimirdu, jimirdu fit-tul u jxerrdu mard speċifiku li jittieħed.
3. Iż-żieda fl-għarfien u l-fehim tal-kura personali bħall-awtomonitoraġġ għall-kontroll tal-mard. Tingħata attenzjoni speċjali:
    a. għad-dijabete;
    b. l-ipertensjoni;
    ċ. l-inkoraġġiment ta' kontrolli tas-saħħa regolari u ppjanati;
    d. iż-żamma ta' saħħa orali tajba.





## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

Il-mutur ewlieni se jinkorpora żieda fl-investiment biex il-professjonisti tas-saħħa jżidu r-rwoli, l-involviment u r-responsabbiltà tagħhom għall-mediċina preventiva u l-promozzjoni tas-saħħa. Se jittieħdu azzjonijiet biex:

1. Jiġu stabbiliti kliniċi li jkollhom kontrolli tas-saħħa ġenerali u speċifikati bħala l-funzjoni ewlenija tagħhom. Dawn il-kliniċi se jkollhom enfasi miżjuda fuq il-promozzjoni tas-saħħa, l-prevenzjoni, l-iskrijnjar u d-dijanjożi bikrija u jistgħu jiġu mmirati lejn gruppi differenti (per eżempju skont is-sess u/jew l-età). Dawn ikunu:
    - multidixxiplinari;
    - ibbażati fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa primarja;
    - immexxija minn professjonisti tas-saħħa komunitarja b'interess u taħriġ speċjali f'oqsma speċifiċi;
    - appoġġati minn u jirċievu żvilupp professjonali kontinwu koordinat mill-unitajiet u s-servizzi speċjalizzati fil-kura tas-saħħa sekondarja.

L-attendenza f'dawn il-kliniċi tista' tkun wara riferiment minn professjonist tas-saħħa, awtoriferiment jew permezz ta' stedina. Il-metodu msemmi l-aħħar se jiġi adottat biex jinvolvi persuni u gruppi ta' persuni li huma kkunsidrati f'riskju ogħla jew bi probabbiltà ogħla ta' riżultati pożittivi fit-tul. Se titwettaq evalwazzjoni tal-kliniċi tal-Kuxjenza dwar is-Saħħa li diġà qed joperaw f'xi bliet.

2. Jiġu implimentati programmi speċifiċi ta' promozzjoni tas-saħħa li se jitmexxew minn tobba tal-familja u gruppi professjonisti oħra fil-kura primarja. Se jiġi pprovdut żvilupp professjonali kontinwu u se jiġu stabbiliti linji gwida għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa biex b'hekk jiġi żgurat li jingħata parir aġġornat, f'waqtu u konsistenti lill-pazjenti u persuni oħra li jfittxu l-parir tagħhom.
3. Jiġu aġġornati protokolli għal programmi ta' skrijnjar u sorveljanza kif meħtieġ. Fejn indikat, dawn il-programmi se jfittxu anke li:
   - jimmiraw lejn gruppi ta' persuni b'riskju għoli;
   - jipprovdu taħriġ fil-konsulenza fil-fażijiet kemm ta' qabel l-ittestjar kif ukoll ta' wara l-ittestjar;
   - iżidu strutturi u riżorsi għas-sorveljanza ta' aktar mard jew gruppi ta' mard;
   - iżidu l-infurzar tan-notifika ta' mard (b'mod partikolari mard infettiv);
   - jaġġornaw u jirrevedu b'mod regolari l-leġiżlazzjoni dwar in-notifika ta' mard u l-proċessi tan-notifika, inkluż l-intraċċar ta' kuntatti u n-notifika tas-sieħeb/sieħba.
4. Ikomplu b'inizjattivi biex jiġu żviluppati aktar is-sensibilizzazzjoni, l-attitudnijiet, l-informazzjoni, il-ħiliet ta' komunikazzjoni u l-prattiċi mhux diskriminatorji ta' kull professjonist tas-saħħa biex tiġi żviluppata forza tax-xogħol kwalifikata li tista' tindirizza kif xieraq (b'mod etiku u uman) is-sitwazzjonijiet kollha.
5. Jiġu pprovduti programmi edukattivi dwar in-nutrizzjon matern u tat-trabi (nkluż it-treddigħ) għall-professjonisti tas-saħħa biex ikunu jistgħu jittrażmettu l-aħjar informazzjoni u appoġġ possibbli u konsistenti lill-ommijiet kollha.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

Numru ta' inizjattivi se jixprunaw azzjoni minn organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa għal din id-direzzjoni strateġika:

1. Iniedu u jinfurzaw projbizzjonijiet totali fuq it-tipjip fil-faċilitajiet kollha tas-saħħa u madwarhom (tal-kura tas-saħħa jew oħrajn). Iwettqu konsultazzjonijiet u l-abbozzar u l-ippromulgar ta' leġiżlazzjoni dwar il-bejgħ u r-reklamar tat-tabakk u prodotti tat-tabakk, l-alkoħol u ikel li għandu livell għoli ta' zokkor u xaħam.
2. Jikkonċentraw sforzi biex:
   - inaqqsu l-pressjoni tad-demm sistolika u dijastolika medja, u l-livell tal-kolesterol fis-serum fil-popolazzjoni ġenerali;
   - iżidu l-ammont ta' attività fiżika mwettqa mill-gruppi tal-età kollha.

L-azzjonijiet se jinkludu:

a. It-twaqqif ta' kliniċi speċjalizzati tal-obeżità li se jitmexxew fuq bażi multidixxiplinari fis-settur tal-kura tas-saħħa primarja li se jipprovdu approċċ ħolistiku għall-immaneġġjar ġenerali ta' persuni bi problemi ta' tnaqqis fil-piż u ta' kontroll tal-piż. Barra minnhekk, se jinħarġu linji gwida biex jiġi faċilitat it-twassil ta' messaġġi konsistenti mill-professjonisti tas-saħħa lill-pubbliku bħal per eżempju dwar il-kontroll tal-piż.

b. Żieda fin-numru ta' ċerti gruppi professjonisti b'mod partikolari fis-settur tal-kura primarja bħal djetologi, nutrizzjonisti u iġjenisti dentali.

3. Jipprovdu informazzjoni kulturalment xierqa u f'ħafna lingwi għall-barranin u medjaturi kulturali mħarrġa biex iżidu l-aċċess u l-użu effiċjenti tagħhom tas-servizzi tas-saħħa skont il-ħtiġijiet tagħhom.

4. Iżidu l-irwoli ta' timijiet ta' intervent għall-kriżijiet u ta' rispons rapidu differenti. Jikkonsolidaw timijiet eżistenti bħat-Tim ta' Intervent għall-Kriżijiet għal kriżijiet psikjatriċi u t-Tim ta' Rispons għal Attakk Sesswali (SART). Jiġi ppjanat it-twaqqif ta' gruppi esperti ġodda li jistgħu jindirizzaw reazzjonijiet ta' persuni meta ffaċċjati minn sitwazzjonijiet trawmatiċi bħal aċċidenti tal-vetturi bil-mutur, imwiet aċċidentali, vittmi ta' kriminalità u disturbi minn stress postrawmatiku.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

L-azzjoni se tiffoka fuq:

1. Aġġornamenti regolari għall-provvediment ta' programmi ta' tilqim nazzjonali u l-investiment fihom.
2. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi biex jedukaw u jinfurmaw:
   a. dawk li jfasslu l-politika fid-dipartimenti kollha tal-Gvern fuq livell nazzjonali u lokali;
   b. lis-soċjetà ċivili dwar is-saħħa u d-determinanti tagħha;
   ċ. dwar il-promozzjoni tas-saħħa f'diversi ambjenti li se jindirizzaw id-determinanti tas-saħħa matul il-kors tal-ħajja b'attenzjoni speċjali għal gruppi soċjali vulnerabbli u marġinalizzati.
   d. dwar kriżijiet modifikabbli u li jistgħu jiġu evitati li huma komuni u relatati mal-età bħall-prevenzjoni ta' waqgħat, il-promozzjoni tal-kontinenza, u l-prevenzjoni ta' deidrazzjoni u kontroll tat-temperatura tal-ġisem.
3. L-użu ta' ġranet nazzjonali, Ewropej jew Dinjija ddedikati, u perjodi taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kampanji ppjanati sew u effettivi li jistgħu jħallu impatt u jinkoraġġixxu u jappoġġjaw b'mod pożittiv bidliet fl-individwi u pubbliċi fl-għarfien u l-ħiliet, l-attitudnijiet u l-imġiba.
4. Ir-rinfurzar tas-servizzi tas-saħħa primarja tat-tfal u ż-żgħażagħ. L-espansjoni tal-programmi ta' sorveljanza tas-saħħa tat-tfal biex jiġu koperti l-iskejjel kollha f'Malta u biex jiġu nklużi punti oħra ta' sorveljanza fit-tfal bl-età ta' aktar minn 4 snin. It-tisħiħ fil-kollaborazzjoni bejn is-servizzi tas-saħħa primarja tat-tfal u ż-żgħażagħ u s-servizzi tal-valutazzjoni tal-iżvilupp tat-tfal speċjalizzati fis-settur tal-kura tas-saħħa sekondarja.
5. It-tfassil, it-tnedija u l-implimentazzjoni ta' Strateġija għad-Dijabete Nazzjonali komprensiva bl-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni għall-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija, il-monitoraġġ u l-kontroll u l-prevenzjoni u l-ġestjoni mtejba ta' emerġenzi tad-dijabete u kumplikazzjonijiet fit-tul biex b'hekk, persuni bid-dijabete jkomplu jgħixu ħajja attiva u parteċipatorja.
6. Iż-żieda fl-appoġġ għas-Saħħa ma' stituzzjonijiet u għal inizjattivi lil hinn mill-Ministeru għas-Saħħa. Eżempji ta' tali attività se jinkludu appoġġ kontinwu permezz ta', per eżempju l-provvista ta' parir espert għall-gvernijiet nazzjonali u lokali u partijiet interessati oħra għal:
   a. l-iżvilupp ta' żoni rikreattivi pubbliċi b'faċilitajiet li jinkoraġġixxu attivitajiet fiżiċi bħal ġinnasji fuq barra, parks u żoni pedonali u l-użu tal-grawnds tal-iskjjel pubbliċi wara s-sigħat tal-iskola għal attivitajiet organizzati tal-isports u l-provvediment ta' inċentivi sabiex jiżdied l-użu ta' dawn il-faċilitajiet;

b. it-trasformazzjoni u l-eżekuzzjoni kontinwa ta' xogħlijiet ġodda bħal mogħdijiet aħjar fejn jimxu n-nies fuq is-sistemi tat-toroq tagħna li jippermettu u jipproteġu lill-utenti waqt attivitajiet bħal mixi, jogging, ġiri u l-użu tar-roti.

c. l-inklużjoni u l-applikazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt tas-saħħa għal żviluppi strutturali u ta' servizzi sabiex jiġu żgurati u promossi s-salvagwardja u t-titjib tas-saħħa.

Dawn l-inizjattivi mhux biss se jżidu l-attività fiżika, u b'hekk ibaxxu l-prevalenza tal-obeżità, iżda se jnaqqsu wkoll in-numru ta' vetturi fit-triq u b'hekk it-toroq tagħna jsiru aktar siguri u l-ambjent tagħna aktar nadif.

## 7.2 OBJETTIV ĠENERALI 2 - L-IŻGURAR TAL-EKWITÀ FI ĦDAN SISTEMI TAS-SAĦĦA DINAMIĊI

Iż-żieda fl-aċċess ekwu, id-disponibbiltà u l-puntwalità tas-servizzi tas-saħħa u soċjali, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa.

### Direzzjoni Strateġika 2A
### ISIR L-AĦJAR UŻU TAR-RIŻORSI DISPONIBBLI U JIĠI ŻGURAT IL-PROGRESS SOSTNUT

It-titjib fl-immaniġjar u l-effiċjenza tas-servizzi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-prijoritizzazzjoni, il-monitoraġġ, is-sħubija pubblika privata, u mudelli oħra ta' provvediment ta' servizzi.

Is-sistemi tas-saħħa nazzjonali huma taħt pressjoni kostanti u li dejjem tiżdied biex taġixxi bi tweġiba għall-isfidi ppreżentati minn popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, iż-żieda fl-aspettattivi taċ-ċittadini, d-domandi għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji u mediċini ġodda, aktar għaljin u sofistikati, il-migrazzjoni, u l-mobiltà ta' pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa.

L-azzjoni se tikkonċentra fuq il-kisba u ż-żamma ta' servizzi li jiżguraw livelli għoljin ta' standards ta' sikurezza, kwalità u effiċjenza permezz ta' sistemi tas-saħħa li jsiru dejjem aktar vijabbli finanzjarjament, adattati għall-għan, iċċentrati fuq il-persuni u bbażati fuq l-evidenza. Huma inklużi wkoll miżuri għall-promozzjoni tal-istabbiliment ta' strutturi u stituzzjonijiet li se jipprovdu u jippromwovu r-riċerka lokali u reġjonali, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni ogħla fis-settur tas-saħħa, b'mod speċjali fl-oqsma emerġenti ta' inkjesta xjentifika.

#### INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

Dawk li jużaw is-servizzi tas-saħħa se jiġu appoġġati u mħeġġa jżidu r-rwol u l-involviment tagħhom bħala msieħba ma' dawk li jipprovdu s-servizzi biex itejbu l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Dan se jinkiseb permezz ta':

1. It-tixrid ta' aktar informazzjoni dwar kif jista' jsir l-aħjar użu xieraq tas-sistemi tas-saħħa. Enfasi speċjali se tiġi kkonċentrata fuq l-edukazzjoni tal-pubbliku biex jirrikorri għas-sistemi tal-kura tas-saħħa primarja meta l-problema tiegħu tkun tista' tiġi ndirizzata kif xieraq f'dan il-livell ta' kura u fejn possibbli jfittex parir u jikkonsulta t-tabib tal-familja tiegħu qabel ma jmur id-dipartiment tal-emerġenza.
2. L-edukazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar x'jikkostitwixxi emerġenza ġenwina għal użu xieraq tad-dipartiment ta' Aċċidenti u Emerġenza (A&E) u b'hekk jiġu evitati ħinijiet ta' stennija eċċessivi.

3. L-edukazzjoni ulterjuri tal-pubbliku biex jirrispetta d-dati u l-ħinijiet tal-appuntamenti tiegħu. Se tiżdied il-komunikazzjoni mal-pazjenti u se jiġi ntrodott l-użu ta' mezzi ġodda ta' komunikazzjoni biex il-pazjenti jiġu mfakkra dwar appuntamenti li jkun imiss.
4. Il-ħruġ ta' informazzjoni regolari u dettaljata dwar il-prestazzjoni tas-setturi differenti fi ħdan is-sistemi tas-saħħa.
5. Il-ħruġ ta' informazzjoni biex il-pubbliku u l-professjonisti tas-saħħa jiġu edukati dwar ir-rwol tal-gruppi differenti ta' professjonijiet tas-saħħa.

## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

Il-punti prinċipali se jinkludu:

1. It-tisħiħ tal-ambitu tal-kejl u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni għall-professjonisti tas-saħħa u l-iżvilupp professjonali kontinwu.
2. Iż-żieda fit-taħriġ dwar il-kura tas-saħħa primarja, l-kura tar-riabilitazzjoni u l-kontroll ta' mard kroniku li ma jitteħidx li jibda mil-livell ta' studji tal-ewwel grad u jkompli fil-livelli kollha ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ wara l-kisba tal-lawrja.
3. Il-ħolqien ta' linji gwida u kriterji biex jgħinu lit-tobba tal-familjia jirreferu lill-pazjenti b'mod korrett lis-servizz speċjalizzat xieraq tal-inpatients jew l-outpatients u jirreferu lill-pazjenti permezz ta' mekkaniżmi aċċellerati fejn indikat bħal per eżempju fir-riferiment ta' pazjenti b'suspett għoli ta' marda malinna.
4. L-iżvilupp tal-qafas legali u regolatorju xieraq għall-inkoraġġiment u l-appoġġ tal-istabbiliment ta' aktar gruppi ta' professjonisti fis-settur tal-kura tas-saħħa primarja. Se jiġu kunsidrati inċentivi finanzjarji u inċentivi oħra biex jiġu appoġġjati l-kapital u investimenti oħra (b'mod partikolari fl-innovazzjoni) minn tobba tal-familja jew gruppi ta' professjonisti fil-prattika tagħhom.
5. L-identifikazzjoni ta' żoni ta' żieda fil-ħtieġa għal, jew "ħtieġa mhux sodisfatta" mis-servizzi disponibbli li huma pprovduti, u l-provvista ta' taħriġ ġeneriku lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-kura soċjali f'dawn l-oqsma. Eżempji ta' dawn is-setturi jinkludu l-provvediment tal-kura speċjali meħtieġa:
    a. minn persuni u anzjani fraġli u pazjenti bid-dimenzja;
    b. minn persuni bi problemi relatati mal-ikel (eating disorders);
    ċ. minn pazjenti li jeħtieġu l-kura paljattiva;
    d. f'kura ta' emerġenzi qabel mal-pazjent jiddaħħal l-isptar;
    e. f'tekniki ta' risuxxitazzjoni.
6. Żieda fil-prattika ta' ħruġ ta' sejħiet għal professjonisti biex jiżviluppaw aktar il-kompetenza tagħhom f'oqsma ta' nteress speċjali u żieda fil-ħtieġa għall-provvediment tas-servizzi. Dan se jippermetti l-iskjerament ta' professjonisti motivati għal aktar taħriġ u appoġġ biex ikunu jistgħu jintroduċu u jikkonsolidaw servizzi ġodda ta' kura u mudelli ta' servizz li huma kompatibbli u jwieġbu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-popolazzjoni.
7. L-inkoraġġiment u l-iffaċilitar tal-użu ta' proġetti ta' riċerka minn individwi u timijiet ta' professjonisti tas-saħħa. Eżempji jistgħu jinkludu l-provvediment ta' opportunitajiet miżjuda għal ħin protett għal inizjattivi ta' riċerka, toroq tal-karriera li jirrikonoxxu l-valur miżjud ta' professjonisti involuti fir-riċerka, kollegament aktar mill-qrib bejn komunitajiet ta' professjonisti u akkademiċi u l-involviment ta' riċerkaturi fi strutturi konsultattivi li qed jirrevedu prattiċi u servizzi provduti.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

Il-mutur ewlieni se jkun immirat lejn l-espansjoni tal-firxa tas-servizzi, u l-volum, il-kapaċità u l-impatt li s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja u komunitarji jista' jkollhom f'dawk li huma ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tad-diversi setturi tal-popolazzjoni. L-azzjonijiet se jinkludu:

1. Żieda fin-numru u l-kapaċità ta' kliniċi fil-kura tas-saħħa primarja għall-imaneġġjar u s-segwitu ta' kundizzjonijiet speċifiċi u mard kroniku.
2. Ir-ristrutturar u l-injezzjoni ta' aktar investiment fis-servizzi komunitarji u s-settur tal-kura primarja biex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jipprovdu firxa aktar wiesgħa ta' servizzi tas-saħħa u soċjali, b'mod partikolari fil-kura ta' segwitu u ta' riabilitazzjoni u biex aktar servizzi jiġu trasferiti mis-settur tal-kura tas-saħħa sekondarja għas-settur tal-kura tas-saħħa primarja. B'dan il-mod, aktar każijiet li jistgħu jiġu ġestiti b'mod xieraq fis-settur imsemmi l-aħħar se jiġu trasferiti mis-settur tal-kura tas-saħħa sekondarja. Bħala riżultat, dan is-settur se jkun jista' jindirizza aktar każijiet u pazjenti fuq il-listi ta' stennija li jistgħu jiġu ġestiti b'mod xieraq biss fuq dan il-livell ta' sptar.
3. Iż-żieda u l-konsolidazzjoni tar-rwol tal-infermiera tal-kura tas-saħħa primarja u l-infermiera komunitarja bl-espansjoni ta' kliniċi u servizzi speċjalizzati mmexxija mill-infermieri. It-taħriġ ta' infermiera fil-ġestjoni tal-mard kroniku speċifiku b'mod partikolari fl-edukazzjoni tal-pazjent, il-monitoraġġ tal-kundizzjoni u l-evalwazzjoni tal-kura tal-pazjent.
4. L-infurzar ta' miżuri li jippromwovu l-funzjonijiet tal-kontroll tal-aċċess tas-settur tal-kura tas-saħħa primarja vis-à-vis is-settur tal-kura tas-saħħa sekondarja.
5. It-tisħiħ tat-twassil ta' programmi ta' riabilitazzjoni komprensivi, effettivi u aċċessibbli. Dawn se jinkludu:
    a. it-tisħiħ u l-introduzzjoni ta' programmi mmirati lejn kondizzjonijiet speċifiċi u gruppi ta' etajiet differenti
    b. l-insegwiment attiv u ż-żieda fin-numru ta' professjonisti li qed jaħdmu f'servizzi tal-kura ta' riabilitazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni speċjali b'mod partikolari għal
        - l-evalwazzjoni u ż-żieda kif meħtieġa tal-kapaċità tas-servizz ta' riabilitazzjoni li jipprovdi terapija psikoloġika u kura soċjali;
        - Il-estensjoni tas-servizzi ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa alleati bħall-fiżjoterapisti biex jaħdmu anke matul tmiem il-ġimgħa biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm qtugħ fil-proċess ta' riabilitazzjoni.
    ċ. fejn indikat, it-trasferiment tal-kura ta' riabilitazzjoni u l-kontroll ta' mard kroniku li ma jitteħidx għas-settur tal-kura tas-saħħa primarja u tas-servizzi komunitarji.
6. L-aġġornament tal-istrutturi ta' mmaneġġjar tas-settur tas-saħħa mentali biex isiru aktar effiċjenti u orjentati lejn is-servizzi tas-saħħa mentali komunitarji. Servizzi aktar rijabilitattivi u komunitarji se jiġu pprovduti għal pazjenti xierqa li bħalissa jinsabu fi sptarijiet mentali biex jiġu ntegrati mill-ġdid aktar pazjenti fi ħdan il-komunità.
7. Il-provvediment ta' servizz dentali li jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-pazjenti b'mod partikolari f'dik li hija prevenzjoni klinika ta' mard dentali u t-titjib tas-servizzi tal-kura dentali primarja disponibbli.
8. L-iżvilupp ta' taqsimiet speċjalizzati għad-dimenzja fi ħdan il-komunità għall-valutazzjoni u l-kura ta' pazjenti bid-demenzja. Dawn it-taqsimiet se jaħdmu b'rabta mill-qrib mat-taqsimiet speċjalizzati fl-isptarijiet ġenerali u riabilitattivi akuti. Dawn it-taqsimiet se jkollhom l-għan li jżidu d-dijanjożi bikrija u l-intervent bikri, jiffaċilitaw riferimenti għal kura speċjalizzata fejn ikun meħtieġ.

Sforzi importanti oħra se jiffokaw fuq:

9. It-titjib tar-rispons għad-domanda u l-indirizzar ta' listi ta' stennija għal servizzi tas-saħħa. L-azzjonijiet se jinkludu:

a. Iż-żieda u l-istrutturar mill-ġdid tas-sigħat ta' servizz tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa li qed jaħdmu direttament f'oqsma fejn hemm listi ta' stennija twal u persistenti.

b. Iż-żieda fil-frekwenza tal-valutazzjoni ta' pazjenti fis-swali tal-ammissjoni biex fejn ikun possibbli jitnaqqas it-tul ta' żmien fl-isptar u l-pazjenti jiġu trasferiti b'mod aktar mgħaġġel f'ambjenti fejn jistgħu jirċievu l-kura li hija l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom. Il-politika ta' direzzjoni mill-ġdid fil-qasam tal-kategorizzazzjoni tal-urġenza (triage) se tiġi appoġġata u estiża ulterjorament.

ċ. L-identifikazzjoni ta' utenti frekwenti b'mod speċjali ta' servizzi ta' emerġenza u l-analiżi tal-kawżi possibbli li qed iwasslu lil dawn l-individwi sabiex ifittxu kura medika u ta' emerġenza ripetuta. Metodoloġija waħda tista' tinvolvi approċċ tal-ġestjoni tal-każ sabiex jiġu identifikati u indirizzati kawżi li jistgħu jnaqqsu l-probabbiltà għal kriżijiet.

d. L-iżgurar li l-utilizzazzjoni ta' sodod ta' riabilitazzjoni ma jiġux imblukkati minn pazjenti li qed jistennew li jiġu trasferiti għal faċilitajiet ta' kura fit-tul. L-investiment se jintuża għal faċilitajiet li jistgħu jindirizzaw pazjenti bi ħtiġijiet ta' kura paljattiva fit-tul, temporanja u fl-aħħar tal-ħajja lil hinn mill-faċilitajiet ta' kura paljattiva u ta' riabilitazzjoni akuta.

e. It-tfittxija ta' applikazzjoni għal u benefiċċju mill-opportunitajiet kollha possibbli li jistgħu jgħinuna niksbu jew naġġornaw tagħmir mediku sofistikat meħtieġ jew disponibbli fis-setturi differenti tal-isptarijiet tagħna kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dawn il-kisbiet huma meħtieġa biex tiżdied il-kapaċità għal żieda fit-tagħbija tax-xogħol, jiġu ntrodotti tekniki ġodda kirurġiċi, tal-immaġni u investigattivi oħra u jittejbu l-infrastruttura u t-tagħmir attwali li qed jintużaw.

f. Il-formalizzazzjoni tal-aċċellerazzjoni tar-riferimenti ta' pazjenti tal-kanċer possibbli minn kura primarja għal kura speċjalizzata. Dan jista' jinkiseb billi:

- jiġu ddedikati spazji fi kliniċi speċjalizzati tal-outpatients u dipartimenti tal-immaġni mediċi għal investigazzjonijiet urġenti tal-kanċer;
- jiġu allokati spazji dedikati fi skedi taż-żmien kirurġiċi għal kirurġija dijanjostika urġenti;
- tiżdied il-kapaċità (kompetenza umana, tagħmir u firxa ta' investigazzjonijiet disponibbli) tal-laboratorji tal-patoloġija għad-dijanjożi ta' mard neoplastiku.

10. It-titjib ta' sħubiji madwar setturi u dixxiplini. L-azzjonijiet se jfittxu li jiżviluppaw, jappoġġjaw u jifformalizzaw l-iżvilupp u l-organizzazzjoni regolari ta' laqgħat ta' timijiet multidixxiplinari dwar gruppi speċifikati ta' pazjenti kemm fis-setturi tal-onkoloġija kif ukoll dawk mhux tal-onkoloġija. Il-ħidma tat-tim multidixxiplinari dwar il-kanċer tas-sider li huwa l-uniku tim formalizzat sal-lum se tiġi evalwata biex tgħin fl-iżvilupp aħjar tal-istrutturi aktar ġodda. B'dan il-mod it-toroq ta' kura tal-pazjenti huma deċiżi fuq dan il-livell mill-professjonisti kollha involuti. Din it-triq se tiġi komunikata u l-koordinazzjoni tagħha se tiġi miftehma f'kollaborazzjoni mat-tabib tal-familja tal-pazjent. Fejn meħtieġ u kemm jista' jkun, il-pazjent se jkun involut fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jinvolvi t-triq ta' kura tagħha/tiegħu.

11. It-tkomplija bit-titjib tal-proċessi fl-organizzazzjoni tar-riżorsi umani u t-taħriġ. L-attivitajiet se jiffokaw fuq it-tkomplija:

a. tal-bini tal-kapaċitajiet, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-eżerċizzji tal-ippjanar tal-futur;

b. tal-identifikazzjoni tal-muturi tar-reklutaġġ rilevanti u li jinbidlu u t-twettiq tal-bidliet fil-prattiċi tar-reklutaġġ tar-Riżorsi Umani kif xieraq;

ċ. tat-titjib tal-ftehim kollettivi;

d. tal-iżgurar tas-sigurtà tal-impjieg tal-professjonisti tas-saħħa;

e. tal-bidliet strutturali, amministrattivi u legali biex tiġi konsolidata l-governanza finanzjarja u tar-Riżorsi Umani.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

L-isforzi ewlenin se jimmiraw lejn it-tmexxija, l-kontroll u l-ikkumplimentar tal-attivitajiet inklużi fid-dominji msemmija hawn fuq. Se nkunu qed nikkonċentraw fuq:

1. It-tpoġġija mill-ġdid tal-kura tas-saħħa primarja fiċ-ċentru tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. L-aħjar kura tas-saħħa possibbli għall-popolazzjoni tagħna li hija diretta prinċipalment lejn il-prevenzjoni, l-intervent bikri, r-riabilitazzjoni ħolistika u l-appoġġ tista' tingħata biss u tiġi koordinata minn dan is-settur. Biex jiġu żgurati l-aktar effikaċja possibbli ta' din il-mossa strateġika u l-użu massimu, l-fiduċja komunitarja f'faċilitajiet tal-kura primarja teħtieġ li titrawwem b'mod konsistenti.
2. L-investiment fl-iżvilupp meħtieġ biex jinħoloq Ċentru ta' Riabilitazzjoni ġdid u distint li jkun jista' jipprovdi servizzi ta' riabilitazzjoni inpatient, outpatient u ta' outreach komprensivi. L-infrastruttura l-ġdida se tinkludi wkoll l-investiment u l-użu tal-aħħar innovazzjoni fl-ICT b'mod speċjali f'teknoloġiji tal-assistenza. L-għan ewlieni taċ-ċentru l-ġdid se jkun li jindirizza l-ħtieġa akuta għat-tranżizzjoni effettiva u rapida ta' pazjenti mill-ambjenti ta' kura stituzzjonali akuta għal kura bbażata fuq il-komunità u b'hekk jgħin u jmantni l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni mill-ġdid. Speċjalizzazzjonijiet ġodda li se jiġu promossi f'dan iċ-ċentru se jinkludu n-newroriabilitazzjoni u r-riabilitazzjoni minn korrimenti u amputazzjonijiet.
3. L-inkoraġġiment u l-appoġġ tat-twaqqif ta' koordinaturi tal-perkorsi ta' kura tal-pazjenti. Il-koordinatur tal-pazjent jista' jkun it-tabib tal-familja għalkemm aspetti speċjalizzati tal-kura jistgħu jiġu koordinati wkoll minn professjonisti speċifiċi oħra. Il-pazjenti se jiġu inkoraġġiti sabiex ikunu affiljati ma' tabib tal-familja jew grupp tal-prattika tal-kura primarja regolari.
4. Aktar appoġġ tal-pazjenti u dawk li jieħdu ħsiebhom billi jiġi inkoraġġit u appoġġjat l-iżvilupp ta' kuntatti ma' organizzazzjonijiet volontarji rilevanti li jipprovdu materjal ta' informazzjoni aġġornat kif ukoll appoġġ psikoloġiku u appoġġ ieħor (bħal ħbiberiji).
5. Il-bidu ta' proġetti mmirati lejn il-provvista ta' opportunitajiet għal setturi b'valur miżjud ogħla, il-kontribuzzjoni lejn il-kisba ta' livelli ogħla ta' edukazzjoni, innovazzjoni u diversi tipi ta' sħubiji bejn il-partijiet interessati inklużi s-setturi privati, pubbliċi u akkademiċi. Dawn il-proġetti se jimmiraw ukoll lejn il-promozzjoni tal-investiment tas-settur pubbliku u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' Malta f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp bejn il-pajjiżi. Azzjoni speċifika se tinkludi l-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' ċentru ġdid għall-provvediment ta' servizzi, edukazzjoni u riċerka fl-ematoloġija immunitarja, u l-ħażna tad-demm, iċ-ċelloli u t-tessuti. Iċ-ċentru l-ġdid se jipprovdi potenzjal għar-riċerka, fost l-oħrajn, fi Prodotti Mediċinali Terapewtiċi Avvanzati u l-ħsad u l-manipulazzjoni taċ-ċelloli u t-tessuti u anke bażi akkademika għat-taħriġ lokali u reġjonali relatat f'livelli akkademiċi dottorali u wara d-dottorat.
6. L-aġġornar regolari tal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani tas-Saħħa biex jiġu evalwati l-ħtiġijiet tat-taħriġ u l-ispeċjalizzazzjoni u t-taħriġ konsegwenti rċevut, il-kompetenza akkwistata u r-riżultati u l-benefiċċji għas-servizzi tas-saħħa nazzjonali. Il-lakuni jew "ħtiġijiet mhux sodisfatti" fil-provvista ta' professjonisti f'oqsma speċifiċi se jkomplu jiġu identifikati, segwiti u ġestiti b'mod attiv. Tinħtieġ li titwettaq ukoll evalwazzjoni biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-programmi għaż-żamma u l-attirar mill-ġdid tal-mpjegati b'mod partikolari għal professjonisti li għaddej minn taħriġ barra mill-pajjiż jew qed jibbenefika minn miżuri favur il-familja.

Dawn il-ħtiġijiet jiġu mwettqa fl-isfond tar-riżorsi finanzjarji disponnibli għall-Ministeru matul il-perjodu ta' din l-istrateġija.

## 7.3 OBJETTIV ĠENERALI 3 - SFORZ KONĠUNT BIEX TIĠI ŻGURATA L-KONTINWITÀ TAL-KURA

It-titjib tal-kwalità tal-kura billi tiġi żgurata l-konsistenza ta' kura pprovduta minn ħaddiema tas-saħħa kompetenti appoġġati minn sistemi ta' informazzjoni robusti.

### AZZJONIJIET SABIEX JIĠI ŻVILUPPAT IR-RWOL STRATEĠIKU U KOMPRENSIV TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI FIS-SAĦĦA (ICT TAS-SAĦĦA)

Ġew allokati numru ta' direzzjonijiet u azzjonijiet strateġiċi sabiex tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber għall-applikazzjoni effiċjenti, effettiva, u ekonomika tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għas-sistemi tas-saħħa ta' Malta. Dawn l-azzjonijiet u t-tattiċi huma spjegati hawn taħt.

1. Aktar żvilupp tas-sistemi tal-myHealth u tas-saħħa elettronika. Dan se jinkiseb permezz ta':
    a. Titjieb tal-Portal tal-myHealth sabiex isir aktar faċli li jintuża mill-utent.
    b. Il-promozzjoni tal-adozzjoni tas-servizzi tal-myHealth u tas-saħħa elettronika.
    c. Żieda fis-servizzi u s-sorsi tad-dejta disponibbli fis-sistema tal-myHealth.
    d. L-istudju tal-fattibbilità ta' mekkaniżmi alternattivi ta' awtentikazzjoni għal servizzi speċjali.
2. Il-kisba ta' valur għall-flus aħjar permezz ta':
    a. L-implimentazzjoni ta' sistema komprensiva ta' Kontroll tal-Istokk u l-Inventarju għal prodotti mediċinali u apparat mediku, kif ukoll sistemi ta' ġestjoni tal-assi għal assi oħra tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
    b. Id-diġitalizzazzjoni ta' rekords mediċi bbażati fuq karta biex jiġu ffrankati spejjeż tal-ħżin, l-iffajljar u t-trasport.
    c. It-tnaqqis fl-ispejjeż tax-xogħol tas-servizz tas-saħħa billi jiġi simplifikat u awtomatizzat il-fluss tax-xogħol amministrattiv u kliniku.
    d. L-iżvilupp tal-kapaċità interna sabiex jiġu żviluppati u integrati sistemi tal-IT tas-saħħa.
3. L-għoti tas-setgħa lill-professjonisti tas-saħħa u lill-pazjenti permezz tal-ICT Direzzjonijiet u azzjonijiet strateġiċi identifikati jinkludu l-iżvilupp jew aktar żvilupp ta':
    a. Sett ġdid ta' applikazzjonijiet kliniċi u amministrattivi sabiex jiġi appoġġjat it-twassil tal-kura fl-isptarijiet tal-Gvern.
    b. Sistema ta' Intitolament elettroniku / Preskrizzjonijiet elettroniċi / Tqassim tal-mediċini elettroniku li tinfirex fis-settur kollu tal-kura tas-saħħa u tappoġġja wkoll ir-rikonoxximent transfruntier ta' preskrizzjonijiet.
    c. Is-sistema tas-Sommarju Nazzjonali tal-Pazjent bħala pedament fundamentali għall-kontinwità tal-kura fl-għoti ta' kura akuta, anke fix-xenarju transfruntier.
    d. Il-pjan ta' migrazzjoni tal-portal tal-web tal-Ministeru għas-Saħħa għal pjattaforma ospitanti ġdida li tappoġġja aħjar il-provvediment ta' kontenut għoli ta' informazzjoni lill-pazjenti u l-pubbliku inġenerali.
4. Il-ħolqien ta' arkitettura tal-ICT tas-saħħa korporattiva skalabbli. Dan l-objettiv se jintlaħaq permezz tal-implimentazzjoni ta':
    a. L-istandards nazzjonali tad-dejta tas-saħħa sabiex jiġu faċilitati l-ħżin strutturat u l-kondiviżjoni ta' dejta tas-saħħa personali.

    b. Qafas legali li jappoġġja l-iżvilupp ta' rekord nazzjonali tas-saħħa elettronika (NEHR) filwaqt li jiġi mħares id-dritt fundamentali għall-privatezza.

5. L-istabbiliment ta' infrastruttura tal-ICT tas-saħħa robusta u interoperabbli billi:
    a. Tiġi implimentata infrastruttura tan-netwerk adegwata fil-postijiet tat-twassil tal-kura tas-saħħa tal-Gvern kollha.
    b. Ikomplu jiġu żviluppati r-reġistri elettroniċi eżistenti ta' professjonisti tas-saħħa, f'kollaborazzjoni mal-kunsilli statutorji.
    c. Tinħoloq infrastruttura ospitanti ġdida sabiex jiġu appoġġjati applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika.
    d. Issir ħidma ma' Identity Malta u MITA sabiex jiġu provduti servizzi ta' identifikazzjoni, awtentikazzjoni u awtorizzazzjoni li huma affidabbli u faċli li jintużaw mill-utent lill-professjonisti tas-saħħa li huma f'kuntatt dirett.
6. L-iżvilupp ta' kapital uman ta' Malta fl-ICT tas-saħħa. Dan se jinvolvi:
    a. Il-provvista lill-professjonist tal-ICT tas-saħħa eżistenti bl-għarfien u l-ħiliet biex jaħdmu b'mod aktar effettiv.
    b. Ir-rikonoxximent tal-istatus u tal-irwol tal-prattikanti tal-ICT tas-saħħa permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati.
    c. Iż-żieda fil-bażi tal-ħiliet nazzjonali tal-ICT tas-saħħa permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ speċifiċi flimkien ma' stabbilimenti edukattivi terzjarji.
    d. Il-promozzjoni ta' ħiliet tal-ICT tas-saħħa fil-popolazzjoni ġenerali permezz ta' attivitajiet ta' informazzjoni u edukattivi bbażati fuq medja tal-massa tradizzjonali u soċjali.

Direzzjoni Strateġika 3A

## IL-FORMULAZZJONI TA' STANDARDS FI ĦDAN APPROĊĊ IĊĊENTRAT FUQ IL-PAZJENT

Il-formulazzjoni u l-infurzar ta' standards ta' kwalità inklużi l-għoti ta' liċenzji u l-akkreditazzjoni u l-iżvilupp u l-applikazzjoni sistematika ta' protokolli ta' mmaneġġjar tal-każijiet.

L-iżgurar u t-tisħiħ ta' kultura favur is-sikurezza tal-pazjent huma parti integrali mis-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità huma importanti b'mod speċjali għat-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi tas-saħħa u għat-trawwim tal-fiduċja tal-persuni fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Din l-istrateġija qed tippromwovi l-konsolidazzjoni u qed tkompli l-iżvilupp tal-funzjonijiet u l-istrutturi regolatorji u ta' tmexxija tas-saħħa b'mod partikolari fis-settur għall-applikazzjoni tal-istandards ta' kwalità. Dawn se jinkludu l-infurzar tal-istandards xierqa għal faċilitajiet u t-tagħmir tal-kura tas-saħħa, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' professjonisti kwalifikati u mħarrġa li jirrispettaw u joperaw fi ħdan il-kodiċi tal-kondotta professjonali stabbiliti u l-linji gwida ta' kura tal-aħjar prattika, u l-implimentazzjoni ta' politika u leġiżlazzjoni ta' sostenn dwar is-sikurezza tal-pazjent matul is-sistemi tas-saħħa kollha. L-għan huwa li titrawwem kultura ta' tagħlim fis-sistemi tas-saħħa kollha kemm fil-livell tal-operatur individwali kif ukoll fil-livell tas-sistemi b'tali mod li fatturi li jwasslu għal aċċidenti jiġu kkoreġuti u repetizzjonijiet ta' avvenimenti avversi jiġu evitati.

Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tal-pazjenti bħala riżors u bħala msieħba, u r-responsabbiltà għar-riżultati tal-pazjenti huma prinċipji importanti. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-pazjenti se jiġu definiti u rikonoxxuti fuq livell nazzjonali u ċ-ċittadini se jiġu inkoraġġiti u appoġġjati biex jinvolvu ruħhom aktar fir-rwol ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kemm fil-livell tal-kura individwali tagħhom kif ukoll fl-arena tas-saħħa pubblika kollettiva.

L-iżviluppi kollha msemmija hawn fuq u diversi żviluppi oħra qed jikkontribwixxu għad-domanda enormi li qiegħda tikber għall-applikazzjoni effiċjenti, effettiva u ekonomika ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għas-sistema tal-kura tas-saħħa f'Malta. L-investiment, aktar żvilupp u inkorporazzjoni ta' teknoloġiji tal-ICT f'livelli multipli fis-sistemi tas-saħħa huma essenzjali għas-suċċess fl-ilħuq tal-objettivi kollha ta' din l-istrateġija.

## INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

Se jiġu implimentati numru ta' miżuri. Dawn jinkludu:

1. Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-drittijiet u l-obbligi tas-saħħa tagħhom u anke dwar ir-rwoli, ir-responsabbiltà u d-drittijiet tal-professjonisti tas-saħħa. Din is-sensibilizzazzjoni se timmira wkoll lejn l-infurmar u d-direzzjonar tad-domanda u s-sensibilizzazzjoni dwar il-prattiċi u l-valuri referenzjarji tas-sikurezza tal-pazjent.
2. L-iżgurar li l-pazjenti jingħataw informazzjoni effettiva u suffiċjenti dwar l-għażliet dijanjostiċi u tat-trattament tagħhom biex ikunu jistgħu jkunu msieħba attivi mal-professjonisti tas-saħħa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
3. Il-provvista tal-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar l-importanza li l-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa jsegwu l-protokolli dwar il-kura miftiehma. Fejn meħtieġ u f'konformità mal-kunsens tal-pazjent, dawn l-inizjattivi se jinvolvu lill-familja/dawk li jieħdu ħsieb il-pazjent, biex jiġi żgurat li l-pazjent għandu l-appoġġ kollu meħtieġ.

## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

L-inizjattivi kollha huma mmirati lejn iż-żieda tal-istandards fl-iżvilupp professjonali. Dawn l-inizjattivi se jinkorporaw id-dokumentazzjoni tal-proċessi involuti fil-provvediment ta' servizzi li jinkludu linji definiti ta' responsabbiltà. Il-professjonisti tas-saħħa kollha se jkunu mistennija li jsaħħu u jżommu standards għoljin għall-prattiċi tas-sikurezza tal-pazjent u s-salvagwardja tad-dinjità tal-pazjent f'kull ħin. L-azzjonijiet jinkludu:

1. Il-konsolidazzjoni u t-tkomplija tal-investiment fil-provvista tat-taħriġ, l-ispeċjalizzazzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-gruppi tal-professjonisti tas-saħħa kollha u fiż-żieda fl-istandards ta' dawn ir-riżultati kollha (b'kontenut speċifikat u livelli ta' kompetenza li jridu jinkisbu).
2. It-tkomplija bl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' kompetenza għall-gruppi kollha tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-bidu ta' programm ta' konsulenza għall-impjegati reklutati ġodda. Se jkomplu jiġu organizzati korsijiet ta' introduzzjoni għall-professjonisti tas-saħħa reklutati ġodda.
3. L-appoġġ u l-inkoraġġiment ta' assoċjazzjonijiet ta' professjonisti tas-saħħa u speċjalizzazzjonijiet mediċi fil-ħidma tagħhom biex ikomplu jżidu l-istandards professjonali tal-grupp rispettiv tagħhom bħal per eżempju fl-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni tat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu, u fl-iżvilupp ta' opportunitajiet imtejba ta' avvanz fil-karriera u fiż-żamma ta' rekord aġġornat ta' attendenza u parteċipazzjoni ta' programmi u inizjattivi ta' żvilupp professjonali kontinwu għal professjonisti tas-saħħa bi tħejjija għal meta dan se jsir meħtieġ.
4. Iż-żieda fin-numru u l-aġġornament tal-kontenut ta' sigħat ta' taħriġ f'edukazzjoni kemm fil-livell ta' studji tal-ewwel grad kif ukoll wara l-kisba tal-lawrija fil-qasam tat-taħriġ f' "ħiliet faċli". Se tingħata attenzjoni partikolari għall-ħiliet ta' komunikazzjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet u approċċ etiku għall-ġestjoni tal-mard, il-kapaċità li jiġu stabbiliti l-għanijiet u l-aspettattivi tal-pazjenti u l-applikazzjoni korretta ta' "kunsens infurmat". Din l-istrateġija għandha l-għan li tikseb apprezzament akbar mingħajr eċċezzjoni tal-importanza ta' "soft skills" fil-prattika tal-professjonisti tas-saħħa.

5. L-inkoraġġiment u l-appoġġ ta' professjonisti tas-saħħa esperjenzati biex jieħdu r-rwol ta' persuni li jħarrġu u konsulenti professjonali ta' apprentisti speċjalizzati. Ikun hemm enfasi speċjali għall-qasam tal-mediċina tal-familja.
6. L-edukazzjoni ta' professjonisti tas-saħħa li qed jaħdmu fil-mediċina tal-komunità b'mod speċjali tobba tal-familja u nfermiera komunitarji biex ikunu viġilanti u konxji dwar proċessi għar-rapportar ta' kwalunkwe abbuż li jistgħu jiltaqgħu miegħu meta jżuru pazjenti li qed jiġu ndukrati f'istituzzjonijiet u fil-komunità.
7. L-għoti tas-setgħa lil professjonisti tas-saħħa u pazjenti permezz ta' sistemi tal-ICT li se jiġu żviluppati sabiex tiġi faċilitata l-kontinwità tal-kura, it-twassil mgħaġġel u effiċjenti tas-servizzi, is-sikurezza tal-pazjent permezz tal-appoġġ tad-deċiżjonijiet, u l-involviment dirett tal-pazjent.
8. L-iżvilupp ta' metodi tal-ippjanar u l-koordinazzjoni għall-ħolqien ta' perkorsi ta' kura li jinkludu l-moviment tal-pazjent minn kura akuta għal kura ta' riabilitazzjoni għal kura primarja. Dawn il-perkorsi se jinkludu r-rwoli ta' appoġġ ta' persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod formali kif ukol linformali fil-komunità. Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll l-allokazzjoni ta' ħaddiem ewlieni. "Ħaddiem ewlieni" jew koordinatur ta' pazjent jista' jkun strateġija strumentali li tgħin sabiex titnaqqas id-duplikazzjoni u li tgħin lill-pazjenti li jistgħu jħossuhom mhedda mill-kontribut minn diversi professjonisti tas-saħħa. Il-ħaddiem ewlieni jista' jkun tabib mediku, infermier, professjonist alleat fil-qasam tas-saħħa jew forsi ħaddiem soċjali skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pazjent.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

L-isforzi ewlenin se jkunu fl-implimentazzjoni ta' strateġija jew strateġiji biex titrawwem il-kultura għas-sikurezza tal-pazjent. Dawn l-istrateġiji se jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni u politika oħra li se jiġu ppubblikati biex tiġi ttrattata din il-kwistjoni importanti ħafna. L-attivitajiet ewlenin se jiffokaw fuq:

1. L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni ta' proċeduri għar-rapportar dwar indikaturi ta' kwalità biex tiġi permessa l-valutazzjoni komparattiva internazzjonali għall-istandards u b'mod partikolari tal-istandards tas-sikurezza tal-pazjent f'kura primarja, sekondarja u fit-tul. L-istrutturi xierqa meħtieġa biex jiġu evalwati rapporti, jinħarġu rakkomandazzjonijiet għal titjib u tibdil għas-sistemi li jinstabu li għandhom riskji għal jew livelli ta' sikurezza tal-pazjent mhux aċċettabbli u jsir segwitu tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan it-tibdil se jiġu konsolidati jew maħluqa.
2. Iż-żieda, l-aġġornament, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-użu ta' linji gwida kliniċi nazzjonali għal kemm jista' jkun mard u gruppi ta' mard differenti. Dawn se jinkludu mogħdijiet ta' riferiment għas-servizzi speċjalizzati kompetenti. L-investiment se jiġi estiż biex joħloq u jappoġġja l-istrutturi xierqa li jistgħu jwasslu u jissorveljaw dawn l-attivitajiet. Se jibqgħu jiġu ntrodotti l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni ta' operazzjonijiet bħall-proċessi tal-laboratorju u tal-immaġni.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

L-isforzi ewlenin se jiffokaw fuq:

1. Il-konklużjoni u t-tressiq quddiem il-Parlament ta' leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-pazjent. L-akkwist tar-riżorsi meħtieġa għall-edukazzjoni biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar din il-leġiżlazzjoni u biex jiġi żgurat l-infurzar tagħha.
2. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Saħħa Mentali ppromulgat ġdid (2012).

3. Iż-żieda fil-kapaċità u l-kompetenza fl-istrutturi responsabbli għall-ħolqien u l-infurzar tal-istandards fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u ta' protokolli u prattiċi ta' kura. S'issa, l-espansjoni u l-progress tal-ħidma ta' dawn l-istrutturi ġew imfixkla min-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi adegwati. Wieħed mill-għanijiet se jkun li jiżdiedu l-frekwenza u l-firxa tal-ispezzjonijiet regolari fuq il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul pubbliċi u privati biex jiġi żgurat li jinżammu u jittejbu kontinwament l-istandards tal-kura.

4. Iż-żieda u l-appoġġ ta' strutturi assenjati bit-twettiq ta' valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa għal farmaċewtiċi u teknoloġiji ġodda.

Direzzjoni Strateġika 3B

## SERVIZZI SIGURI, TA' KWALITÀ GĦOLJA U EFFIĊJENTI

L-iffaċilitar tal-kontinwità tal-kura permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni fi ħdan u bejn it-timijiet ta' minn jipprovdi s-servizzi u billi tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

It-tkomplija tal-iżvilupp ta' kwalità u t-tisħiħ tal-prestazzjoni tas-servizzi tas-saħħa jistgħu jinkisbu biss jekk l-attivitajiet tal-parteċipanti differenti fil-mogħdijiet tal-provvista tal-kura jiġu integrati b'tali mod li tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u l-pazjenti ma "jintilfux" fi kwalunkwe parti tas-sistemi. L-għan aħħari huwa li jiġi introdott proċess ta' kura mingħajr xkiel għal kwalunkwe pazjent partikolari bejn il-kura komunitarja, primarja, sekondarja u istituzzjonali, bejn is-setturi tal-kura tas-saħħa privati u pubbliċi u fejn meħtieġ bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-kura soċjali. Din l-istrateġija se tirrinforza b'mod qawwi r-rwol tal-kura tas-saħħa primarja bħala l-pedament tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Il-provvista tas-servizz se tiġi rilokata viċin tad-dar kemm jista' jkun, sakemm dan ikun sigur u kosteffikaċi, il-pazjenti se jkomplu jingħataw aktar setgħa biex iwettqu prattiċi biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom u se jiġi promoss il-potenzjal tal-mediċina personalizzata.

### INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

L-azzjonijiet iduru madwar il-punti li ġejjin:

1. L-inkoraġġiment u l-introduzzjoni ta' aktar faċilitajiet u teknoloġiji li jippermettu aċċess għal investigazzjonijiet u dokumenti rilevanti oħra bħal sommarji ta' ħruġ mill-isptar. L-aċċess għal din l-informazzjoni huwa l-prerogattiva tal-pazjenti u għandu jkun disponibbli kull fejn il-pazjent jista' jitlob parir u jirċievi kura. Dan se jinkiseb permezz ta':
   a. edukazzjoni kontinwa lill-membri tal-pubbliku dwar kif jistgħu jintużaw dawn it-teknoloġiji u lil min jistgħu jagħtu aċċess;
   b. informazzjoni kontinwa lill-professjonisti tas-saħħa dwar kif jiġu applikati dawn it-teknoloġiji bħal, pereżempju, kull meta jkun hemm kura konġunta tal-pazjent għall-ottimizzazzjoni tal-benefiċċju għall-kura u s-segwitu tal-pazjent;
   ċ. l-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' mmaneġġjar aktar ċara ta' proċeduri ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa primarji u sekondarji.

2. Wara l-kunsens tal-pazjent, persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali (b'mod partikolari l-qraba u l-ħbieb) se jiġu inkoraġġiti u appoġġjati biex iżidu l-involviment tagħhom fejn meħtieġ, b'mod partikolari fil-kura ta' riabilitazzjoni. Dan jista' jitwettaq b'modi differenti bħat-tixrid ta' informazzjoni rilevanti bil-miktub u l-istedina biex il-pazjent jiġi akkompanjat fejn xieraq.

3. L-iffaċilitar u l-appoġġ tat-twaqqif ta' aktar gruppi ta' għajnuna personali u ta' appoġġ għall-pazjent. Dawn il-gruppi joffru appoġġ għall-pazjenti u l-familji tagħhom bħal pereżempju, permezz tal-ħbiberija u l-pariri dwar il-kura personali wara d-dijanjożi u t-trattament. Gruppi ġodda jistgħu jiġu megħjuna biex jintroduċu u jrawwmu kuntatti ma' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi simili ta' pazjenti u jaħdmu lejn għanijiet simili f'pajjiżi oħra u fil-livell tal-UE.

## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

Il-punt ewlieni se jkun fil-provvista u l-għoti tas-setgħa lil-professjonisti tal-kura tas-saħħa primarja biex jiġu involuti:

1. fl-appoġġ ta' persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali;
2. it-titjib tal-ħiliet u l-għarfien f'oqsma speċjalizzati bħas-saħħa sesswali, il-kura paljattiva, il-kura tad-demenzja u l-promozzjoni tas-saħħa;
3. opportunitajiet għal netwerking bejn il-professjonisti tas-saħħa kollha li qed jaħdmu f'oqsma speċjalizzati partikolari;
4. l-istabbiliment u ż-żamma ta' kanali ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni aħjar bejn il-parteċipanti differenti involuti f'perkorsi ta' kura partikolari.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

Punt ewlieni se jiffoka fuq iż-żieda tal-approċċ multidixxiplinari fis-servizzi kollha mogħtija mis-sistemi tas-saħħa nazzjonali.

1. Se jiġu introdotti servizzi ġodda flimkien ma' approċċ u appoġġ multidixxiplinari. Barra minn hekk, se jiġu introdotti timijiet multidixxiplinari ġodda għal aktar mard jew gruppi ta' mard. Dan jeħtieġ li:
   a. il-professjonijiet kollha li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib fil-perkors tal-kura tal-pazjent se jinħtieġu li jattendu regolarment u jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn il-laqgħat. F' ċirkustanzi fejn professjonisti xierqa minn barra s-settur tas-saħħa bħal ħaddiema soċjali jkunu involuti dawn se jinħtieġu wkoll li jattendu u jipparteċipaw.
   b. jiġu pprovduti r-riżorsi meħtieġa bħal postijiet tal-laqgħat mgħammra b'mod xieraq, appoġġ amministrattiv u tal-ICT u ħin protett biex tiġi permessa l-attendenza għal dawn il-laqgħat.
   ċ. jitħeġġu attitudnijiet li se jirrinfurzaw il-valur ta' dawn it-timijiet u l-benefiċċju tad-diskussjoni u l-implimentazzjoni tal-perkors tal-kura għall-pazjent filwaqt li jitqiesu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-professjonisti kollha involuti f'laqgħat ta' timijiet multidixxiplinari.

Punti fokali oħra għall-attenzjoni jinkludu:

2. It-tisħiħ tal-istrutturi tas-servizzi tat-trattament barra mill-pajjiż biex ikunu jistgħu jkomplu jikkonsolidaw servizzi:
   a. għat-trasferiment ta' pazjenti barra mill-pajjiż u għall-kontinwazzjoni tal-kura ta' dawn il-pazjenti mar-ritorn tagħhom f'Malta;
   b. għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' konsulenti li qed iżuru l-pajjiż;
   ċ. għat-talba għal servizzi speċjalizzati u kompetenza minn ċentri ta' eċċellenza barra mill-pajjiż (inklużi servizzi tal-laboratorju speċjalizzati);

d. għall-kondiviżjoni u l-mobiltà ta' kompetenza bejn xogħlijiet professjonali f'Malta u f'ċentri barra mill-pajjiż. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' għalliema mistednin esterni, reġistrazzjoni fi programmi ta' taħriġ elettroniċi, programmi ta' skambju u eżerċizzji ta' taħriġ prattiku bħal ħiliet tal-aċċertament tal-kwalità.

3. L-iżvilupp ta' servizz ġdid biex jiġu indirizzati ħtiġijiet ta' kura psikjatrika akuta fil-popolazzjoni ġerjatrika. Persuni aktar anzjani jista' jkollhom diversi mard f'daqqa, ħtiġijiet ta' polifarmaċija u ta' kura kumplessa. Jistgħu jiżviluppaw ħtiġijiet ta' kura psikjatrika u soċjali li jeħtieġu ambjenti u servizzi ta' kura speċjalizzata. Il-provvista ta' kura xierqa se ttawwal l-indipendenza tal-pazjent, tippermetti ħruġ bikri mill-isptar u tipprevjeni ammissjoni prematura u mhux meħtieġa għal kura residenzjali fit-tul. Dan is-servizz ġdid se jinvolvi l-ħolqien ta' infrastruttura li se tinkludi faċilità ġdida fuq l-art li fuqha hemm mibni l-isptar Mater Dei. Is-servizz ġerjatriku akut il-ġdid se joffri valutazzjonijiet ġerjatriċi komprensivi permezz ta' approċċ ta' kura multidixxiplinari koordinat li fih is-servizzi tas-saħħa mentali se jkollhom rwol prominenti u ntegrali.

4. L-edukazzjoni ta' professjonisti tas-saħħa dwar it-tlestija korretta ta' dokumenti li se jiġu trasferiti lil professjonisti oħra mal-pazjent bħall-formoli ta' riferiment u tal-ħruġ mill-isptar. Se jiġi enfasizzat il-valur ta' dawn id-dokumenti, b'mod partikolari billi jkun enfasizzat kif l-istandard tal-informazzjoni li jinkludu se jiddetermina l-progress matul il-perkors tal-kura. Se jsiru disponibbli l-faċilitajiet biex tiġi żviluppata aktar il-mobiltà elettronika ta' dawn id-dokumenti u biex jitwessa' l-aċċess għall-professjonisti kollha li jkollhom il-ħtieġa li jirreferu għalihom.

5. It-taħriġ, u t-taħriġ mill-ġdid tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa biex jiġi żgurat li l-professjonisti qed jirċievu informazzjoni aġġornata u jwasslu servizzi li jitqisu bħala verament iċċentrati fuq il-pazjenti u prattika tajba.

6. L-estensjoni ta' servizzi tal-IT li huma interoperabbli fi ħdan u bejn faċilitajiet tal-kura tas-saħħa b'sistemi ġodda li jinfirxu matul is-settur kollu tal-kura tas-saħħa. Dawn is-sistemi se jwittu t-triq għal aktar possibbiltajiet ta' komunikazzjoni bħall-ordnijiet online, traċċar ta' mediċinali u apparat mediku, intitolament elettroniku, preskrizzjonijiet elettroniċi, u tqassim tal-mediċini b'mod elettroniku.



## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

L-isforzi ewlenin se jimmiraw lejn it-tmexxija, l-kontroll u l-ikkumplimentar tal-attivitajiet inklużi fid-dominji msemmija hawn fuq. Se jikkonċentraw fuq:

1. Il-promozzjoni tal-ħidma multidixxiplinari fl-aspetti kollha tas-servizzi tas-saħħa nazzjonali u l-provvista tal-infrastruttura u l-appoġġ meħtieġa biex tiġi żgurata d-disseminazzjoni ta' dan l-approċċ.
2. Iż-żieda fil-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali għal ħaddiema tas-saħħa u tal-kura soċjali u l-awtoritajiet tas-saħħa u tal-kura soċjali (inklużi l-istrutturi regolatorji rilevanti) sabiex jiġu żgurati ż-żamma u t-titjib tal-ħiliet ta' forza tax-xogħol magħmula minn persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'ħiliet xierqa.
3. Iż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji tal-ICT li jgħinu fit-tixrid ta' informazzjoni dwar pazjenti biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u jiġi faċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet kemm mill-pazjenti kif ukoll mill-professjonisti tas-saħħa.

## 7.4 OBJETTIV ĠENERALI 4 – IL-ĦIDMA LEJN SISTEMI TAS-SAĦĦA SOSTENIBBLI

L-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-Sistemi tas-Saħħa Maltin.

Direzzjoni Strateġika 4A

### IPPJANAR INTEGRAT BĦALA PARTI ESSENZJALI TA' SISTEMI TAS-SAĦĦA SOSTENIBBLI

It-tfassil, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politika sostenibbli dwar l-immirar tar-riżorsi umani, il-mekkaniżmi ta' finanzjament, il-kriterji ta' intitolament għall-kura u l-organizzazzjoni tal-provvista tal-kura.

Il-ftuħ tal-isptar ġdid ta' Mater Dei, sptar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, rriżulta f'ċaqliq mhux mistenni ta' numru sinifikanti ta' persuni u t-talba għal servizzi, mis-sistemi tal-kura tas-saħħa privata għal dik pubblika. Dan, flimkien mal-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, qed ipoġġi piż li qiegħed jiżdied fuq is-sistemi tas-saħħa pubblika li tipprovdi s-servizzi tagħha mingħajr ħlas fil-punt tal-użu. Se titpoġġa enfasi fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi u kosteffikaċi ta' kwalunkwe inizjattiva ġdida. Is-servizzi eżistenti se jiġu evalwati aktar ukoll biex jiġi żgurat li qed jitwasslu b'mod effiċjenti. Il-ħsieb wara dawn l-attivitajiet jiċċentra fuq l-intenzjoni li l-popolazzjoni attwali tkun tista' tkompli tgawdi l-benefiċċji offruti mis-sistemi tas-saħħa tagħna u l-konsegwenzi possibbli bħal piżijiet finanzjarji mhux meħtieġa ma jkollhomx għalfejn jiġu imposti fuq ġenerazzjonijiet futuri.

#### INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

L-attivitajiet ewlenin se jikkonċentraw fuq l-infurmar tal-pubbliku ġenerali dwar servizzi u mediċini li huma disponibbli bħala parti mill-pakkett pubbliku tal-kura tas-saħħa u l-kriterji tal-intitolament u l-proċeduri li jridu jintużaw fl-applikazzjoni għal dawn is-servizzi u mediċini. Il-ħidma se tiffoka fuq:

1. it-tnaqqis fin-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi minn persuni li mhumiex intitolati għal dawn is-servizzi;
2. it-tfassil mill-ġdid u l-implimentazzjoni ta' struttura ġdida tal-kura tal-klijent li se tkun tista' tgħin lill-persuni li qed ifittxu l-appoġġ u l-gwida meħtieġa għal mistoqsijiet relatati mal-provvista tas-servizz.

#### PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

Tingħata attenzjoni speċjali għal:

1. Kampanji ta' informazzjoni mfassla biex il-professjonisti tal-kura tas-saħħa jkunu nfurmati dwar l-obbligi tagħhom li jiżguraw teħid ta' deċiżjonijiet b'attenzjoni biex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tas-sistemi tal-kura tas-saħħa.
2. Għajnuna lill-professjonisti tas-saħħa fil-promozzjoni tal-awtomaneġjar personali u l-kura personali biex jindirizzaw l-aġenti li jikkawżaw stress li jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-post tax-xogħol u biex l-impjegati jkunu jistgħu jżommu bilanċ tal-ħajja tax-xogħol tajjeb u b'saħħtu. L-attivitajiet se jenfasizzaw l-importanza taż-żamma tas-saħħa u l-benesseri ta' ħaddiema tas-saħħa, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, sabiex jaħdmu bl-aħjar mod li jistgħu u jiġi żgurat l-ogħla livell ta' kompetenza tagħhom. L-għan huwa li tiġi ottimizzata l-effikaċja tal-forza tax-xogħol tas-saħħa. Se tiġi pprovduta l-infrastruttura meħtieġa, inkluż l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ psikoloġiku biex jiġi indirizzati l-istress u l-eżawriment ta' impjegat li qed jaħdem fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dan huwa importanti b'mod speċjali f'dawk l-oqsma fejn il-professjonist qiegħed jittratta l-ħin kollu pazjenti b'mard kritiku jew mard terminali.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

L-azzjonijiet se jinkludu:

1. It-titjib tal-kontroll finanzjarju fi ħdan organizzazzjonijiet billi jiżdiedu r-responsabbiltà u t-trasparenza. Eżempju jista' jkun permezz tal-provvista ta' informazzjoni dwar il-kontijiet kemm lill-dawk li jipprovdu kura tas-saħħa kif ukoll lill-dawk li jużaw il-kura tas-saħħa biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-ispejjeż imġarrba u tiġi promossa l-effiċjenza.
2. Il-promozzjoni ta' mudell ta' mmaniġjar li jtejjeb u jilqa' l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-immaniġjar ġenerali tal-organizzazzjoni fi ħdan ambjent li jilqa' ideat innovattivi mmirati lejn il-provvista ta' servizz aktar effiċjenti u ta' kwalità għolja.
3. Il-kontinwazzjoni tal-introduzzjoni u l-infurzar ta' sistemi tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni li jistgħu jimmonitorjaw b'mod effettiv l-operazzjonijiet u r-riżultati tal-attività klinika. Dawn is-sistemi jistgħu jiġu utlizzati wkoll biex jivvalutaw u jiddeterminaw miri u valuri referenzarji ta' nefqa.
4. L-użu effiċjenti tar-riżorsi se jkompli jiġi segwit b'mod aggressiv permezz ta' proċessi bħat-tfassil mill-ġdid tan-negozju biex jittejbu sistemi u operazzjonijiet fejn il-bidla hija meqjusa bħala meħtieġa wara evalwazzjoni sistematika tal-prestazzjoni u valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-identifikazzjoni ta' ħiliet li jeħtieġ li jinkisbu jew jitjiebu biex jiġi nfurmat it-tfassil tat-taħriġ meħtieġ u t-tibdil fil-profili tal-impjieg ta' professjonisti li qed jaħdmu mas-servizzi tas-saħħa.
5. It-tisħiħ u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni u nfrastrutturi legali li jippromwovu u jsostnu l-innovazzjoni u li jrawmu l-applikazzjoni ta' approċċi bbażati fuq is-soċjetà kollha, b'mod partikolari fl-iżvilupp tal-politika.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

L-isforzi ewlenin se jkunu ddedikati għall-iżgurar ta' sorveljanza, immaniġġjar u koordinazzjoni aħjar tal-provvisti, r-riżorsi u s-servizzi pprovduti biex jiġi żgurat li jinkiseb aċċess f'waqtu meta l-pazjenti jeħtieġu servizz. Dan jeħtieġ l-iżvilupp ta' sistemi tal-ICT tas-saħħa li se jiġu koordinati permezz ta' arkitettura korporattiva bbażata fuq politiki u standards miftiehma, sabiex tiġi faċilitata l-kondiviżjoni kkontrollata ta' dejta u riżorsi, jinkiseb valur għall-flus u tiġi stabbilita l-bażi għar-riċerka u l-iżvilupp. L-azzjonijiet se jinkludu:

1. Il-ħolqien ta' Sistemi ta' Maneġġjar tal-Lista ta' Stennija li tinkludi l-lista ta' stennija tad-dipartimenti kollha u għas-servizzi kollha offruti mis-sistemi tas-saħħa.
2. It-tfittix u l-bidu ta' skemi u inizjattivi ta' sħubija pubblika-privata u pubblika-soċjali li jistgħu jintwerew li jżidu l-valur, u biex jiġi żgurat servizz sostenibbli. Dawn il-ftehimiet jeħtieġu livell intensiv ta' monitoraġġ kontinwu u evalwazzjoni tar-riżultati biex jiġi aċċertat b'mod kontinwu li s-servizzi pprovduti huma effiċjenti u l-valur għall-flus huwa garantit.
3. It-tfittix u t-tnedija ta' ftehimiet mas-settur privat tal-assigurazzjoni tas-saħħa biex jitrawmu żidied fl-użu ta' poloz tal-assigurazzjoni privata tas-saħħa mill-popolazzjoni. Dawn il-ftehimiet jeħtieġ li jiġu mmirati lejn l-iżgurar li riżultat prinċipali taż-żieda fl-użu, jirriżulta fil-konsolidazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali.
4. L-istudju tal-adegwatezza tal-flussi tad-dħul ġodda jew alternattivi li jistgħu jintużaw biex jiġi supplimentat il-finanzjament tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Mill-banda l-oħra, kwalunkwe dħul minħabba fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali jeħtieġ li jiġi segwit b'mod aktar aggressiv biex il-ġbir ta' dawn il-fondi jiġi affettwat b'mod aktar f'waqtu u komprensiv.

5. L-iżgurar li jiġu stabbiliti u implimentati prezzijiet massimi ta' referenza meta jiġu introdotti mediċini ġodda fil-formularju tal-Gvern. Partijiet interessati se jiġu involuti b'mod konsistenti biex jiżguraw li jkun hemm prezz ġust. Se jkomplu jiġu evalwati u mtejba l-prattiċi ta' akkwist biex tittejjeb b'mod kontinwu l-affidabbiltà tagħhom.
6. L-issimplifikar tal-proċess u l-kriterji ta' intitolament għas-servizzi differenti biex dawn il-mogħdijiet ikunu jistgħu jsiru aktar effiċjenti.
7. Ir-reviżjoni tas-servizzi tal-komunità u l-proċess u l-kriterji ta' ntitolament tal-kura fit-tul biex isiru aktar iffokati fuq dawk il-persuni li l-aktar jeħtieġu dawn is-servizzi.
8. It-tfassil ta' sistemi li jistgħu jiġġestixxu l-ostaklu bejn il-kura pubblika u privata billi jsir investiment fit-teknoloġija tal-informazzjoni u r-riżorsi umani meħtieġa, biex titjieb il-komunikazzjoni bejn dawn iż-żewġ setturi. Dan għandu jikseb standard ta' kura għola billi tittejjeb il-kontinwità tal-kura u tiġi permessa kura aħjar fil-komunità.
9. Il-ġbir ta' informazzjoni dwar is-saħħa finanzjarja aktar granulari mis-sistemi tas-saħħa pubblika biex jiġu pprovduti estimi aħjar għall-ippjanar u l-kalkoli baġitarji. Ippjanar aħjar jista' jwassal għal prijoritizzazzjoni aħjar ta' investimenti futuri u aktar effiċjenza fl-użu ta' fondi tas-servizzi tal-kura tas-saħħa biex b'hekk xi fondi jiġu rilaxxati biex tiġi permessa l-kontinwità ta' servizzi importanti oħra anċillari għall-kura tas-saħħa bħal ċerti servizzi soċjali.

Dawn il-ħtiġijiet se jiġu implimentati skont ir-riżorsi finanzjarji li se jsiru disponibbli għall-Ministeru matul it-terminu ta' żmien ta' din l-Istrateġija

## Direzzjoni Strateġika 4B
## It-titjib fit-tmexxija u l-governanza parteċipatorja għas-saħħa

It-tijieb fil-governanza u l-għoti tas-setgħa lit-tmexxija futura għas-saħħa u l-benessere biex jiġu influwenzati deċiżjonijiet nazzjonali permezz ta' approċċi bbażati fuq gvern sħiħ u fuq is-soċjetà kollha. Se jiġu applikati fi ħdan is-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa kollha l-kunċetti u l-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex jiġu stimolati, miżjuda u appoġġjati l-governanza klinika u t-tmexxija medika.

Se jittieħdu azzjonijiet biex jittejbu t-tmexxija u l-governanza parteċipatorja lejn is-saħħa. Se jinbdew attivitajiet tal-gvern sħiħ li huma azzjonijiet tal-gvern fuq diversi livelli (minn lokali għal globali) li jinvolvu wkoll dejjem aktar gruppi barra mill-gvern.[24] Dan l-approċċ jeħtieġ il-bini ta' fiduċja, etika komuni, kultura koeżiva u ħiliet ġodda. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni u integrazzjoni aħjar, iċċentrati fuq l-għanijiet soċjali globali li qed jirrappreżenta l-gvern. Se jiġi involut aktar sostenn biex jiġi enfasizzat il-kunċett tas-saħħa fil-politika kollha biex is-setturi kollha jifhmu u jaġixxu fuq ir-responsabbiltà tagħhom għas-saħħa filwaqt li jirrikonoxxu kif is-saħħa taffettwa wkoll setturi oħra.

Il-governanza u t-tmexxija se jiddeċentralizzaw lil hinn mil-livell tal-Ministeru. Se jiġu infurzati wkoll f'livell soċjali permezz ta' approċċi tas-soċjetà kollha, li se jikkumplimentaw il-politika pubblika. Se jittieħdu diversi tattiċi u azzjonijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni permezz ta' valuri normattivi u l-bini ta' fiduċja fost varjetà wiesgħa ta' partijiet interessati. Ir-responsabbiltà, u l-kontabbiltà se jibqgħu prinċipji b'saħħithom fi ħdan dan il-pjan ta' mmaniġjar strateġiku li se jqajjem il-ħtieġa li jiġu implimentati diversi bidliet. Kumpliment mgħammar sew ta' professjonisti mħarrġa se jkun meħtieġ biex jieħu fuq spallejh dawn l-isfidi.

## INDIVIDWI, FAMILJI U KOMUNITAJIET

Il-punt ewlieni ta' azzjoni se jkun li fl-aħħar mill-aħħar tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fil-kura primarja. Se titfassal kampanja ta' promozzjoni fuq skala nazzjonali biex jiġi żgurat li l-persuni jkunu jistgħu jiddifferenzjaw b'mod ċar bejn il-kura primarja u dik sekondarja (tal-isptar). Dan jista' jinkiseb jekk il-pubbliku jiġi infurmat u edukat sew dwar is-servizzi differenti offruti mid-dipartimenti tal-kura tas-saħħa differenti. Bħala riżultat, il-poplu se:

- iżid l-għażla tiegħu tal-livell tal-kura tas-saħħa primarja bħala l-ewwel punt ta' referenza għal parir;
- ifittex l-kura speċjalizzata fejn tkun meħtieġa biss;
- jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk għandux inizjalment ifittex il-kura primarja jew speċjalizzata aktar fuq is-severità u l-urġenza tas-sinjali u tas-sintomi tiegħu.

## PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA

L-attivitajiet se jikkonċentraw fuq l-għoti ta' assistenza lill-professjonisti tas-saħħa biex jipprovdu appoġġ aħjar għal persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali. Eżempji jinkludu:

1. Aktar riċerka f'dan il-qasam biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali biex jinħolqu soluzzjonijiet innovattivi ħalli jiġu ndirizzati dawn il-ħtiġijiet.
2. Jiġu permessi kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jiġu aġġustati aktar għal persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod formali, bħal sigħat flessibbli biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' dawk il-persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn b'mod informali.
3. Il-professjonisti tas-saħħa jiġu mħeġġa jfittxu u jassumu rwoli ta' tmexxija medika u klinika u ta' tmexxija kondiviża. It-Tmexxija Medika f'kuntest ta' tmexxija kondiviża, ġiet identifikata wkoll bħala ta' importanza kritika fl-implimentazzjoni ta' bidla, kwalità ta' kura u sikurezza tal-pazjent.

## ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

L-azzjonijiet se jikkonċentraw fuq:

1. Il-provvista ta' taħriġ intensiv u żvilupp ta' ħiliet ta' tmexxija fil-livelli differenti ta' mmaneġġjar għall-impjegati tal-kura tas-saħħa. It-tmexxija u l-governanza klinika huma meħtieġa fil-livell makro, fejn il-ħatra ta' professjonisti tas-saħħa differenti għal rwoli ta' tmexxija tipprovdi viżjoni, direzzjoni u ingranaġġ ta' kultura u klima; livelli tan-nofs fejn firxa wiesgħa ta' mexxejja huma meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-bidla u f'mikrosistemi kliniċi fejn it-tmexxija hija rikonoxxuta bħala kruċjali biex tinkiseb il-prestazzjoni f'livelli għoljin.
2. L-iżgurar ta' governanza tajba u mmaneġġjar effiċjenti tar-riżorsi fi ħdan is-Sistemi tas-Saħħa. Dan se jinkludi l-użu aħjar ta' finanzjament estern għal spejjeż kapitali.
3. Li s-settur tal-kura primarja jkun jista' jwettaq aħjar l-irwol tiegħu bħala gwardjan u bħala sieħeb ugwali għall-kura speċjalizzata u sekondarja.

## AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

Huma nklużi diversi attivitajiet. L-għan huwa li:

1. Id-dipartimenti jiġu pprovduti bl-appoġġ teknoloġiku, amministrattiv u maniġerjali meħtieġ biex ikunu jistgħu jaħdmu f'armonija ma' xulxin u jiġbru l-istatistika li jeħtieġu biex jimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħhom u jsiru aktar effiċjenti.
2. Jiġu skjerati l-investimenti infrastrutturali u kapitali meħtieġa, b'mod speċjali fl-oqsma tas-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjonijiet, b'enfasi fuq il-mediċina elettronika. Biż-żieda fil-moviment ta' persuni bejn il-pajjiżi, dan il-qasam iggwadanja żieda fir-rilevanza u l-importanza. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ qafas ta' standards effettivi sabiex tiġi appoġġjata l-interoperabilità tar-rekords tas-saħħa matul is-setturi u bejn faċilitajiet tal-fornituri tal-kura tas-saħħa differenti u jeħtieġ li jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni u l-ġbir tal-istatistika jsiru fil-punti tal-kura kollha u minn dawn il-punti tal-kura kollha.
3. Jingħata valur aħjar għall-flus għall-investiment u r-riżorsi meħtieġa biex tiġi indirizzata s-saħħa tal-popolazzjoni billi jiġi stabbilit sett ta' indikaturi ewlenin li jista' jiġi monitorjat b'mod regolari biex titkejjel il-prestazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, il-flus investiti u t-tijieb fis-saħħa tal-popolazzjoni u riżultati tas-saħħa oħra mixtieqa. Huma meħtieġa miżuri ċari biex jiġi stabbilit kif ir-riżorsi investiti qed jiġu tradotti fi kwalità ta' ħajja aħjar għall-pubbliku ġenerali.
4. Is-servizzi pprovduti mis-setturi pubbliċi u privati jiġu koordinati u magħquda flimkien fi ħdan strateġija nazzjonali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' riżorsi, jiġu integrati servizzi tal-kura tas-saħħa biex tiġi provduta kontinwità ta' kura mingħajr xkiel u tiġi żgurata s-sinerġija lejn l-objettivi nazzjonali.
5. Ifittxu dejjem aktar li jinvolvu ruħhom fil-bidu ta' approċċi settorjali għas-saħħa u jaġixxu bħala intermedjarji tas-saħħa u sostenituri. Dan se jinkludi t-tisħiħ tal-involviment permezz tal-eżerċizzju ta' tmexxija, diplomazija u ħiliet ta' persważjoni sabiex jiġu enfasizzati aħjar il-kisbiet ekonomiċi, soċjali u politiċi li jistgħu jakkumulaw minn saħħa tajba u l-effetti detrimentali tal-mard u l-inugwaljanzi fuq kull settur.

Kapitlu 8

# Governanza tal-Istrateġija tas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali

## 8.1 INTRODUZZJONI

Il-governanza fis-saħħa hija tema trażversali, li hija konnessa b'mod intimu ma' kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà. Hemm kunsens mifrux u apprezzament li qed jiżdied tal-importanza tal-governanza fit-titjib tar-riżultati u din tista' tinqasam f'tal-anqas erba' komponenti prinċipali, nkluż:

1. is-sistemi ta' informazzjoni tas-saħħa;
2. il-finanzjament tas-saħħa;
3. ir-riżorsi umani għas-saħħa;
4. il-provvista tas-servizz tas-saħħa.

Iż-żieda fl-importanza mogħtija lill-kwistjonijiet ta' governanza hija xprunata mill-ħtieġa għal aktar responsabbiltà. Dan l-interess qed jinħoloq kemm miż-żieda fil-finanzjament tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa kif ukoll mid-domanda li qiegħda tikber minn partijiet interessati biex jaraw ir-riżultati.

Il-governanza u r-responsabbiltà huma marbuta mal-immaniġġjar tar-relazzjonijiet bejn diversi partijiet interessati fis-saħħa. Dawn jinkludu individwi, familji, komunitajiet, gvernijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ditti privati, u entitajiet oħra li għandhom ir-responsabbiltà li jiffinanzjaw, jimmonitorjaw, jipprovdu u jużaw servizzi tas-saħħa. B'mod speċifiku, ir-responsabbiltà għandha x'taqsam ma':

a. għarfien (impliċitu jew espliċitu) ta' kif se jiġu pprovduti s-servizzi;
b. assigurazzjoni li l-finanzjament u r-riżorsi adegwati huma disponibbli biex jiġu pprovduti s-servizzi;
ċ. assigurazzjoni tal-livell ta' kwalità u l-prestazzjoni tas-servizzi li fil-fatt jiġu pprovduti;
d. il-kisba ta' informazzjoni rilevanti biex tiġi evalwata jew immonitorjata l-prestazzjoni;
e. l-infurzar ta' azzjonijiet bħall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet jew il-provvista ta' gwadanji għall-prestazzjoni.[59]

## 8.2 IL-QAFAS BAĠITARJU

In-nefqa nazzjonali fuq is-sistemi tas-saħħa hija, u se tkompli tkun, punt baġitarju sostanzjali tal-Baġit Nazzjonali fil-futur prevedibbli. L-NHSS huwa pjan strateġiku ta' objettivi, strateġiji, direzzjonijiet u azzjonijiet li jinkludi riformi u iinvestimenti mmirati lejn l-akkwist ta' aktar valur għall-flus u l-promozzjoni ta' nfiq aktar intelliġenti biex jiġu żgurati aktar riżultati tas-saħħa aħjar u jitwettaq tfaddil potenzjali.

L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-NHSS se jkunu dipendenti fuq il-qafas baġitarju fi ħdan s-sistemi tas-saħħa nazzjonali u se tiġi ffinanzjata matul il-ftit snin li ġejjin. Kwalunkwe tibdil fin-nefqa fuq is-saħħa jkun imbagħad dipendenti fuq it-tkabbir nazzjonali u fi ħdan ix-xerjiet previsti għad-dħul u l-infiq nazzjonali. Il-pjan baġitarju fuq terminu medju għas-settur tas-saħħa se jiġi monitorjat mill-Kummissjoni tal-UE fid-dawl tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż [60] li fl-2013 identifikaw kwistjonijiet bħal:

- is-sostenibbiltà fit-tul ta' finanzi pubbliċi u l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqas it-tul ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku;
- l-implimentazzjoni ta' strateġija komprensiva għat-tixjieħ attiv, u t-tisħiħ tal-provvediment tal-kura primarja pubblika;
- il-ħtieġa għal riformi tal-kura tas-saħħa biex tiżdied il-kosteffikaċja tas-settur u l-monitoraġġ tal-andament tas-sistemi tas-saħħa.

Pjan ta' azzjoni kumplimentat b'qafas baġitarju għall-implimentazzjoni tal-NHSS se jiġi konkluż wara t-tlestija tal-fażi ta' konsultazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-NHSS finalizzat. Huwa previst li l-metodoloġija li se tiġi wżata biex jiġi determinat dan il-qafas baġitarju se tinkludi:

a. approċċ "minn fuq għal isfel" biex jintwerew ir-rati li bihom jeħtieġ li jikbru l-baġits nazzjonali tas-saħħa biex jiġi sostnut it-tibdil fid-domanda għas-servizzi tas-saħħa taħt xenarji differenti;

b. approċċ "minn isfel għal fuq" li jipprova juri l-effetti potenzjali ta' direzzjonijiet strateġiċi u miżuri differenti inklużi f'din l-istrateġija biex jinfluwenza r-rati taż-żidiet previsti fin-nefqa tas-saħħa u jirreġistra t-titjib fir-riżultati tas-saħħa.





## 8.3 L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI

L-għan komprensiv ta' din l-istrateġija huwa li tintwera u tiġi dokumentata b'mod ċar l-intenzjoni tal-Gvern nazzjonali biex jittejbu b'mod kontinwu r-rispons, l-adegwatezza, il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. L-NHSS tistabbilixxi l-pjan direzzjonali strateġiku għall-kisba tal-objettivi u d-direzzjonijiet li ġew identifikati bħala ewlenin lejn it-twettiq tal-għanijiet imsemmija hawn fuq. Diversi azzjonijiet inklużi f'din l-istrateġija se jeħtieġu l-investiment ta' ammont ta' riżorsi mdaqqas li jinkludi riżorsi u kompetenzi finanzjarji, amministrattivi, umani u teknoloġiċi.

L-investiment tal-kapital meħtieġ għat-twettiq ta' numru ta' miżuri inklużi fl-NHSS se jiġi mfittex permezz tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-influssi u tal-proġetti kofinanzjati rilevanti tal-UE. Xi wħud mill-miżuri jimmiraw lejn il-ġenerazzjoni ta' tfaddil min-nefqa rikorrenti tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali permezz taż-żieda fl-effiċjenza

operattiva. Oħrajn jippromwovu jew ifittxu li jintroduċu proċessi u strutturi ġodda li se jżidu u jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi. Fl-aħħar nett, din l-istrateġija tinkludi miżuri li se jinvolvu t-tfassil mill-ġdid ta' proċeduri skont prattiċi tajba bbażati fuq l-evidenza. Dawn il-miżuri se jiġu implimentati biex jgħinu li jillimitaw iż-żieda fin-nefqa tal-kura tas-saħħa li se tirriżulta prinċipalment mit-tixjieħ tal-popolazzjoni.

Se jiġi mfittex finanzjament għat-tixrid u l-promozzjoni tal-NHSS. Se jkun meħtieġ li l-NHSS tiġi promossa b'mod wiesgħa biex il-partijiet interessati kollha jiġu infurmati u jkunu jistgħu jidentifikaw u jżommu l-prinċipji u l-valuri tagħha.

## 8.4 IL-KEJL TAL-PRESTAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA

Biex jinkisbu t-titjib u l-iżvilupp tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u biex jiġu żgurati l-aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità u s-sostenibbiltà ekonomika fi ħdan ir-riżorsi baġitarji disponibbli, l-istrateġija għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali teħtieġ li jkollha sistemi ta' monitoraġġ u reviżjoni effettiva u sostenibbli. Għalhekk, azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-istrateġija tas-sistemi tas-saħħa futura se jiġu mmonitorjati u vvalutati b'mod kontinwu u konsistenti permezz tal-introduzzjoni ta' Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa (HSPA). L-HSPA se tkun parti integrali tal- NHSS. Se tintuża wkoll biex timmonitorja l-implimentazzjoni, il-progress u l-kisbiet tal-istrateġija.

It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-HSPA jqisu diversi aspetti u jeħtieġu konsultazzjoni estensiva ma' partijiet interessati differenti bl-għan li jinkiseb kunsens nazzjonali dwar il punti fokali ul-proċessi li din is-sistemi ta' monitoraġġ u valutazzjoni se tinvolvi. Il-punti fokali ġenerali u l-karatteristiċi speċjali tal-HSPA għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali f'Malta jinkludu:

- Netwerk ta' indikaturi li jeħtieġ li jħaddan u jinkorpora (jew jiġi estiż għal) basket ta' indikaturi għall-istrateġiji speċifiċi għall-qasam minħabba d-diversi strateġiji tas-saħħa speċifiċi għall-mard jew għall-qasam li ġew żviluppati jew qed jiġu żviluppati. Dan se jkun mod effettiv kif tiġi żgurata aktar l-integrazzjoni ta' dawn l-istrateġiji vertikali mal-istrateġija tal-livell tas-sistemi tas-saħħa komprensiva l-ġdida.
- Għanijiet biex tintuża kemm jista' jkun statistika eżistenti jew li tinġabar bħala rutina. L-indikaturi inklużi se jiġu magħżula abbażi tar-rilevanza tagħhom kif ukoll il-punt sa fejn l-istatistika meħtieġa tista' tinġabar u tiġi aggregata b'mod realistiku u tilħaq livelli relattivament għoljin ta' affidabbiltà u validità.
- Ir-rekwiżit li jiġi assimilat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-NHSS fi ħdan l-istrutturi preżenti tal-informazzjoni, l-monitoraġġ u s-sorveljanza tas-saħħa.
- Sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni li tkopri l-partijiet kollha tas-sistemi tas-saħħa, bħas-servizzi tal-kura tas-saħħa, il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa u s-saħħa pubblika u tinkludi wkoll perspettivi lil hinn mill-kuntest tas-saħħa li jinkludu s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja nazzjonali u s-setturi tal-edukazzjoni, l-impjieg u s-servizzi soċjali.
- Qafas li huwa marbut direttament mas-sistemi tal-governanza u l-għodda użati għall-kura tas-saħħa f'Malta.
- Il-ħtieġa għal bini tal-kapaċitajiet immirat biex jiġu żgurati l-istituzzjonalizzazzjoni u s-sostenibbiltà tal-proċessi u l-funzjonijiet tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni. Jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tat-tim lokali u persuni interessati oħra biex ikunu jistgħu jwettqu l-HSPA u jiżguraw aktar żvilupp li se jippermetti impatt sostenibbli tal-proġett.

- Strateġija ta' komunikazzjoni u tipi differenti ta' rapporti/dokumenti ta' produzzjoni żviluppati għal partijiet interessati differenti bħal dawk li jfasslu l-politika, il-pubbliku ġenerali, dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa u professjonisti tas-saħħa.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-HSPA jinvolvu diversi attivitajiet. Dawn jinkludu l-immappjar ta' indikaturi eżistenti, l-istabbiliment ta' miri realistiċi għall-istrateġiji kollha, l-immappjar ta' miri u għanijiet eżistenti għal qafas teoretiku tas-sistemi tas-saħħa, it-twettiq ta' inventarju ta' sorsi tad-data eżistenti, l-immappjar ta' oqsma fejn ma hija disponibbli l-ebda data, il-bini ta' sett ta' indikaturi ideali bħala kontribut għall-iżvilupp tal-ġbir tad-data fil-pajjiż, u fl-aħħar nett, l-iżvilupp u l-qbil dwar valuri referenzjarji (għanijet, tibdil maż-żmien, paraguni bejn il- pajjiżi, eċċ.) għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni.

## 8.5 IT-TMEXXIJA TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA NAZZJONALI

Se jiġi stabbilit kumitat ta' tmexxija biex tiġi monitorjata u koordinata l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u biex tiġi żgurata azzjoni f'waqtha u robusta matul id-diversi komponenti tal-istrateġija. Is-sħubija se tinkludi rappreżentanza mill-partijiet interessati ewlenin li se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-diversi miżuri fl-istrateġija. Din ir-rappreżentanza tista' testendi lil hinn mill-Ministeru responsabbli għas-saħħa, f'konformità mal-approċċi bbażati fuq gvern sħiħ u fuq is-soċjetà kollha proposti fl-Objettiv Strateġiku 4.

Il-kumitat li se jitwaqqaf se jkollu l-mandat li ġej:

1. Li jmexxi l-proċess tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet differenti fl-istrateġija.

2. Li jimmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet differenti tal-istrateġija u fil-kisba tal-erba' objettivi tal-istrateġija.

3. Li jimmonitorja l-akkwist tar-riżorsi meħtieġa u jżomm kont tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Il-kumitat ta' tmexxija se jwettaq il-ħidma tiegħu f'isem il-Ministru responsabbli għas-Saħħa. L-entitajiet kollha li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-Ministeru se jkunu marbuta li jissottomettu rapporti dwar il-progress miksub u/jew dwar pjani ta' azzjoni u/jew kontijiet finanzjarji għal kull waħda mill-miżuri tal-istrateġija fuq talba minn dan il-kumitat.

Il-kumitat se jikkummissjona studji xjentifiċi biex jakkwista informazzjoni aġġornata u analiżi dwar l-istatus tal-azzjonijiet u l-indikaturi ewlenin ta' din l-istrateġija bl-għan li jitwettaq ir-rekwiżit għal monitoraġġ kontinwu tal-kisba tal-objettivi tal-istrateġija. Valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa sostnuta, ripetuta f'intervalli regolari, se tkun il-pedament ta' tali strateġija ta' monitoraġġ.

L-informazzjoni kollha miġbura mill-kumitat se tintuża biex jiġu miġbura u maħruġa reviżjoni f'nofs it-terminu u evalwazzjoni fl-aħħar tat-terminu tal-progress miksub f'relazzjoni mal-iżvilupp u l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa sal-2020 u lil hinn.

# Referenzi


1. Goodwin, N. "Leadership in Healthcare: A European Perspective". Ablingdon : Routledge, 2005.

2. Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Reviżjoni Demografika 2010. Malta : Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2011.

3. World Bank. "World Development Indicators". [Online] . http://data.worldbank.org/country/Malta. Aċċessata fit-28.05.2014

4. Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). "Census of Population and Housing, 2005". Malta : Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2007.

5. Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. "European Health for all Database" (HFA-DB). [Online] . http://data.euro.who.int/hfadb. Aċċessata fid-29.05.2014

6. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa. Reġistru Nazzjonali tal-Mortalità, Rapport Annwali 2010. Malta : Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa, 2011.

7. Berrino, F., et al. "Survival for eight major cancers and all cancers combined for the European adults diagnosed in 1995-99: Results of the EUROCARE-4 study". 2007. pp. 773-783.

8. Verdecchia, A., et al. "Recent cancer survival in Europe: a 2000-02 period analysis of EUROCARE-4 data". 2007. pp. 784-796.

9. Taqsima għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard Infettiv (IDCU). Rapport Annwali 2012. Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, 2013.

10. Eurostat, (Il-Kummissjoni Ewropea). "Body mass index (BMI) by sex, age and educational level (%) - collection round 2008". [Online] 2014. http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=hlth_ehis_de1&lang=en. Aċċessata fid-29.05.2014

11. Currie, C., et al. "Inequalities in young people's health. HBSC international report from the 2005/2006 survey. Health Policy for Children and Adolescents". Copenhagen, Den : Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2008.

12. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa (DHIR). Studju pilota tal-"European Health Examination Survey" (EHES) 2010. Malta : Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa, 2012.

13. Eurostat, (Kummissjoni Ewropea). "Proportion of people reporting one or more disease, by disease, sex, age and educational level (%) - collection round 2008". 2014. Aċċessata fid-29.05.2014.

14. Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn (ESPAD). Rapport tal-ESPAD 2011. 2012.

15. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa. Rapport Annwali tas-Sistemi ta' Informazzjoni Nazzjonali dwar l-Obstetrija ("National Obstetrics Information System", NOIS) 2012: Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa, 2014.

16. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "National Health Accounts - Global health expenditure database". Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. [Online] http://www.who.int/nha/expenditure_database/en/. Aċċessata fid-29.05.2014.

17. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa (DHIR). "European Health Interview Survey" (EHIS) 2008. Malta : Ministeru tas-Saħħa, 2008.

18. Eurostat, (Kummissjoni Ewropea). Statistika tal-Istħarriġ dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien ("Health care: indicators from the SILC survey") (mill- 2004 'il quddiem). Aċċessata fid-29.05.2014.

19. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). WHO. "Everybody's business: strengthening health systems to improve health outcomes: WHO's framework for action". 2007.

20. Attwood, M., et al. "Leading Change: A guide to whole systems working". Bristol : The Policy Press, 2003.

21. Dipartment tas-Saħħa tar-Renju Unit. "Healthy Lives, Healthy People: Our strategy for public health in England " (Ħajjiet b'Saħħithom, Persuni b'Saħħithom: L-istrateġija tagħna għas-saħħa pubblika fl-Ingilterra) 2012.

22. Marmot, M. "Fair Society, Healthy Lives. The Strategic Review of Health Inequalities in England post 2010 (The Marmot Review)". London : University College London Institute of Health Equity, 2010.

23. Dipartiment tas-Saħħa tal-Irlanda. "Healthy Ireland: A framework for improved health and wellbeing 2013-2025". Dublin : Dipartiment tas-Saħħa tal-Irlanda, 2012.

24. Il-62 Kumitat Reġjonali Ewropew tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "2020: a European policy framework supporting action across government and society for health and well-being" (Saħħa 2020: qafas ta' politika Ewropea li jappoġġja azzjoni fil-gvern u s-soċjetà għas-saħħa u l-benesseri"). Malta : Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2012.

25. South, J., White, J. and Gamsu, M. "People-centred Public Health". Bristol : The Policy Press, 2013.

26. Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Community participation in local health and sustainable development. Approaches and techniques. European sustainable development and health (series 4)". Copenhagen : 2002.

27. Couillard, P. "The Canada we want in 2020, Lessons from 2004, perspectives for 2014; Securing our health system for the future". 2011.

28. Kunsill Ewropew. "Council Conclusions on Common Values and Principles in European Union Health Systems", OJ 2006/C 146/01. 22.6.2006.

29. Il-Kummissjoni Ewropea. "Social Investment Package, Commission Staff Working Document, Investing in Health", Kumissjoni Ewropea. 2013.

30. 'World Economic Forum'. "World Economic Forum, Harvard - The Global Economic Burden of Non-Communicable Diseases" : Skola tas-Saħħa Pubblika, Harvard, 2011

31. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). "Obesity and the economics of prevention: Fit not fat'." 2010.

32. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Global status report on non communicable diseases": Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2011.

33. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Ir-rapport "Health at a Glance:Europe" (Is-Saħħa f'Daqqa t'Għajn): Ewropa 2012. : OECD Publishing, 2012.

34. Il-Kummissjoni Ewropea. L-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (l-indikaturi ECHI). 2013.

35. Il-Kummissjoni Ewropea. Regolamenti u dispożizzjonijiet ġenerali u regolamenti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (2007-2013). 2006. Vol. 1083.

36. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika. "Joint Report on Health Systems" . Brussels : 7.12.2010. Vol. Occasional papers 74, Laqgħa 3054 tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

37. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "The World Health Report — Health systems financing: the path to universal coverage". 2010.

38. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika (DĠ ECFIN). "The impact of ageing on public expenditure: projections for the EU25 Member States on pensions, health care, long term care, education and unemployment transfers" (2004-2050). Direttorat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN), 2006.

39. Il-Kummissjoni Ewropea. Strateġija tal-UE dwar is-Saħħa - Flimkien għas-Saħħa:Approċċ Strateġiku għall-UE 2008- 2013. 2007.

40. Eurostat, (Il-Kummissjoni Ewropea). Eurostat – 'Statistics Database'. Kumissjoni Ewropea. [Online] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics. Aċċessata fid-29.05.2014.

41. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Highlights from the Health Behaviour in School aged Children". Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2010.

42. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Health Behaviour in School Aged Children" 2006. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2006.

43. Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard. Numru ta' klassijiet u numru ta' parteċipanti fi Kliniċi tal-Waqfien mit-Tipjip organizzati mill-Unità tal-Promozzjoni tas-Saħħa. Ad hoc data. 2013

44. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Proġett ta' Monitoraġġ Multinazzjonali ta' xejriet u determinanti fil-mard Kardjovaskulari (MONICA) [Online] 2013. http://www.thl.fi.monica/index.html.

45. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Health behaviour in school-aged children" 2010. : Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2010.

46. Federazzjoni Internazzjonali tad-dijabete. "Diabetes Atlas" ir-4 Edizzjoni, 2009. [Online] 2013. http://www.idf.org/diabetesatlas/downloads/

47. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa (DHIR). Reġistru Nazzjonali tal-Kanċer. Malta. 2012.

48. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Is-Soċjetà f'Daqqa t'għajn, 2009. [Online] May 2009. http://www.oecd-ilibrary.org/social-issues-migration-health/society-at-a-glance-2009_soc_glance-2008-en.

49. Direttorat għall-Informazzjoni u r-Riċerka dwar is-Saħħa (DHIR). Sistemi Nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Sptarijiet ("National Hospitals Information System" NHIS). 2012.

50. L-Uffiċċju tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni. "Treatment Abroad Section". Ministeru għas-Saħħa, Malta, 2013.

51. "National Screening Unit", Malta. 'adhoc statistical data'. Ministeru għas-Saħħa, Malta, 2013.

52. Uffiċċju reġjonali għall-Asja tax-Xlokk u l-Uffiċċju reġjonali għall-Paċifiku tal-Punent tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "People at the centre of health care: harmonizing mind and body, people and systems". Geneva : Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007.

53. Balint, M., et al. "Treatment or Diagnosis. A Study of Repeat Prescriptions in General Practice". London : Tavistock Publications Ltd, 1970.

54. "Committee on Quality of Health Care in America - Institute of Medicine". "Crossing the quality chasm: a new health system for the 21st century". : Institute of Medicine, 2001.

55. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "Innovative care for chronic conditions: Building blocks for action". Geneva : Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2002.

56. Glover, V. "Journey to Wellness: Designing a People-Centred Health System for Canadians". Canada : Hushion House Publishing Limited, 2005.

57. International Alliance of Patients' Organizations. "What is Patient-Centred Healthcare?: A Review of Definitions and Principles". Londra, ir-Renju Unit : IAPO, 2005.

58. Uffiċċju reġjonali għall-Paċifiku tal-Punent tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). "People at the Centre of Care Initiative" (L-inizjattiva ta' Persuni fiċ-Ċentru tal-Kura). Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2006.

59. World Bank. "World Development Report 2004: Making Services Work for Poor People". Washington D.C. : World Bank and Oxford University Press, 2004.

60. Eurostat, OECD, World Health Organization. "A System of Health Accounts": 2011 Edition : OECD Publishing., 2011.

61. Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. "Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar 2011". Malta : Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2014